KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 26.5.2004
KUMM(2004) 391 finali

2004/0127 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jwaqqaf Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri

.

(preżentata mill-Kummissjoni)

WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI 4

1. Daħla 4

2. Għanijiet u kontenut tal-proposta: minn tibdil fil-Manwal Komuni għal kodiċi tal-Komunità ta' regoli dwar iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri 8

3. L-ġħażla tal-bażi legali 10

4. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità 11

5. Konsegwenzi ta' protokolli differenti annessi mat-trattati 11

Ir-Renju Unit u l-Irlanda 11

Id-Danimarka 12

In-Norveġja u l-Islanda 12

6. Konsegwenzi għal Stati Membri ġodda tal-proċedura fuq żewġ stadji biex jiġu implimentati strumenti li jibnu fuq l-acquis ta' Schengen 13

7. Kummenti dwar l-artikoli 14

ANNESS Dispożizzjonijiet tal-Manwal Komuni li ma ġewx inkorporati 38

REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jwaqqaf Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri 40

Titolu I Dispożizzjonijiet ġenerali 44

Titolu II Il-Fruntieri esterni 47

Kapitolu I Il-qsim ta' fruntieri esterni u l-kundizzjonijiet għad-dħul 47

Kapitolu II Il-kontroll ta' fruntieri esterni u d-dħul miċħud 49

Kapitolu III Ir-riżorsi għall-kontrolli fil-fruntieri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri 54

Kapitolu IV Ir-regoli speċjali u dettaljati dwar kontrolli fil-fruntieri u l-proċeduri speċifiċi 55

Titolu III Il-Fruntieri interni 56

Kapitolu I It-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni 56

Kapitolu II Il-Klawsola tal-protezzjoni 57

Titolu IV Dispożizzjonijiet finali 59

ANNESS I Punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera 62

ANNESS II Evidenza dokumentarja li tistabbilixxi kemm huma plawżibbli r-raġunijiet għad-dħul 187

ANNESS III Ammonti ta' referenza meħtieġa biex jinqasmu l-fruntieri, iffissati kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali 189

ANNESS IV Kontrolli f'punti awtorizzati li minnhom tinqasam il-fruntiera 199

ANNESS V Meta jiġu llaxkati l-kontrolli fil-fruntieri fuq l-art 200

ANNESS VI Mudelli ta' sinjali li jidentifikaw il-lejns fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera ... 201

ANNESS VII L-ittimbrar 205

ANNESS VIII Parti A Proċeduri biex wieħed ma jitħalliex jidħol 206

Parti B Formola standard għal min ma jitħalliex jidħol 208

ANNESS IX Lista ta' servizzi nazzjonali responsabbli għal kontrolli fil-fruntiera 210

ANNESS X Regoli speċjali u dettaljati għal tipi differenti ta' fruntieri u l-mezzi differenti ta' trasport użati biex jinqasmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri 212

ANNESS XI L-arranġamenti speċjali għal ċerti kategoriji ta' persuni 220

ANNESS XII Mudelli ta' kards maħruġa mill-Ministeri Barranin 223

ANNESS XIII Tabella ta' korrelazzjoni 224

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. DAHLA

Il-Komunikat tal-Kummissjoni Lejn Amministrazzjoni Integrata tal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Mejju 2002 (minn hawn 'il quddiem "Komunikat dwar il-fruntieri esterni")[1] identifika ħames komponenti essenzjali tal-politika komuni dwar l-amministrazzjoni integrata tal-fruntieri esterni:

a) korp komuni ta' leġiżlazzjoni;

b) koordinazzjoni operattiva u mekkaniżmu ta' kooperazzjoni komuni;

c) analiżi tar-riskji integrata komuni;

d) impjegati mħarrġa fid-dimensjoni Ewropea u tagħmir interoperattiv;

e) tqassim tal-piż bejn Stati Membri fil-ħolqien ta' Korp Ewropew ta' Gwardji tal-Fruntieri.

Dwar il-korp komuni ta' leġiżlazzjoni, it-tibdil li sar fil-Manwal Komuni dwar kontrolli fil-fruntieri esterni[2] kien identifikat bħala miżura li ttieħdet għal perjodu qasir ta' żmien,[3] l-aktar "biex ikun iċċarat l-istatus legali tad-dispożizzjonijiet tiegħu u biex dawn isiru sors ta' liġi flimkien ma' strumenti legali oħra li diġà jeżistu" u biex "jiddaħħlu fil-Manwal Komuni ċerti elementi ta' l-aħjar prassi, skond il-bażi tal-Katalogu ta' Schengen ta' l-Aħjar Prassi".[4] Dan kien inkorporat fil-Pjan għall-amministrazzjoni tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, approvat mill-Kunsill tal-JHA fit-13 ta' Ġunju 2002 u appoġġjat mill-Kunsill Ewropew ta' Sevilja tal-21 u t-22 ta' Ġunju. Il-Kunsill ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 ħeġġeġ lill-Kummissjoni "biex tippreżenta, mill-aktar fis possibli, proposti dwar it-tibdil li għandu jsir fil-Manwal Komuni, inkluż l-ittimbrar ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi".[5]

---

1 KUMM(2002) 233 finali.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 dwar il-verżjonijiet definittivi tal-Manwal Komuni u l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (SCH/Com-ex(99) 13) (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 317). Verżjoni aġġornata tal-Manwal Komuni, mingħajr ċerti annessi kunfidenzjali, kienet ippubblikata fil-ĠU C 313, 16.12.2002, p. 97.

3 Miżuri oħra proposti għall-futur qrib kienu jinkludu l-produzzjoni ta' manwal prattiku biex jintuża mill-gwardji tal-fruntieri u jkun ukoll disponibbli f'forma elettronika, u l-adozzjoni ta' miżuri komuni dwar traffiku lokali fil-fruntiera (ara ż-żewġ proposti għal regolamenti ippreżentati mill-Kummissjoni fl-14.8.2003: KUMM(2003) 502 finali - 2003/0193 (CNS) u 2003/0194 (CNS)). Il-miżuri għat-tul kienu jinkludu proċess formalizzat ta' skambju u pproċessar ta' data u informazzjoni bejn l-awtoritajiet li joperaw fil-fruntieri esterni u dawk li joperaw fi ħdan iż-żona komuni ta' ċaqliq ħieles, u d-definizzjoni ta' qafas istituzzjonali u legali (setgħat, żoni ta' azzjoni, eċċ.) għal Korp Ewropew tal-Gwardji tal-Fruntieri futur.

4 Katalogu ta' Schengen ta' l-UE, Kontrolli fil-fruntieri esterni, tneħħija u dħul mill-ġdid: Rakkmandazzjonijiet u l-aħjar prassi, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, SG - DG H, 28.2.2002.

5 Dwar dan il-punt finali ara l-proposta għal Regolament ippreżentata mill-Kummissjoni fis-6.11.2003: KUMM(2003) 664 finali.

Din hija, allura, inizjattiva importanti bħala parti mit-tisħiħ u l-iżvilupp tal-lat leġislattiv tal-politika ta' amministrazzjoni integrata tal-fruntiera, hekk kif l-Aġenzija Ewropea għall-amministrazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva fil-fruntieri esterni futura hija s-sies sabiex jiġi żviluppat il-lat operattiv tal-politika.[6] Ovvjament, ir-rwol ta' l-Aġenzija se jkun fundamentali fl-implimentazzjoni tar-regoli komuni kif imsemmija fit-Titolu II ta' dan ir-Regolament. Issir referenza espliċita għar-rwol ta' l-Aġenzija fl-Artikolu 14 dwar kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri "bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni effettiva ta' kontrolli fil-fruntiera" (ara l-kummenti fuq dan l-Artikolu).

Mill-lat leġislattiv, il-Manwal Komuni, li nħoloq bħala parti mill-kooperazzjoni intergovernattiva ta' Schengen u kien inkorporat fil-qafas istituzzjonali u legali ta' l-Unjoni Ewropea wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam,[7] bħalissa huwa l-istrument bażiku li jirregola l-kontrolli fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, anki jekk ċerti prinċipji jidhru wkoll fil-Konvenzjoni ta' Schengen innifisha,[8] u numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu jidhru f'deċiżjonijiet separati oħra.[9]

Għalkemm l-acquis ta' Schengen,[10] u l-aktar id-dispożizzjonijiet ta' Schengen li għandhom il-bażi legali tagħhom fit-Trattat tal-KE,[11] issa huma parti mill-acquis tal-Komunità[12] li japplika għall-Istati Membri kollha,[13] huwa differenti mil-liġi normali tal-Komunità f'ċerti aspetti:

- mhux liġi tal-Komunità standard għaliex m'għandiex il-forma ta' strumenti karatteristiċi, bħal regolamenti u direttivi. Dan jista' jwassal għal ambigwità dwar il-valur legali ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' Schengen (ara l-konsiderazzjoniijet dwar in-natura tal-Manwal Komuni, aktar 'l isfel);

---

6 Ara l-proposta għal Regolament tal-Kunsill (li qed jiġi adottat bħalissa) KUMM(2003) 687 finali, 11.11.2003.

7 Ara l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattati tal-KE u l-UE bit-Trattat ta' Amsterdam.

8 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

9 Ara, per eżempju, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-22 ta' Diċembru 1994 li tintroduċi u tapplika l-arranġamenti ta' Schengen fl-ajruporti u fl-ajrudromi (SCH/Com-ex (94) 17, rev. 4) (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 168).

10 Għal definizzjoni ta' l-acquis ta' Schengen ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/435/KE ta' l-20 ta' Mejju 1999 dwar id-definizzjoni ta' l-acquis ta' Schengen sabiex tiġi ddeterminata, b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-bażi legali għal kull dispożizzjoni jew deċiżjoni li tikkostitwixxi l-acquis (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 1).

11 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/KE ta' l-20 ta' Mejju 1999 li tiddetermina, skond id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-bażi legali għal kull dispożizzjoni jew deċiżjoni li tikkostitwixxi l-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 17).

12 Id-dispożizzjonijiet b'bażi legali fit-Trattat ta' l-UE huma parti mill-acquis ta' l-Unjoni.

13 Bħalissa, għajr għar-Renju Unit u l-Irlanda: ara l-kummenti f'sezzjoni 5 aktar 'l isfel dwar is-sitwazzjoni partikulari tagħhom rigward l-acquis ta' Schengen u l-pożizzjoni tad-Danimarka u żewġ Stati oħra li mhumiex Membri (in-Norveġja u l-Islanda).

- dawn huma deċiżjonijiet u miżuri adottati f'qafas purament intergovernattiv u għalhekk, ovvjament, mingħajr is-sehem ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità,[14] u l-aktar tal-Parlament Ewropew.

Bħala riżultat ta' dan, il-kwistjoni li "jinbidel" l-acquis ta' Schengen li kien qed jiġi inkorporat fl-Unjoni fi strumenti regolari tal-liġi tal-Komunità, diġà kienet bdiet titqajjem fi żmien l-ewwel *Scoreboard* biex issir reviżjoni tal-progress dwar il-ħolqien ta' żona ta' "Ħelsien, sigurtà u ġustizzja" fl-Unjoni Ewropea, sa mill-24 ta' Marzu 2000.[15] Il-konklużjoni sa dak il-punt kienet li "il-prijorità li li biha hemm bżonn li jitbiddlu d-dispożizzjonijiet ta' Schengen fi strumenti ta' "Amsterdam" se tiddependi aktar fuq l-iżviluppi milli fuq il-bżonn assolut li dawn jitbiddlu sabiex ikunu tbiddlu" (KUMM(2000) 167, punt 1.3).

Fil-każ tal-Manwal Komuni, ir-raġunijiet ta' politika wara d-deċiżjoni li jkun hemm riformulazzjoni ġew diskussi aktar 'il fuq. Mil-lat tekniku u legali, il-Manwal Komuni fih miż-żewġ elementi, għaliex huwa kemm sors ta' liġi tal-Komunità, bil-ħolqien ta' drittijiet u obbligi, kif ukoll Manwal prattiku għal gwardji tal-fruntieri, li teoretikament fih l-informazzjoni kollha meħtieġa minnhom, imma misselfa minn sorsi legali oħra wkoll.

In-natura doppja tal-Manwal Komuni tista' twassal għal ambigwitajiet dwar il-valur legali tiegħu, l-aktar għaliex uħud mis-sezzjonijiet u l-annessi tiegħu kulma jagħmlu hu li jirriproduċu l-kontenut ta' strumenti oħra, bħall-Konvenzjoni ta' Schengen jew l-Istruzzjonijiet Komuni Konsulari.[16]

L-ewwel diskussjonijiet dwar il-ħtieġa li ssir reviżjoni tal-Manwal Komuni, imorru lura għal ftit xhur wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, wara l-inizjattiva mill-Presidenza Finlandiża (Ottubru 1999) biex jintbagħtu kwestjonarji lill-Istati Membri dwar is-suġġett u dwar il-ħtiġijiet ta' kunfidenzjalità tal-Manwal. Id-dibattitu kompla mbagħad tul il-Presidenzi ta' wara,[17] li matulhom ħareġ li l-parti l-kbira ta' l-Istati Membri xtaqu jemendaw, jiċċaraw jew jiżviluppaw ċerti partijiet jew dispożizzjonijiet tal-Manwal.[18] B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, kienu adottati deċiżjonijiet individwali biex jitneħħew jew jiġu aġġornati ċerti dispożizzjonijiet tal-Manwal jew biex partijiet minnu ma jibqgħux klassifikati, imma qatt ma rnexxielha ssir reviżjoni sħiħa jew koerenti tad-dispożizzjonijiet dwar il-fruntieri esterni.

---

14 Il-Kummissjoni kellha, però, status ta' osservatriċi fl-organi ta' Schengen.

15 KUMM(2000) 167 finali. L-idea tal-Kummissjoni li twaqqaf scoreboard li jkun aġġornat regolarment kienet tqajmet waqt il-Kunsill Ewropew ta' Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999. L-għan tiegħu jkun sabiex "iżomm taħt reviżjoni kostanti l-progress li jsir biex ikunu implimentati l-miżuri meħtieġa u biex jintlaħqu t-termini perentorji stabbiliti mit-Trattat ta' Amsterdam, mill-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna u mill-konklużjonijiet ta' Tampere għall-ħolqien ta' "żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja".

16 Id-Deċiżjoni SCH/Com-ex(99)13, op. cit. Verżjoni aġġornata kienet ippubblikata fil-ĠU C 310, 19.12.2003.

17 Ara, b'mod partikulari, il-memorandum tal-Presidenza Svediża u l-Presidenza Belġjana futura dwar ir-reviżjoni tal-Manwal Komuni (dok. tal-Kunsill Nru. 9733/01 FRONT 44 COMIX 433, 18.6.2001), li jippromwovi strateġija fuq tliet fażijiet: it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet żejda mill-Manwal, l-eżami tad-dispożizzjonijiet li jeħtieġu kjarifika u ta' l-elementi l-ġodda biex jiġu inklużi, u fl-aħħar, l-ippjanar ta' struttura ġdida li tkun aktar faċli biex tintuża mill-awtoritajiet tal-fruntieri ta' l-Istati Membri.

18 Ara t-tweġibiet ta' l-Istati Membri għall-kwestjonarju mibgħut mill-Presidenza Svediża f'Ġunju 2001 dwar in-natura/l-istruttura tal-Manwal (dok. tal-Kunsill 12290/01 FRONT 55 COMIX 654, 2.10.2001).

Minħabba l-kumplessità ta' eżerċizzju bħal dan, u minħabba l-fatt li numru ta' kwistjonijiet oħra qamu matul id-dibattitu, il-Kummissjoni ħasbet li kien aħjar li tibda billi tippreżenta dokument ta' ħidma dwar is-suġġett (SEG(2003) 736, 20.6.2003), biex teżamina bir-reqqa l-acquis dwar il-fruntieri esterni, in-nuqqasijiet li hemm u l-problemi relatati ma' l-istruttura attwali tal-Manwal Komuni.

Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, id-dokument ta' ħidma ippreżenta diversi alternattivi għall-ġejjieni, u l-aktar dwar:

– jekk tinżammx l-istruttura preżenti tal-Manwal jew għandux jiġi ċċarat l-istatus legali tiegħu billi ssir distinzjoni ċara bejn l-istrument leġislattiv fuq naħa u l-Manwal prattiku għall-gwardji tal-fruntieri fuq in-naħa l-oħra;

– jekk tiġix ristretta l-operazzjoni għal tindifa sempliċi tal-Manwal attwali jew għandhomx jiġu mkabbra ċerti partijiet sabiex jimtlew in-nuqqasijiet identifikati, u b'hekk, fejn ikun meħtieġ, jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet relevanti minn strumenti oħra;

– il-ħtieġa ta' "att bażiku" li jkun fih il-prinċipji u r-regoli kollha bażiċi dwar il-fruntieri esterni, li skond l-Artikolu 202 tat-Trattat, ikun jista' jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-miżuri li jimplementaw l-att bażiku.

Il-Kummissjoni wkoll ħadet l-opportunità li tikkunsidra l-kwistjoni l-oħra dwar jekk hux ta' siwi li tinfirex il-medda ta' applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri Esterni għall-fruntieri interni wkoll, u b'hekk jiġi stabbilit kodiċi tal-Komunità sħiħ fuq ir-regoli taċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, li jikkonsisti f'żewġ partijiet – wieħed dwar fruntieri esterni, l-ieħor dwar fruntieri interni.

Kwestjonarju b'dawn il-mistoqsijiet bażiċi ntbagħat lill-Istati Membri mill-Presidenza fi tmiem Lulju 2003; il-maġġoranza vasta tad-delegazzjonijiet kienu favur il-proposti tal-Kummissjoni sabiex l-istrument legali u l-Manwal prattiku jkunu separati u dwar il-bżonn li ssir iktar minn biss tindifa tal-Manwal. Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri ma wrewx opinjoni definittiva dwar iż-żewġ mistoqsijiet l-oħra, imma qablu li hemm bżonn aktar dibattitu hekk kif ikun hemm xi proposti konkreti fuq il-mejda.

Fl-istess ħin, hekk kif dan id-dibattitu dettaljat dwar il-Manwal Komuni kien għaddej, kienu ppreżentati proposti dwar żewġ oqsma speċifiċi fejn il-Kunsill kien talab lill-Kummissjoni sabiex fis tieħu miżuri dwarhom, jiġifieri traffiku lokali fil-fruntiera u l-ittimbrar ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar.[19] Il-kontenut ta' dawn il-proposti, naturalment, kien inkluż f'dan ir-regolament, u ladarba din il-proposta tkun adottata tieħu post l-inizjattivii individwali differenti dwar kwistjonijiet tal-fruntiera.

[19] KUMM(2003) 502 u KUMM(2003) 664 rispettivament.

2. GĦANIJIET U KONTENUT TAL-PROPOSTA: MINN TIBDIL FIL-MANWAL KOMUNI GĦAL KODIĊI TAL-KOMUNITÀ TA' REGOLI DWAR IĊ-ĊAQLIQ TA' PERSUNI MINN NAĦA GĦAL OĦRA TAL-FRUNTIERI

L-għan ta' din il-proposta, kif oriġinarjament maħsuba mill-Kummissjoni fil-Komunikat tagħha dwar il-fruntieri esterni u kif hemm indikat fil-Pjan għall-amministrazzjoni tal-fruntieri esterni (ara punt 1 aktar 'il fuq), kien li l-Manwal Komuni jsirulu xi tibdiliet, jiġifieri jitneħħew dispożizzjonijiet skaduti u żejda u jiġu żviluppati u ċċarati punti, kif meħtieġ, fuq il-bażi ta' l-analiżi tal-problemi li kien hemm meta l-Manwal beda jiġi użat, tar-riżultati tal-missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen, tar-rakkmandazzjonijiet tal-Katalogu Schengen ta' l-Aħjar Prassi jew ix-xogħol li sar fuq kwistjoni jew oħra fl-organi relevanti tal-Kunsill.

Madanakollu, matul id-diskussjonijiet dwar is-suġġett, deher ċar li kien hemm bżonn ta' dibattitu aktar ġenerali dwar l-acquis kollu fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli fil-fruntiera fuq individwi – inklużi d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni ta' Schengen u deċiżjonijiet oħra mill-Kumitat Eżekuttiv – sabiex ikun hemm test konsolidat u koerenti li jirregola dan il-qasam.

Barra minn hekk, kif hemm spjegat f'punt 1, il-Kummissjoni ddeċidiet li din tkun opportunità tajba sabiex tħares lejn il-kwistjoni b'mod aktar ġenerali u tinkludi l-fruntieri interni wkoll, u speċifikatament l-arranġamenti sabiex jerġgħu jiddaħħlu, b'mod temporanju kontrolli fil-fruntieri interni taż-żona taċ-ċaqliq ħieles, jekk iċ-ċirkustanzi juru li hemm bżonn dan.

Għalhekk jidher ċar li din il-proposta għal regolament tmur sew lil hinn milli li l-Manwal Komuni jsirlu xi tibdil, għaliex tipprova tistabbilixxi Kodiċi tal-Komunità ġenwin fuq ir-regoli li jikkontrollaw il-qsim tal-fruntieri mill-persuni, b'parti minnu dwar il-fruntieri esterni (Titolu II) u parti dwar il-fruntieri interni (Titolu III). Iż-żewġ partijiet huma bla dubju komplementari, mhux biss minħabba l-mod kif il-fruntieri esterni huma ddefiniti meta mqabbla mal-fruntieri interni (l-Artikolu 2 tar-regolament propost), imma wkoll għaliex il-kontrolli li għandhom jitwettqu fil-fruntieri esterni (it-Titolu II ta' dan ir-regolament) huma l-istess bħal dawk li, fil-prinċipju, mhux permessi fil-fruntieri interni, skond it-Titolu III ta' dan ir-regolament (għalkemm jistgħu jerġgħu jiddaħħlu temporanjament f'ċirkustanzi eċċezzjonali; ara l-Artikoli 20 sa l-24 ta' dan ir-Regolament).

Fil-każ ta' <u>fruntieri interni</u>, il-kontenut ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u d-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen SCH/Com-ex(95)20, rev. 2 essenzjalment ġew adottati għal din il-proposta, b'ċerti modifikazzjonijiet li huma f'lokhom fil-qafas legali tal-Komunità. Barra minn hekk, element ġdid żdied ma' l-acquis eżistenti fil-forma tal-possibbiltà li jerġgħu jiddaħħlu, b'mod konġunt u simultanjament, kontrolli fil-fruntieri interni fil-każ ta' theddida serja li taqsam il-fruntieri u, l-aktar, theddida terroristika li taqsam il-fruntieri.

Fil-każ ta' <u>fruntieri esterni</u>, issir distinzjoni bejn il-prinċipji bażiċi li jirregolaw il-kontrolli – hekk kif imsemmija fit-Titolu II tar-regolament, li b'mod ġenerali jirriproduċi l-Artikoli 3 sa 8 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u ċerti partijiet tal-Manwal Komuni – u l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli, inklużi l-arranġamenti ta' kontroll speċifiċi għat-tipi differenti ta' fruntieri (mill-art, l-ajru u l-baħar). Dawn l-arranġamenti huma inklużi fl-Annessi I sa XII ta'

dan ir-Regolament u se jkunu, fil-ġejjieni, suġġetti għal emendi permezz ta' proċedura ta' kumitat, skond l-Artikolu 202 tat-Trattat tal-KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

Ir-raġuni li għaliha dawn id-dispożizzjonijiet prattiċi ġew annessi ma' dan ir-regolament bażiku hi li l-parti l-kbira ta' dawn ir-regoli diġà jeżistu għaliex huma parti mill-Manwal Komuni jew jinkorporaw deċiżjonijiet ta' Schengen oħra eżistenti. B'hekk, l-acquis eżistenti dwar fruntieri esterni u interni se jkun jista' jingħaqad fi strument wieħed, biex b'hekk jiġi stabbilit Kodiċi tal-Komunità veru fuq ir-regoli li jikkontrollaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn id-dispożizzjonijiet prattiċi huma fil-fatt miżuri li jimplimentaw il-prinċipji msemmija fit-Titolu II ta' dan ir-regolament u, bħala tali, fil-ġejjieni għandhom jiġu emendati skond il-proċedura ta' kumitat (ara l-Artikolu 30 ta' dan ir-regolament).[20]

Għalkemm il-kontenut ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-parti l-kbira tiegħu jirriproduċi t-test attwali tal-Manwal Komuni, iddaħħlu tibdiliet fejn kien meħtieġ, per eżempju:

a) biex jitneħħew dispożizzjonijiet li huma żejda (per eżempju, ir-ripetizzjoni ta' ċerti artikoli mill-Konvenzjoni ta' Schengen jew ċerti partijiet mill-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni) jew li m'hemmx bżonnhom (per eżempju, il-paragrafu kurrenti 1.1 tal-Parti I dwar il-konsegwenzi ta' awtorizzazzjoni għal dħul, għaliex id-dritt taċ-ċaqliq fi ħdan iż-żona ta' Schengen għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur diġà huwa rregolat minn dispożizzjonijiet oħra ta' l-acquis);[21]

b) biex jiġu żviluppati ċertu partijiet fid-dawl ta' diskussjonijiet reċenti fl-organi kompetenti tal-Kunsill (per eżempju, dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-infrastruttura/lejns separati fil-punti fejn tinqasam fruntiera fuq l-art u kontrolli fuq inġenji ta' l-ajru privati), proposti magħmula mill-Kummissjoni jew Stat Membru dwar kwistjonijiet speċifiċi (bħal traffiku lokali fil-fruntiera, l-ittimbrar ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar, jew dħul miċħud),[22] flimkien ma' rakkomandazzjonijiet fil-Katalogu ta' Schengen ta' l-Aħjar Prassi. Għas-

---

20 Permezz tar-Regolament (KE) Nru 790/2001, il-Kunsill jirriżerva għalih, "matul perjodu ta' transizzjoni ta' ħames snin, imsemmi fl-Artikolu 67(1) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea," setgħat ta' implimentazzjoni għal ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex isiru kontrolli fil-fruntiera u sorveljanza, "sakemm issir reviżjoni mill-Kunsill tal-kundizzjonijiet li taħthom dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni jkunu jistgħu jingħataw lill-Kummissjoni wara t-tmiem ta' dan il-perjodu ta' tranżizzjoni" (Premessa 5). Bl-istess mod, ir-Regolament (KE) Nru 789/2001 irriżerva għall-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni għal ċerti dispożizzjonijiet dettalji u proċeduri prattiċi biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viża. Din ir-riżerva ta' setgħat dwar l-implimentazzjoni ta' kontrolli fil-fruntiera tkopri parti kbira tad-dispożizzjonijiet attwali tal-Manwal Komuni u ta' l-annessi tiegħu. Il-Kummissjoni temmen li dawn iż-żewġ regolamenti huma vjolazzjoni ta' l-Artikolu 202 tat-Trattat u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/468 u fit-3 ta' Lulju 2001 tellgħet lill-Kunsill quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, titlob l-annullament taż-żewġ regolamenti (ĠU C 245, 1.9.2001, p. 12 - Każ C-257/01).

21 L-Artikoli 20 u 21 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, li għalihom il-bażi legali fit-Trattat tal-KE huwa l-Artikolu 62(3) (ara d-Deċiżjoni 1999/436/KE tat-20 ta' Mejju 1999, *op. cit*.).

22 L-iżviluppi li ġew issuġġeriti u inkorporati fir-regolament propost huma bbażati fuq it-test attwali ta' proposti differenti. Il-kontenut tagħhom se jkun, ovvjament, adattat skond il-progress fin-negozjati dwar dawn il-proposti.

sezzjoni dwar il-kontrolli fil-fruntieri marittimi kien hemm bżonn li jsir eżami aktar dettaljat, bis-sehem ta' esperti mill-Istati Membri. Il-proposti l-ġodda, għalhekk, jieħdu in kunsiderazzjoni d-diskussjoni ma' dawn l-esperti li saret fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2003;

c) biex jiġu ċċarati jew aġġornati ċerti punti, bħall-paragrafi dwar il-baħrin (punt 6.5 tal-Parti II tal-Manwal kurrenti).

Tabella li tikkorrelata d-dispożizzjonijiet tar-regolament propost ma' dawk tal-Konvenzjoni ta' Schengen, il-Manwal Komuni u d-deċiżjonijiet l-oħra ta' Schengen li qed jiġu sostiwiti, tinsab fl-Anness XIII. Tabella li ssemmi d-dispożizzjonijiet li ma ġewx inklużi u r-raġunijiet għal dan hi annessa wkoll.

Ovvjament, it-tibdil kollu meħtieġ mill-bidla minn qafas intergovernattiv għal qafas tal-Komunità saru wkoll fit-test il-ġdid (eż. "Partijiet Kontraenti" tbiddlet bi "Stati Membri" eċċ.).

Hekk kif id-diskussjonijiet dwar din il-proposta jkunu avanzaw biżżejjed, il-Kummissjoni tibda taħseb dwar il-forma u l-kontenut tal-Manwal prattiku għall-gwardji tal-fruntiera. F'dan il-waqt ikun importanti li jittieħdu in kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet li diġà saru dwar din il-kwistjoni.[23]

3. L-ĠĦAŻLA TAL-BAŻI LEGALI

Il-bażi legali proposta għal dan ir-regolament hija l-Artikolu 62(1) u (2)(a) tat-Trattat tal-KE għaliex din il-leġiżlazzjoni tinvolvi kemm "miżuri bl-għan li jiżguraw, b'konformità ma' l-Artikolu 14, in-nuqqas ta' kwalunkwe kontrolli fuq persuni, kemm jekk huma ċittadini ta' l-Unjoni jew jekk huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, meta jaqsmu l-fruntieri interni" (l-Artikolu 62(1)) u "miżuri dwar il-qsim ta' fruntieri esterni ta' l-Istati Membri", u speċifikatament "standards u proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-Istati Membri meta jagħmlu kontrolli fuq persuni fil-fruntieri bħal dawn" (l-Artikolu 62(2)(a)).[24]

Għaliex il-proposta hija bbażata fuq Titolu IV tat-Trattat tal-KE (viżi, kenn politiku, immigrazzjoni u politika oħra relatata maċ-ċaqliq ħieles tal-persuni), għandha tkun ippreżentata u adottata skond il-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, annessi mat-Trattat ta' Amsterdam. Skond l-Artikolu 6 tal-protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea (protokoll ta' Schengen), in-Norveġja u l-Islanda huma wkoll assoċjati ma' l-implimentazzjoni u t-tkomplija ta' l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen. Il-konsegwenzi tal-protokolli differenti huma eżaminati fil-punt 5 aktar 'l isfel.

---

23 Ara b'mod partikulari d-dokument ippreżentat mill-Presidenza Belġjana "Proposta għall-introduzzjoni ta' gwida prattika għall-gwardji tal-fruntieri" (dok. 12876/01 FRONT 56 COMIX 679, 17.10.2001).

24 Ara d-Deċiżjoni 1999/436/KE, *op. cit*. Fil-każ tal-bażi legali għad-deċiżjoni dwar il-verżjonijiet definittivi tal-Manwal Komuni u ta' l-Istruzzjoni Konsulari Komuni (SCH/Com-ex(99)13), hemm, madanakollu, diskrepanza bejn il-verżjonijiet b'ilsna differenti: il-verżjonijiet bl-Ingliż u l-Franċiż fil-ĠU L 176 jikkwotaw l-Artikolu 62 u l-Artikolu 63 tat-Trattat tal-KE bħala l-bażi legali għall-Manwal u l-Istruzzjoni Konsulari Komuni, filwaqt li l-verżjonijiet bl-ilsna l-oħra jsemmu biss l-Artikolu 62 tat-Trattat tal-KE.

4. IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

Skond l-Artikolu 62(1) u (2)(a) tat-Trattat tal-KE, il-Komunità għandha s-setgħa li tadotta miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-qsim tal-fruntieri interni ta' l-Istati Membri, sabiex tiżgura n-nuqqas ta' kwalunkwe kontrolli fuq persuni, u l-qsim ta' fruntieri esterni. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu adottati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam.

Id-dispożizzjonijiet attwali tal-Komunità dwar il-qsim tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri u n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni fuq persuni jagħmlu parti mill-acquis ta' Schengen li ġie integrat fi ħdan il-qafas ta' l-Unjoni Ewropea. Madanakollu, l-acquis li hemm bħalissa għandu bżonn ikun iċċarat, żviluppat u miżjud. Ovvjament, l-acquis li hemm bħalissa dwar il-fruntieri interni u esterni jista' jkun żviluppat biss billi jiġu adottati miżuri tal-Komunità bbażati fuq it-Trattat tal-KE.

L-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE jgħid li "azzjoni mill-Komunità m'għandiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jitwettqu l-għanijiet ta' dan it-Trattat".

Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-Komunità għandha tagħti s-setgħa biex il-proposta tilħaq l-għan tagħha u tkun implimentata bl-aktar mod effettiv possibli.

Ladarba l-inizjattiva proposta – il-ħolqien ta' Kodiċi tal-Komunità bbażat fuq ir-regoli li jikkontrollaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri – tikkostitwixxi żvilupp ieħor ta' l-acquis ta' Schengen, l-istrument għandu jkun f'forma ta' regolament sabiex ikun assigurat li jkun applikat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha li japplikaw l-acquis ta' Schengen.

5. KONSEGWENZI TA' PROTOKOLLI DIFFERENTI ANNESSI MAT-TRATTATI

Il-bażi legali għall-proposti dwar miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-qsim tal-fruntieri interni u esterni ta' l-Istati Membri tinsab fit-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, bir-riżultat li s-sistema ta' ġeometrija varjabbli, provduta fil-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka u l-protokoll ta' Schengen, tapplika.

Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen. Għalhekk il-konsegwenzi li ġejjin, li għandhom x'jaqsmu mal-protokolli differenti, għandhom jiġu kkunsidrati:

Ir-Renju Unit u l-Irlanda

Skond l-Artikoli 4 u 5 tal-protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, "l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li m'humiex marbuta bl-acquis ta' Schengen, jistgħu meta jridu jitolbu sabiex jieħdu sehem f'xi wħud jew fid-dispożizzjonijiet kollha ta' l-acquis".

Din il-proposta tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen, li r-Renju Unit u l-Irlanda ma jieħdux sehem fih, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen. Ir-Renju

Unit u l-Irlanda, għalhekk, ma jieħdux seħem fl-adozzjoni tiegħu u m'humiex marbuta b'din il-proposta jew mitluba li japplikawha.

Barra minn hekk, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-fruntieri interni (Titolu III tar-Regolament), wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni l-protokoll dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti ta' l-Artikolu 14 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għar-Renju Unit u l-Irlanda, skond liema r-Renju Unit u l-Irlanda jitħallew jadottaw jew jagħmlu kontrolli fil-fruntieri tagħhom, inklużi l-fruntieri ta' territorji li r-Renju Unit hu responsabbli għar-relazzjonijiet esterni tagħhom. L-istess protokoll iħalli lill-Istati Membri l-oħra jagħmlu kontrolli fuq persuni li jidħlu fit-territorju tagħhom mir-Renju Unit (jew kwalunkwe territorju li r-relazzjonijiet esterni tiegħu huma taħt ir-responsabbiltà tar-Renju Unit) u mill-Irlanda.

Id-Danimarka

Skond il-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' Amsterdam, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skond it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, bl-eċċezzjoni ta' "miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri, jew miżuri relatati mal-format uniformi għall-viżi" (dak li qabel kien l-Artikolu 100c tat-Trattat tal-KE).

Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen, u skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll, "id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur, wara li l-Kunsill ikun iddeċieda fuq proposta jew inizjattiva biex jibni fuq l-acquis Schengen skond id-dispożizzjonijiet ta' Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, jekk tkunx se timplimenta din id-deċiżjoni fi ħdan il-liġi nazzjonali tagħha".

In-Norveġja u l-Islanda

Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tal-protokoll ta' Schengen, kien konkluż Ftehim fit-18 ta' Mejju 1999 bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-Islanda sabiex dawn il-pajjiżi jkunu assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen.[25]

L-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim jgħid li n-Norveġja u l-Islanda se jkunu assoċjati ma' l-attivitajiet tal-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Annessi A (dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen) u B (dispożizzjonijiet li jinsabu fl-istrumenti tal-Komunità Ewropea li ħadu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondi għalihom tal-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen jew dispożizzjonijiet adottati wara l-iffirmar tagħha) ta' dan il-Ftehim u l-iżviluppi addizzjonali tagħhom.

L-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim jistipula li l-atti u l-miżuri kollha meħuda mill-Unjoni Ewoprea li jemendaw jew jibnu fuq l-acquis ta' Schengen (Annessi A u B) se jkunu implimentati wkoll u applikati għan-Norveġja u l-Islanda.

Din il-proposta żżid u tibni fuq l-acquis ta' Schengen kif definit fl-Anness A ta' dan il-Ftehim.

---

[25] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

Għalhekk, trid tiġi diskussa fil-Kumitat Konġunt, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim, biex tingħata lin-Norveġja u l-Islanda l-opportunità "li jispjegaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom f'xi att jew miżura partikulari" u "li jesprimu rwieħhom dwar kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam ma' l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernawhom jew l-implimentazzjoni tagħhom".

6. KONSEGWENZI GĦAL STATI MEMBRI ĠODDA TAL-PROĊEDURA FUQ ŻEWĠ STADJI BIEX JIĠU IMPLIMENTATI STRUMENTI LI JIBNU FUQ L-ACQUIS TA' SCHENGEN

L-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jgħid li d-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen u l-atti li jibnu fuqu jew huma b'xi mod relatati miegħu, imniżżla fl-Anness I ta' l-Att, se jkunu vinkolanti u applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda mid-data ta' l-adeżjoni.[26] Dispożizzjonijiet u atti li ma jissemmewx fl-Anness, waqt li huma vinkolanti għall-Istati Membri l-ġodda mid-data ta' l-adeżjoni, japplikaw biss fi Stat Membru ġdid skond deċiżjoni tal-Kunsill li tgħid hekk, u li tkun meħuda f'konformità ma' l-artikolu (l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni).

Din hija l-proċedura ta' implimentazzjoni fuq żewġ stadji, fejn ċerti dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen huma vinkolanti u applikabbli mid-data ta' l-adeżjoni fl-Unjoni, filwaqt li oħrajn, speċifikatament dawk li huma marbuta intrinsikament mat-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni, huma vinkolanti mid-data ta' l-adeżjoni, imma huma applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda biss wara d-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija aktar 'il fuq.

Id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar fruntieri esterni (l-Artikoli 3 sa 8 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u d-deċiżjonijiet li jimplimentawhom, l-aktar il-Manwal Komuni) huma mniżżla fl-Anness u għalhekk huma vinkolanti u applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda mid-data ta' l-adeżjoni.[27]

Minn naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar it-tneħħija ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni m'humiex imniżżla fl-Anness u għalhekk mhumiex applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda mid-data ta' l-adeżjoni.

Għalhekk, din il-proposta, li tieħu post u tibni fuq il-Manwal Komuni u ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen bl-għan li twaqqaf Kodiċi tal-Komunità fuq ir-regoli li jikkontrollaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, meta tkun adottata se tkun vinkolanti u applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda biss fil-każ tad-dispożizzjonijiet dwar il-fruntieri esterni (it-Titolu II u l-Annessi relatati, u t-Titoli I u IV safejn jirreferu għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II).

Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim tal-fruntieri interni (it-Titolu III u t-Titoli I u IV sa fejn jirreferu għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu III) se japplikaw biss għall-Istati Membri skond id-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

---

[26] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

[27] Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 5(1)(d), li għandu x'jaqsam mal-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

7. KUMMENTI DWAR L-ARTIKOLI

Titolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-għanijiet ta' dan ir-regolament, jiġifieri jindika r-regoli li jikkontrollaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, biex jinkludi kemm regoli dwar kontrolli fil-fruntieri esterni (it-Titolu II u l-Annessi) u regoli dwar it-tneħħija ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni u d-dħul mill-ġdid ta' dawn il-kontrolli f'ċerti ċirkustanzi (it-Titolu III).

Artikolu 2

Il-parti l-kbira tad-definizzjonijiet li jingħataw f'dan l-Artikolu ttieħdu mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, minkejja li nħass li kien hemm bżonn li f'ċerti każijiet ikun hemm kjarifika jew żvilupp ta' wħud mid-definizzjonijiet li hemm diġà jew li jiżdiedu oħrajn ġodda. Kellhom ukoll jinbidlu biex jieħdu in kunsiderazzjoni l-qafas tal-Komunità u t-terminoloġija (eż. "Stati Membri" minflok "Partijiet Kontraenti").

Ovvjament, referenzi għal "Stati Membri" fid-definizzjonijiet u, b'mod aktar ġenerali tul il-proposta, għandhom jinqraw fid-dawl ta', l-ewwel nett, il-Protokoll ta' Schengen, fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen mir-Renju Unit u l-Irlanda (ara punt 5 aktar 'il fuq) u t-tieni nett, l-Artikolu 3 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni li jipprovdi għall-applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri l-ġodda f'żewġ stadji (punt 6 aktar 'il fuq). Barra minn hekk, il-pożizzjoni speċjali tan-Norveġja u l-Islanda fejn għandu x'jaqsam l-acquis ta' Schengen għandha wkoll tittieħed in kunsiderazzjoni, kif hemm spjegat fil-punt 5 aktar 'il fuq. Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni it-terminu "l-Istati ta' Schengen" hu użat għal raġunijiet purament prattiċi bħala referenza għall-Istati li japplikaw l-acquis ta' Schegen kollu, skond it-Trattati u l-protokolli differenti annessi magħhom.

Id-definizzjonijiet ta' "fruntieri interni" u "fruntieri esterni" essenzjalment ittieħdu mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen li jiddefinixxi l-fruntieri interni bħala l-fruntieri komuni fuq l-art ta' l-Istati ta' Schengen, l-ajruporti tagħhom għal titjiriet interni u l-portijiet tagħhom għal konnessjonijiet regolari bil-laneċ. Il-kunċett ta' "portijiet tal-lagi" ġie miżjud hawnhekk sabiex jinkludi każijiet fejn lag hu mdawwar b'wieħed jew aktar Stati Membri u b'wieħed jew aktar Stati mhux Membri (eż. il-Lag Constance li hu mdawwar bil-Ġermanja, l-Awstrija u l-Isvizzera).[28]

Id-definizzjoni ta' "titjira interna" hi wkoll meħuda mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni u tkopri kull titjira esklussivament lejn jew mit-territorji ta' l-Istati ta' Schengen.

Id-definizzjoni ta' "konnessjoni regolari bil-lanċa" ġiet miżjuda hawnhekk għaliex hi parti mid-definizzjoni ta' fruntieri interni. Ittieħdet mid-definizzjoni attwali fil-parti tal-Manwal li għandu x'jaqsam mal-kontrolli fuq it-traffiku marittimu (il-punt 3.4.1.5

[28] Mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għadhom għaddejjin mal-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' l-applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen.

tal-Parti II), għalkemm ġiet adattata sabiex tkun konformi mal-liġi eżistenti tal-Komunità.[29]

Il-kunċett ta' "ċittadin ta' pajjiżi terzi" hu definit permezz ta' nuqqas, billi jeskludi ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat tal-KE. Għalhekk jinkludi wkoll refuġjati u persuni mingħajr stat.

Id-definizzjoni ta' "ċittadin ta' pajjiżi terzi li għalih inħarġet twissija bl-għan li ma jitħalliex jidħol" ittieħdet mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiżi terzi li għalih inħarġet twissija sabiex ma jitħalliex jidħol, fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skond l-Artikolu 96 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

Il-kunċett ta' "persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles" hija innovazzjoni fuq il-Konvenzjoni u tkopri:

– ċittadini ta' l-Unjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 17 (1) tat-Trattat u ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni, li jeżerċita id-dritt tiegħu jew tagħha għal ċaqliq ħieles, kif hemm fid-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom sabiex jiċċaqilqu u joqogħdu bil-libertà fit-territorju ta' l-Istati Membri, li tagħti dettalji dwar id-drittijiet li għandhom dawn il-kategoriji (ara l-kummentarju fuq l-Artikolu 3);

– ċittadini ta' pajjiżi terzi u membri tal-familja tagħhom, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, li skond ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u dawn il-pajjiżi fuq in-naħa l-oħra, għandhom drittijiet għal ċaqliq ħieles ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini ta' l-Unjoni. Dan jinkludi l-pajjiżi li huma parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Id-definizzjoni ta' "l-punt fejn tinqasam il-fruntiera" ittieħdet mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u tfisser kull punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti għal qsim ta' fruntieri esterni.

Il-kunċett ta' "kontrolli fil-fruntieri" ittieħed mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u jfisser kontroll li jsir fil-fruntiera esklussivament minħabba li jkun hemm intenzjoni li wieħed jaqsam il-fruntiera. Sabiex tiġi ċċarata t-tifsira u l-medda, il-kunċett ġenerali ta' kontrolli fil-fruntieri jinkludi:

– kontrolli li jsiru f'punti awtorizzati fejn tinqasam il-fruntiera, u

– sorveljanza ta' fruntieri barra l-punti awtorizzati fejn tinqasam il-fruntiera.

---

[29] Id-Direttiva 2002/6/KE tat-18 ta' Frar 2002 dwar rapporti fuq formalitajiet għal vapuri li jaslu u/jew jitilqu mill-portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 67, 9.3.2002, p. 31) u d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jivvjaġġaw abbord vapuri tal-passiġġieri li jaħdmu lejn jew minn portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).

Id-definizzjoni ta' "gwardja tal-fruntieri" tingħata biex tissemplifika r-referenza għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru, sabiex jitwettqu xogħlijiet ta' kontroll fil-fruntiera.

Id-definizzjoni ta' "traffiku lokali fil-fruntiera" hija innovazzjoni fuq il-Konvenzjoni ta' Schengen u tirreferi għall-Artikolu 3 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-twaqqif ta' reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art ta' l-Istati Membri, bħalissa taħt diskussjoni (KUMM(2003) 502 finali, 2003/0193(CNS)).

Id-definizzjoni ta' "trasportatur" ittieħdet kollha kemm hi mill-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen u tirreferi għal kwalunkwe persuna fiżika jew legali li xogħlha hu li tipprovdi trasport bl-ajru, bil-baħar jew fuq l-art lill-passiġġieri.

Id-definizzjoni ta' "permess ta' residenza" ittieħdet mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jistabbilixxi format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz.[30] Din id-definizzjoni, minn naħa tagħha, ittieħdet mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, għalkemm biex tiġi evitata kull ambigwità hemm miżjuda dispożizzjoni li l-viżi mhumiex koperti mid-definizzjoni ta' "permess ta' residenza". Il-Punt (iii) ta' l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002, li jeskludi ċerti permessi ta' residenza maħruġa minn Stati Membri li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Schengen (l-aktar ir-Renju Unit, minkejja li japplika Regolament (KE) Nru 1030/2002), mhux qed jiġi adottat għaliex mhux relevanti għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Dawn l-aħħar tliet definizzjonijiet ittieħdu mill-punt attwali 3.4.1, Parti II, tal-Manwal Komuni.

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-medda tal-proposta, li japplika għall-persuni li jaqsmu l-fruntiera ta' Stat Membru mingħajr ma jaffettwaw id-drittijiet ta' ċertu kategoriji speċifiċi taħt strumenti oħra tal-liġi tal-Komunità. L-Artikolu 134 tal-Konvenzjoni ta' Schengen (skaduta sa mill-1 ta' Mejju 1999) diġà kienet tgħid li "Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw biss sa fejn huma kompatibbli mal-liġi tal-Komunità".

Dwar persuni li għandhom id-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-Komunità, dan ifisser li r-Regolament ma jaffetwax id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt ta' ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom sabiex jiċċaqilqu u joqogħdu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, u lanqas ma jaffetwa ftehim eżistenti ma' ċerti pajjiżi terzi dwar ċaqliq ħieles ta' persuni (ara l-kummentarju fuq l-Artikolu 2). L-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jipprovdi li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom id-dritt li jħallu t-territorju tagħhom biex jivvjaġġaw għal Stat Membru ieħor b'karta ta' l-identità valida jew passaport validu (għal membri tal-familja li m'humiex ċittadini ta' Stat Membru, dan id-dritt hu l-istess bħal dak ta' ċittadin ta' l-Unjoni li huma qed jakkumpanjaw jew se jingħaqdu miegħu,

[30] ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1.

anki jekk huma mitluba li jkollhom viża, li trid tinħareġ mingħajr ħlas u għandhom tagħti kull faċilità). Għalhekk, ċittadini ta' l-Unjoni u persuni oħra li għandhom id-dritt tal-Komunità li jiċċaqilqu liberament huma suġġetti għall-kontrolli bir-reqqa, kif hemm fl-Artikolu 6, biss meta jkun hemm xhieda li l-persuna tirrapreżenta theddida ġenwina, preżenti u biżżejjed serja li taffetwa l-ordni pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika fi Stat Membru. Dan japplika wkoll għal ċaħdiet tad-dħul (l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament): persuni li għandhom id-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-Komunità jistgħu jiċċaħħdu mid-dħul biss meta jkun hemm theddida ġenwina, preżenti u biżżejjed serja li taffetwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà, skond l-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva. Id-direttiva tirregola wkoll assigurazzjonijiet ta' proċedura mogħtija lil persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità li jiċċaqilqu b'mod ħieles, fejn tittieħed deċiżjoni li ma jitħallewx jidħlu.

Dwar refuġjati u dawk li japplikaw għal ħarsien internazzjonali, ir-referenza hi l-ewwelnett għad-drittijiet mogħtija mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, u l-istrumenti differenti tal-liġi tal-Komunità li kienu jew qed jiġu adottati dwar ħarsien internazzjonali.

L-għan ta' din ir-referenza għal residenti fit-tul fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2003/109/KE hu li jiġu salvagwardjati d-drittijiet mogħtija minn dik id-Direttiva, ladarba residenti fit-tul għandhom kundizzjonijiet aħjar minn dawk ta' ċittadini ta' pajjiż terz għal dik li hi residenza fi Stati Membri oħra.

Titolu II – Fruntieri esterni

Artikolu 4

Il-paragrafi 1 u 2 huma meħuda mill-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen u mill-punti 1.3, 1.3.1, 1.3.2 u 1.3.3 tal-Manwal Komuni (Parti I). Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-prinċipju ġenerali li wieħed għandu jaqsam il-fruntieri biss mill-punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera u matul il-ħinijiet fissi ta' ftuħ, minkejja li hemm eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju; per eżempju taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera, użu ta' dgħajjes tad-divertiment jew sajd mal-kosta u għal baħrin li jinżlu l-art. Prattika eżistenti ġiet ukoll miżjuda u ċċarata, jiġifieri li punti speċifiċi fejn tinqasam il-fruntiera jistgħu jkunu riservati għal residenti taż-żoni tal-fruntiera taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera. Din hi konsistenti mal-proposti tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' reġim għal traffiku lokali fil-fruntiera (KUMM(2003) 502 finali).

Il-lista ta' punti awtorizzati fejn tinqasam il-fruntiera tinsab fl-Anness I għal dan ir-Regolament (attwalment Anness 1 għall-Manwal).

Il-paragrafu 3 huwa verżjoni ta' l-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar penali għal meta jinqasmu l-fruntieri esterni mingħajr awtorizzazzjoni, modifikat biex isir aktar konformi mal-prattika tal-Komunità mingħajr ma jiġi affettwat il-prinċipju. Ġiet miżjuda referenza għall-obbligi tal-ħarsien internazzjonali. Din tirreferi b'mod partikulari għall-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-istatus tar-refuġjat; dak l-Artikolu jipprojbixxi li jiġu imposti pieni kriminali minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali fuq refuġjati li, ġejjin direttament minn territorju fejn ħajjithom jew il-ħelsien tagħhom kien mhedded fis-sens ta' l-Artikolu

1, jidħlu jew ikunu preżenti fit-territorju tagħhom mingħajr awtorizzazzjoni, dejjem jekk jippreżentaw irwieħhom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet u jagħtu raġunijiet validi għad-dħul jew il-preżenza illegali tagħhom.

Artikolu 5

Il-paragrafu 1 jadotta l-kundizzjonijiet ta' dħul uniformi li jinsabu fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Stat Membru, li fil-fruntiera tiegħu jippreżenta ruħu ċittadin ta' pajjiż terz, hu responsabbli għall-kontrolli tad-dħul mhux biss fl-interess tiegħu imma wkoll fl-interess ta' l-Istati l-oħra ta' Schengen, ladarba m'hemmx iktar kontrolli fil-fruntieri fi ħdan Schengen. Dan hu għaliex, per eżempju, l-istima ta' theddida għall-ordni pubblika u s-sigurtà interna trid tirrifletti l-interessi ta' l-Istati kollha ta' Schengen, għall-bidu permezz tal-SIS imma wkoll permezz ta' l-iskambju ta' tagħrif relevanti ieħor bejn awtoritajiet kompetenti.

Minbarra l-kundizzjonijiet ipprovduti mill-Konvenzjoni ta' Schengen, hemm kundizzjoni ġdida li ma jridx ikun hemm theddida għas-saħħa pubblika. F'ċerti ċirkustanzi limitati, din hi diġà kkunsidrata bħala raġuni valida sabiex ċittadin ta' l-Unjoni ma jitħalliex jidħol (Direttiva 64/221/KEE). Din tinsab ukoll fid-Direttiva l-ġdida 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004, dwar id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji sabiex jiċċaqilqu u jirresjedu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, li tispeċifika kif il-kriterju għandu ikun applikat. L-introduzzjoni tas-saħħa pubblika f'dan ir-Regolament iġib konformità bejn iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni u jevita differenzi fit-trattament bejn ċittadini ta' l-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi.

Id-dokumenti li huma validi biex wieħed jaqsam il-fruntieri huma determinati mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv SCH/Com-ex (98)56 u SCH/Com-ex (99)14 tat-28.4.1999,[31] li jistabbilixxu, fost affarijiet oħra, *Tabella ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li magħhom tista' titwaħħal viża* aġġornata perjodikament mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Il-paragrafu 2 jirreferi għall-Anness II dwar dokumenti ta' appoġġ u tagħrif użat biex jiġi verifikat jekk il-kundizzjoniijet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunux sodisfatti. Ovvjament, ix-xhieda ta' dokumenti bħal dawn, dwar ir-raġunijiet għad-dħul għal perjodu qasir fi Stat Membru, mhix meħtieġa mingħand ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru. Mal-kategoriji eżistenti (vjaġġi fuq negozju, vjaġġi li jsiru minħabba turiżmu, eċċ.) żdied punt dwar ix-xhieda ta' dokumenti li jridu jiġu ppreżentati minn persuni eliġibbli għal reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera. Dan hu marbut ma' żewġ proposti tal-Kummissjoni għal Regolamenti dwar it-twaqqif ta' reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera (KUMM(2003) 502 finali), li jsemmu, fost il-kundizzjonijiet għad-dħul, l-eżistenza ta' "dokumenti li jippruvaw l-istatus ta' residenti fil-fruntiera u l-eżistenza ta' raġunijiet leġittimi sabiex dawn jaqsmu ta' sikwit il-fruntiera … bħal rabtiet ta' familja jew raġunijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi". Għalhekk hu meħtieġ li jkun iċċarat, għallinqas bħala gwida, x'tipi ta' dokumenti tabilħaqq jistgħu jintalbu lir-residenti fil-fruntiera taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera. U żdied punt dwar l-obbligu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinħtieġu viża biex ikunu koperti b'assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar. Dan jinkorpora, b'aġġustamenti żgħar, il-paragrafu li

[31] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 207 u p. 298.

ddaħħal reċentement fil-Manwal Komuni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar (Deċiżjoni 2004/17/KE tat-22 ta' Diċembru 2003).

Il-paragrafu 3 jsemmi l-kriterji li jintużaw għal stima tal-mezzi ta' għajxien; jirreferi għall-Anness III (attwalment l-Anness 10 għall-Manwal) għall-ammonti ta' referenza meħtieġa sabiex wieħed jaqsam il-fruntieri, iffissati kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-prinċipju fil-paragrafu 4 m'hux espliċitu fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, imma ġej mill-Artikolu 21 (li jipprovdi għall-possibbiltà li d-detentur ta' dokument ta' residenza maħruġ fi Stat ta' Schengen jivvjaġġa lejn Stati oħra ta' Schengen għal tliet xhur). Jissemma wkoll fil-punt attwali 6.2 tal-Parti II tal-Manwal.

Il-paragrafu 5 hu meħud mill-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz, waqt li sejrin x'imkien ieħor, li għandhom permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni jew viża ta' dħul mill-ġdid maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri – anki jekk ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul kollha – sakemm isimhom mhux fuq il-lista nazzjonali ta' twissijiet ta' l-Istat Membru li jkunu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni tiegħu.

Il-paragrafu 7 jispeċifika li l-permessi ta' residenza u l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 ikopru l-permessi ta' residenza kollha maħruġa mill-Istati Membri (fit-12 ta' Awissu 2004 jew wara) skond il-format uniformi indikat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, li jistabbilixxi format uniformi għal dokumenti ta' residenza, u l-permessi ta' residenza l-oħra kollha u awtorizzazzjonijiet u viżi tar-ritorn imsemmija fl-Anness 4 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni.

Artikolu 6

Dan l-Artikolu, li ġeneralment hu meħud mill-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-punt 1.2 tal-Parti II tal-Manwal Komuni, jiddetermina l-prinċipji uniformi sabiex isiru kontrolli fil-fruntiera.

Il-paragrafu 2 jispeċifika li l-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni, inklużi ċ-ċittadini ta' l-Unjoni, iridu jgħaddu minn kontroll sabiex jiġu stabbiliti l-identitajiet tagħhom fuq il-bażi tal-produzzjoni jew il-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tagħhom. Imbagħad, hu speċifikat li l-kontrolli jridu jsiru minn kull Stat Membru skond il-leġiżlazzjoni tagħhom u jistgħu jkopru wkoll vetturi u oġġetti fil-pussess tal-persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, madanakollu, kontrolli fuq vetturi jew affarijiet tal-persuna li tkun qed taqsam fruntiera esterna huma mfassla biss biex jivverifikaw konformità mal-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 5, l-aktar il-prevenzjoni ta' immigrazzjoni illegali (per eżempju, kontrolli biex wieħed jara li emigranti illegali ma jkunux moħbija f'xi vettura) u theddid possibli għas-sigurtà interna u l-ordni pubblika ta' l-Istati Membri (per eżempju, kontrolli li l-persuna ma jkolliex armi jew oġġetti perikoluži oħra). Imma dan ma jeskludix li jsiru tipi oħra ta' kontrolli (tad-dwana, veterinarji jew kontrolli dwar saħħet il-pjanti, per eżempju) fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità jew leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti.

Mad-dħul u l-ħruġ, ċittadini ta' pajjiż terz iridu jgħaddu minn kontroll bir-reqqa (paragrafu 3) sabiex jiġi verifikat l-għan taż-żjara tagħhom u jiġi assigurat li

m'humiex ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna u s-saħħa pubblika ta' l-Istati Membri.

Kif intwera, (il-kummentarju dwar l-Artikolu 3), kontrolli bir-reqqa m'għandhomx isiru fuq persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles sakemm m'hemmx provi li l-persuna tirrapreżenta theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika ta' Stat Membru.

Il-paragrafu 4 jirreferi għall-Anness 4 dwar dettalji prattiċi dwar kontrolli fuq persuni.

Artikolu 7

Dan l-Artikolu hu verżjoni emendata ta' l-Artikolu 6(2)(e) attwali tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Il-formolazzjoni l-ġdida, b'mod partikulari għaliex tillimita l-possibbiltà li jkun hemm trażżin milli jsiru kontrolli għal "ċirkustanzi mhux mistennija u eċċezzjonali", ittieħdet mill-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jittimbraw b'mod sistematiku d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (KUMM(2003) 664, 6 ta' Novembru 2003). Barra minn hekk, il-possibbiltà li ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dokument ta' l-ivvjaġġar tiegħu ttimbrat anki fejn il-kontrolli ġew illaxkati ġiet adottata wkoll minn dik il-proposta.

Il-paragrafu 3 jispeċifika li r-regoli dettaljati sabiex jiġu llaxkati l-kontrolli u l-kriterji għal kif wieħed jagħti prijorità jinsabu fl-Anness V. Bħal fil-leġiżlazzjoni attwali, il-kontrolli fid-dħul jieħdu prijorità fuq il-kontrolli fil-ħruġ.

Artikolu 8

Dan l-Artikolu l-ġdid jintroduċi dispożizzjonijiet orizzontali dwar l-installazzjoni ta' lejns separati fuq il-punti fejn tinqasam il-fruntiera u l-indikazzjonijiet minimi li għandhom jingħataw fuq sinjali. Id-dispożizzjoni dwar lejns ta' kontroll separati sabiex ikun hemm distinzjoni bejn lejns maħsuba għal persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq bil-libertà u dawk maħsuba għal ċittadini ta' pajjiżi terzi bħalissa hi meħtieġa, skond Deċiżjoni SCH/Com-ex(94)17 rev. 4,[32] biss fil-każ ta' ajurporti internazzjonali. Dik id-Deċiżjoni tipprovdi għal immarkar uniformi minimu sabiex ikun hemm distinzjoni bejn ċittadini ta' l-UE u dawk li m'humiex. Dwar fruntieri marittimi, u b'mod aktar speċifiku, kontrolli fuq passiġġieri li jkunu fuq laneċ, il-Parti II, punt 3.4.4.5 attwali tal-Manwal tistipula li "fejn hu possibli, ix-xogħol ta' kostruzzjoni meħtieġ għandu jsir" sabiex tkun żgurata distinzjoni bejn il-kontrolli li jsiru fuq ċittadini ta' l-UE/ŻEE u dawk li jsiru fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ir-regoli, kif inhuma bħalissa, ma jgħidu xejn dwar l-installazzjoni ta' lejns separati fi fruntieri fuq l-art.

Dan l-Artikolu l-ġdid għalhekk hu bbażat fuq dispożizzjonijiet eżistenti imma jieħu in kunsiderazzjoni diskussjonijiet li nbdew tul l-2003 fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri, u l-aktar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina l-

[32] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 168.

indikazzjonijiet minimi li għandhom jintużaw fuq sinjali fil-postijiet li jimmarkaw il-fruntiera[33] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' lejns separati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera esterna.[34]

Inżamm l-obbligu li jiġu stabbiliti lejns separati f'ajruporti internazzjonali. Imma l-installazzjoni ta' lejns separati fil-punti ta' qsim marittimi u fuq l-art baqgħet mhux obbligatorja. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-lejns fi fruntieri fuq l-art jinsabu fl-Anness X (ara l-kummentarju aktar 'l isfel).

Dwar l-indikazzjonijiet minimi li għandhom jintużaw fuq sinjali, il-kontenut tal-proposta t'hawn fuq għal deċiżjoni ġiet inkorporata sabiex jittieħed in kunsiderazzjoni l-bżonn li ċ-ċittadini Svizzeri u l-membri tal-familji tagħhom ikunu inklużi fost dawk li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles, wara d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002 tal-Ftehim dwar iċ-ċaqliq ħieles ta' persuni konklużma' l-Isvizzera. Persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles jistgħu wkoll jużaw il-lejns l-oħra, li m'għadhomx immarkati bħala "NON EU/EEA" ("MHUX UE/ŻEE") imma "ALL PASSPORTS" ("IL-PASSAPORTI KOLLHA"). Il-mudelli għal dawn is-sinjali jinsabu fl-Anness VI.

L-Istati Membri għandhom ikunu adattaw is-sinjali kollha fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera sal-31 ta' Mejju 2009. Madanakollu, fejn ikunu qed jieħdu post sinjali eżistenti jew jitqiegħdu sinjali ġodda qabel dik id-data, l-indikazzjonijiet minimi stipulati hawnhekk iridu jkunu rispettati. Din ġiet adottata wkoll mill-proposta msemmija aktar 'il fuq.

Fil-fruntieri bejn Stati Membri li għadhom ma neħħewx il-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom minħabba l-applikazzjoni fuq żewġ stadji ta' l-acquis ta' Schengen, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tibqa' ma tkunx obbligatorja. Dan hu biex ikun evitat li l-Istati Membri jkollhom jagħmlu investimenti eċċessivi f'dawk il-fruntieri, li min-natura tagħhom, se jservu biss temporanjament bħala fruntieri esterni.

Artikolu 9

L-ittimbrar ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar bħalissa hu rregolat mill-punt 2.1 tal-Parti II tal-Manwal Komuni. Biex ikun hemm konformità mal-proposta dwar l-ittimbrar imsemmija aktar 'il fuq, issa ġie stipulat l-obbligu li d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar jiġu ttimbrati "b'mod sistematiku" mad-dħul (il-paragrafu 1).

Il-paragrafu 2 jipprovdi għal eċċezzjonijiet mill-prinċipju ta' l-ittimbrar tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz: minbarra milli jieħu l-eċċezzjonijiet tal-punti 2.1.1, 2.1.5 u 2.1.6 tal-Parti II tal-Manwal, jipprovdi wkoll għal eżenzjoni mill-ittimbrar għal nies li jaqgħu taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera sabiex ikun hemm konsistenza mal-proposti fuq ir-reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera u l-ittimbrar li ssemma aktar 'il fuq.

---

33 Dokument tal-Kunsill 16184/03 FRONT 186 COMIX 769.

34 Dokument tal-Kunsill 8498/03.

Dwar it-timbri tal-ħruġ, il-paragrafu 3 jgħid li jridu jsiru b'mod sistematiku fuq dokumenti li għandhom viża għal aktar minn dħul wieħed b'limitu komplessiv fuq kemm idumu ż-żjarat.

U l-paragrafu 4 jirreferi għall-Anness VII dwar ir-regoli prattiċi li jikkontrollaw l-ittimbrar. Il-proċeduri għall-ittimbrar tad-dokumenti u l-forma u l-karatteristiċi tat-timbru ma tbiddlux; madanakollu ġew miżjuda dispożizzjonijiet li jirriflettu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2003 dwar karatteristiċi speċjali ta' sigurtà dwar timbri ta' dħul u ħruġ uniformi (dokument tal-Kunsill 9390/03 FRONT 60 COMIX 308). Dawn id-dispożizzjonijiet jistipulaw, fost l-oħrajn, li l-kowds tas-sigurtà jridu jinbidlu ta' spiss u li l-istess kowd tas-sigurtà ma jridx ikun validu għal aktar minn xahar. Sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar kodiċi ta' sigurtà użati għal timbri u għal timbri li jintilfu jew jinsterqu twaqqfet ukoll; l-iskambju ta' l-informazzjoni se jsir, fost l-oħrajn, permezz ta' punti ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għal skambju ta' informazzjoni dwar kodiċi ta' sigurtà tat-timbri tad-dħul u l-ħruġ użati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera (imniżżla fid-dokument tal-Kunsill 7221/03 FRONT 23 COMIX 147 (UE RISTRETT)).

Artikolu 10

Dan l-Artikolu, li għandu x'jaqsam mas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim, hu meħud mill-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-punt 2.2 tal- Parti II tal-Manwal Komuni. Regoli dettaljati dwar is-sorveljanza tal-fruntiera għandhom ikunu adottati permezz tal-proċedura ta' kumitat kif hemm fl-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Il-paragrafu 1 hu meħud mill-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar dħul miċħud lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha għad-dħul kif hemm fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, inkluż Il-fatt li Stat Membru jista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jippermetti dħul minħabba raġunijiet umanitarji, minħabba interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali.

Il-paragrafu 2 jirreferi għal każijiet fejn persuna mingħajr viża – u għalhekk li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha għad-dħul – li tissodisfa l-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 415/2003 tista' tingħatalha viża fil-fruntiera. Dan jikkonċerna persuni li ma rnexxielhomx japplikaw għal viża minn qabel minħabba raġunijiet mhux mistennija imma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra kollha għad-dħul u li r-ritorn tagħhom lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew minn fejn ikunu qed jgħaddu jkun assigurat. Punti 5 u 5.1 tal-Parti II tal-Manwal ħaditilhom posthom referenza għar-Regolament innifsu, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 415/2003.

Il-paragrafu 3 hu meħud mill-punti 1.4.1 u 1.4.2 tal-Parti II tal-Manwal Komuni. Hemm ukoll referenza għall-forma standard fl-Anness VIII, Parti B, għal ċittadin ta' pajjiż terz sabiex jirrikonoxxi li rċieva deċiżjoni ta' ċaħda. L-istess Anness (Parti A) isemmi regoli dettaljati li jirregolaw ċaħdiet.

Il-paragrafu 4 jiddetermina l-obbligazzjoni tal-gwardji tal-fruntieri sabiex jiżguraw li ċittadin ta' pajjiż terz li ġie miċħud lilu d-dħul ma jidħolx fit-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 12

Dan l-Artikolu hu meħud mill-Artikolu 6(4) u (5) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, u jitlob lil Stati Membri sabiex "ipoġġu fil-post impjegati xierqa … f'ammont suffiċjenti" imma jżid l-idea li "ir-riżorsi" iridu wkoll ikunu xierqa sabiex isiru kontrolli ta' livell għoli fil-fruntieri esterni.

Artikolu 13

L-Artikolu 13(1) hu meħud mill-punti 1.1.1 u 1.1.2 tal-Parti II tal-Manwal Komuni. Skond dan l-artikolu, il-kontrolli fil-fruntieri għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament iridu jsiru mis-servizzi ta' l-Istati Membri responsabbli għad-dmirijiet ta' gwardji tal-fruntiera skond il-liġi nazzjonali, liema gwardji tal-fruntieri jingħatawlhom is-setgħat ta' pulizija tal-fruntiera u s-setgħat li jistigaw proċeduri kriminali.

Il-paragrafu 3 jipprovdi li l-lista ta' servizzi nazzjonali responsabbli għad-dmirijiet ta' gwardji tal-fruntieri skond il-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru tinsab fl-Anness IX għal dan ir-Regolament, aktar milli fir-Regolament innifsu, kif hemm fil-Manwal Komuni.

Il-paragrafu 4 hu dispożizzjoni ġdida li titlob lill-Istati Membri – fejn numru ta' servizzi huma responsabbli għad-dmirijiet ta' gwardji tal-fruntiera skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali – biex jiżguraw li jkun hemm dik il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn is-servizzi kollha, li hi meħtieġa għal kontrolli effettivi fil-fruntiera.

Artikolu 14

Dan l-Artikolu jieħu post l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-punti 4, 4.1 u 4.2 tal-Parti II tal-Manwal Komuni, dwar il-kooperazzjoni bejn Stati Membri għall-implimentazzjoni effettiva ta' kontrolli fil-fruntiera. Minflok ma jinkorpora d-dispożizzjonijiet eżistenti, jirreferi għall-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni futura, li se tieħu ħsieb xogħol ta' kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri, fosthom l-iskambju ta' informazzjoni; l-armonizzazzjoni ta' struzzjonijiet u l-komponent komuni tat-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri; koordinazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti bejn Stati Membri; stima ta' riskju komuni; u l-immaniġġjar ta' tagħmir tekniku komuni.

Artikolu 15

Dan hu l-Artikolu ġdid ispirat mill-prattika attwali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-JHA tas-27 u t-28 ta' Novembru 2003,[35] dwar l-adozzjoni ta' miżuri flessibli ta' kontroll fil-fruntieri fuq l-art fil-perjodu li wassal għat-tkabbir ta' l-Unjoni.

Ladarba kien hemm proċedura fuq żewġ stadji biex ikun implimentat Schengen (ara punt 6), l-Istati Membri l-ġodda mhux se jkunu qed japplikaw l-acquis ta' Schengen kollu immedjatament mill-adeżjoni, u kontrolli fuq persuni fil-fruntieri komuni bejn l-Istati Membri eżistenti u dawk ġodda u bejn l-Istati Membri ġodda nnifishom se jkomplu jsiru sakemm l-acquis ta' Schengen jibda jkun applikat kollu mill-Istati

[35] Dokument tal-Kunsill 15013/03 FRONT 164 COMIX 704, 19.11.2003.

Membri l-ġodda. Ir-regoli applikabbli f'dawn il-fruntieri – li jistgħu jitqiesu bħala "fruntieri esterni temporanji" – se jkunu l-istess bħal dawk li japplikaw fil-fruntieri esterni ta' Schengen.

Il-paragrafu 1 għalhekk jistipula li l-Istati Membri li ma japplikawx l-Artikolu 18 u għalhekk għad ma neħħewx il-kontrolli fil-fruntieri ta' l-art komuni tagħhom jistgħu, sad-data ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, flimkien jikkontrollaw dawn il-fruntieri komuni, dejjem b'rispett tal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti minn dan ir-Regolament għal kontrolli fil-fruntieri esterni. Stati Membri jistgħu jikkonkludu arranġamenti bilaterali bejniethom biex jirregolaw il-kontrolli konġunti, imma jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni.

Kapitolu 4 – Regoli speċjali dettaljati dwar kontrolli fil-fruntieri u proċeduri speċifiċi

Artikolu 16

Dan l-Artikolu jirreferi għall-Anness X għal dak li jikkonċerna regoli speċjali dettaljati għal tipi differenti ta' fruntiera (art, arja u marittima) u l-mezzi differenti ta' trasport użati biex jinqasmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri. Kummentarju dettaljat dwar it-tibdil ewlieni li sar fir-rigward tad-dispożizzjonijiet eżistenti:

Il-fruntieri fuq l-art

Il-Punt 1.1 isemmi kontrolli tat-traffiku tat-toroq u jinkorpora l-Parti II, punt 3.1 tal-Manwal Komuni. Miegħu żdiedu dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà li jiġu installati lejns separati ta' kontroll fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera fuq l-art, li jieħdu in kunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 (ara wkoll il-kummenti dwar id-dispożizzjonijiet orizzontali relevanti).

L-installazzjoni ta' lejns separati ta' kontroll mhux ta' bilfors issir fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera ta' fuq l-art; l-Istati Membri tħallew jiddeċiedu jekk hiex soluzzjoni xierqa u jekk iċ-ċirkustanzi – l-aktar fil-kundizzjonijiet ta' traffiku lokali – jippermettuhiex. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jagħmlux lejns separati f'"ċirkustanzi eċċezzjonali" u "fejn it-traffiku u l-kundizzjonijiet ta' l-infrastruttura hekk jitolbu" (meħuda wkoll mill-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija iktar 'il fuq).

Madanakollu, fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża lejns separati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera fuq l-art, l-immarkar uniformi minimu jrid jintuża fuq is-sinjali kif speċifikat fl-Artikolu 8.

Stati Membri jistgħu wkoll jipprovdu lejns separati għal dawk eliġibbli għal reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera. Dan hu konformi mal-proposti msemmija aktar 'il fuq dwar traffiku lokali fil-fruntiera.

Il-punt 1.2 ikopri t-traffiku tal-ferrovija u jinkorpora l-Parti II, punt 3.2, tal-Manwal. F'din il-parti ma sarux emendi sostanzjali, saru biss tibdiliet formali u fl-abbozzi maħsuba biex jagħmluh aktar ċar.

Il-fruntieri ta' l-ajru

Punt 2 ta' l-Anness X jinkorpora l-Parti II, punti 3.3, 3.3.1 sa 3.3.7 tal-Manwal (minbarra d-dispożizzjonijiet skaduti jew żejda, bħar-riproduzzjoni ta' l-Artikolu 4

tal-Konvenzjoni ta' Schengen jew l-eżempji), ċerti partijiet tad-Deċiżjoni SCH/Com-ex(94)17 rev. 4 u l-linji gwida dwar it-titjib ta' l-effikaċja tal-kontrolli li jsiru fuq avjazzjoni ċivili internazzjonali (passiġġieri fuq titjiriet privati) adottati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-fruntieri tal-5 ta' Ġunju 2003.[36]

Punt 2.1 ta' din it-taqsima tistabbilixxi l-proċeduri biex jiġu kkontrollati l-passiġġieri fl-ajruporti internazzjonali.

Sabiex tkun tista' ssir distinzjoni bejn passiġġieri minn titjiriet interni, li m'humiex suġġetti għal kontrolli, u passiġġieri mill-bqija tat-titjiriet, li jridu jiġu kkontrollati, iridu jittieħdu miżuri sabiex fiżikament ikunu separati l-influssi ta' passiġġieri. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri huma mitluba li jħejju infrastrutturi xierqa bil-kooperazzjoni ta' l-operatur ta' l-ajruport. Fil-prattika, dan jista' jsir, per eżempju, billi l-postijiet fejn isiru l-kontrolli jiġu sseparati mill-bqija taż-żona jew isiru kontrolli fuq it-traffiku f'*terminals* differenti.

Il-post fejn persuni u bagalji ta' l-id jiġu kkontrollati hu mbagħad stabbilit, l-aktar għal titjiriet li ma jkunux waslu fid-destinazzjoni aħħarija tagħhom.

Hu wkoll stipulat li kontrolli fuq il-passiġġieri normalment isiru barra l-inġenju ta' l-ajru. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jridu jieħdu miżuri xierqa, fi qbil u bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-ajruport u l-kumpaniji ta' l-ajru, biex jiżguraw li t-traffiku tal-passiġġieri jiġi ggwidat lejn faċilitajiet maħsuba għall-kontrolli. Regoli speċifiċi dwar kontrolli fuq membri ta' l-ekwipaġġ jinsabu fl-Anness XI.

Fl-aħħar, meta inġenju ta' l-ajru fuq titjira internazzjonali (jew inġenju ta' l-ajru barrani) ikun imġiegħel jillandja fuq art mhux awtorizzata minħabba forza maġġuri jew periklu imminenti jew fuq struzzjoni ta' l-awtoritajiet, jista' jkompli bit-titjira tiegħu biss wara awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri. Taħt l-ebda ċirkustanza ma tista' ssir eċċezzjoni għar-regoli relevanti dwar kontrolli tal-passiġġieri.

Il-Punt 2.2 isemmi l-proċeduri speċifiċi għall-kontrolli fl-ajruporti li m'għandhomx l-istatus ta' ajruport internazzjonali (ajrudromijiet). Ladarba jkun hemm traffiku iktar limitat f'ajruporti ta' din ix-xorta milli f'ajruporti internazzjonali, ġeneralment mhux meħtieġ li jsiru arranġamenti sabiex il-passiġġieri jkunu sseparati fiżikament jew biex ikun assigurat li l-gwardji tal-fruntiera jkunu preżenti l-ħin kollu. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, u l-aktar għall-obbligu ta' Stati Membri biex jispezzjonaw/jiskrinjaw passiġġieri biex jiprevjenu li artikli mhux permessi jiddaħħlu f'żoni ta' sigurtà ristretti, fejn l-aċċess għalihom hu kkontrollat jew abbord l-inġenju ta' l-ajru. Irid ikun hemm ukoll garanzija, li jekk ikun meħtieġ, l-impjegati meħtieġa jkunu jistgħu jaslu fil-post mingħajr wisq dewmien. Għal dak il-għan, id-direttur ta' l-ajrudrom għandu jgħarraf minn kmieni biżżejjed lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-wasla u t-tluq ta' inġenji ta' l-ajru fuq rotot internazzjonali.

Il-Punt 2.3 jiġbor flimkien il-punti 3.3.5 u 3.3.7 tal-Manwal dwar titjiriet privati (inklużi glajders, inġenji ta' l-ajru żgħar ħafna u ħfief, eċċ.), bl-attenzjoni meħtieġa

[36] Dokument tal-Kunsill 8782/1/03 REV 1.

għal-linji gwida msemmija aktar 'il fuq dwar it-titjib fl-effikaċja tal-kontrolli li jsiru fuq avjazzjoni ċivili internazzjonali adottati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-fruntieri.

Meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet eżistenti, dan il-kapitolu jintroduċi l-obbligu fuq il-kaptan biex qabel it-tluq jittrażmetti lill-awtoritajiet tal-fruntiera ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni u fejn ikun se jasal, dikjarazzjoni ġenerali li tinkludi l-pjan tat-titjira (konformi ma' l-Anness 2 għall-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali) u tagħrif dwar l-identitajiet tal-passiġġieri.

Barra minn hekk, fejn titjira privata li tkun ġejja minn Stat terz u sejra lejn Stat Membru tieqaf għal ftit f'territorju ta' Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tkun daħlet it-titjira, iridu dejjem jagħmlu kontroll u jwaħħlu timbru ta' dħul fuq id-dikjarazzjoni ġenerali msemmija aktar 'il fuq, sabiex l-Istat Membru tad-destinazzjoni, ikun jaf li diġà kien sar kontroll tad-dħul.

Madanakollu, meta jkun hemm inċertezza dwar l-oriġini jew id-destinazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru privat – u għalhekk dwar jekk it-titjira tkunx interna jew le – iridu dejjem isiru kontrolli fuq il-persuni konċernati. Dan japplika kemm għal ajruporti internazzjonali u kemm għal ajrudromijiet.

Fl-aħħar, hu stipulat li l-arranġamenti għal glajders, inġenji ta' l-ajru żgħar ħafna u ħfief, ħelikopters u oħrajn, isiru skond il-liġi nazzjonali u, fejn hu applikabbli, skond ftehim bilaterali.

Il-fruntieri tal-baħar

Din it-taqsima, u b'mod aktar speċifiku, il-kapitolu li għandu x'jaqsam mal-kontrolli fuq traffiku marittimu (Kapitolu 3.1), tbiddel ħafna fid-dawl tad-diffikultajiet li nstabu biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Manwal, l-aktar waqt l-evalwazzjonijiet ta' Schengen. Ittieħdu in kunsiderazzjoni wkoll il-punti li tressqu mill-istudju ta' vijabilità fuq kontrolli fil-fruntieri marittimi ta' l-Unjoni Ewropea li sar mill-konsulent Civipol Conseils, li rraporta dak li sab f'Lulju 2003. Id-dispożizzjonijiet f'din it-taqsima, barra minn hekk, jinkorporaw il-kontenut tal-programm ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tul il-fruntieri marittimi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, adottat mill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2003[37] u jirriflettu d-diskussjonijiet li saru dwar din il-parti tat-test waqt laqgħa informali ta' l-esperti nazzjonali li saret fl-4 ta' Diċembru 2003.

Il-punt 3.1 jinkorpora il-Parti II, punt 3.4 attwali kollha tal-Manwal Komuni, dwar kontrolli fuq traffiku marittimu.

Ma nħassx li kien hemm bżonn li jkun hemm riproduzzjoni ta' wħud mid-definizzjonijiet mogħtija fil-punt 3.4.1 attwali (per eżempju, "traffiku marittimu", "passiġġier", "ekwipaġġ"). Id-definizzjonijiet l-oħra – "konnessjoni regolari tal-lanċa", "bastiment tal-kruċieri", "bastiment tad-divertiment" u "sajd mal-kosta – ittieħdu kollha mill-Artikolu 2.

[37] Dokument tal-Kunsill 15445/03 FRONT 172 COMIX 731.

Il-punt 3.2 ġdid ta' l-Anness X jgħaqqad flimkien proċeduri speċifiċi għal ċerti tipi ta' trasport bil-baħar kif hemm fil-punt 3.4.4 tal-Manwal. Bid-definizzjoni ta' fruntieri marittimi interni u esterni (ara l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament), il-portijiet huma, bħala regola, meqjusa dejjem bħala fruntieri esterni; kull bastiment għalhekk irid jiġi kkontrollat kull darba li jidħol u joħroġ, għaliex hu impossibli li wieħed ikun jaf eżattament dak li jkun ġara barra l-port, kemm jekk f'ibħra territorjali jew internazzjonali (l-imbark/l-inżul ta' persuni jew merkanzija). Madanakollu, minħabba n-natura ta' ċertu tip ta' trasport bil-baħar, il-prinċipju ta' kontrolli sistematiċi jista' ma jiġix applikat

Il-punt 3.4.4.1 tal-Manwal Komuni ma kienx inkluż f'din il-parti għaliex, peress li għandu x'jaqsam mas-servizz tal-laneċ bejn żewġ portijiet ta' Schengen, jinvolvi l-qsim tal-fruntieri interni u mhux dawk esterni.

Il-punti 3.2.1 sa 3.2.3 għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq ta' bastimenti tal kruċieri. Huma jikkorrispondu mal-punt 3.4.4.2 attwali, li kien miżjud biex jinkorpora l-linji tal-politika ddeterminati mill-programm ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tul fruntieri marittimi u r-rakkomandazzjonijiet dwar bastimenti tal-kruċieri inklużi fil-katalogu ta' Schengen. Kontrolli fuq passiġġieri ta' bastimenti tal-kruċieri isiru normalment biss fl-ewwel u fl-aħħar port li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Schengen, imma jistgħu, madanakollu, isiru wkoll f'portijiet oħra waqt il-kruż, skond l-istima tar-riskji ta' immigrazzjoni illegali. It-trattament li jingħataw dawk il-persuni li ma jitħallewx jidħlu fit-territorju hu stipulat ukoll.

Il-punti 3.2.4 sa 3.2.7 jikkorrispondu għall-punt 3.4.4.3 dwar trasport bil-baħar għad-divertiment. Jinkludu wkoll dispożizjonijiet ġodda bbażati fuq ir-rakkmandazzjonijiet imsemmija fil-programm ta' miżuri, imsemmi aktar 'il fuq, u l-katalogu ta' Schengen. Basimenti tad-divertiment għandhom jittrakkaw f'port ta' dħul awtorizzat u l-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli jridu jkunu infurmati jekk din ir-regola ma tiġix irrispettata f'ċirkustanzi eċċezzjonali jew f'każijiet fejn ma jkunx jista' jsir mod ieħor. Dokument bil-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment u l-ismijiet tal-persuni abbord irid jingħata lill-awtoritajiet. Persuni li jkunu marru għal mawriet ta' matul il-jum fuq dgħajjes tad-divertiment u li huma magħrufa mill-awtoritajiet jistgħu jiġu skużati, suġġett dejjem għall-istima ta' riskji ta' immigrazzjoni illegali.

Il-punti 3.2.8 u 3.2.9 għandhom x'jaqsmu mas-sajd mal-kosta (bħalissa punt 3.4.4.4 tal-Manwal Komuni) u jinkorporaw emendi simili għall-punti preċedenti. Kontrolli fuq bastimenti ta' sajd mal-kosta li jirritornaw lejn il-port kuljum jew kważi kuljum ma jridux isiru b'mod sistematiku, suġġetti għal stima ta' riskji ta' immigrazzjoni illegali. Il-kaptan tal-bastiment għandu jinnotifika lill-awtoritajiet dwar tibdil fl-ekwipaġġ u l-preżenza ta' kwalunkwe passiġġier.

Il-punt 3.2.10 jieħu kważi kelma b'kelma punt 3.4.4.5 tal-Manwal Komuni u jikkonċerna servizzi tal-laneċ suġġetti għal kontrolli.

Il-punt 3.3, li jikkonċerna trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni u jikkorrispondi mal-Parti II, punt 3.5 tal-Manwal, ma ġiex emendat. Fil-prattika, l-istess regoli dwar kontrolli ta' fruntieri marittimi japplikaw, *mutatis mutandis* għal dan it-tip ta' trasport bil-baħar.

Artikolu 17

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-possibbiltà li jkunu stabbiliti proċeduri speċifiċi għal kontrolli fuq kategoriji ta' persuni, inklużi ekwipaġġi, baħrin, detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz, membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, ħaddiema tal-fruntieri u minorenni. Dawn il-proċeduri speċifiċi huma deskritti fl-Anness XI. Dan l-Anness jieħu wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Parti II, punt 6 tal-Manwal, barra punti 6.1 (ċittadini ta' l-UE u membri tal-familji tagħhom), 6.2 (ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ieħor), 6.3 (refuġjati u persuni mingħajr Stat), 6.9 (vjaġġi fi gruppi) u 6.10 (applikazzjoni għal kenn politiku fil-fruntiera).

Il-punt 6.1 ma ġiex inkorporat għaliex kif diġà ġie spjegat, ir-regoli għad-dħul u r-residenza applikabbli għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni, u b'mod ġenerali, għall-persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles diġà jinsabu fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi tal-Komunità. Għalhekk m'hemmx bżonn li wieħed jirriproduċi hawnhekk dispożizzjonijiet li diġà jinsabu fi strumenti oħra tal-Komunità. U wara kollox, l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jistipula b'mod ċar li d-drittijiet ta' persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles m'humiex affettwati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Il-punt 6.2 diġà kien inkorporat fl-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament.

Il-punt 6.3 ma ġiex inkluż għaliex, l-ewwelnett, l-għarfien tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz, inklużi refuġjati u persuni mingħajr stat, ma ġiex armonizzat u għalhekk hu r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru, li bħalissa jillimitaw irwieħhom li jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bid-deċiżjonijiet tagħhom f'dan il-qasam[38] (u, fuq kollox, din il-parti lanqas hija aġġornata). It-tieni nett, il-ħtiġijiet għall-viża għal dawn il-kategoriji ta' persuni diġà huma indikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 u għalhekk m'hemmx bżonn li jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi hawnhekk. It-tielet, it-tieni paragrafu tal-Parti II, punt 6.3.2 tal-Manwal ("Detenturi ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar għal persuni mingħajr stat ikunu suġġetti li jkollhom viża ta' dħul sakemm ma jkollhomx permess ta' residenza maħruġ minn wieħed mill-[Istati ta' Schengen]") huwa f'kontradizzjoni mar-Regolament (KE) Nru 539/2001, ladarba dan ta' l-aħħar iħalli ħielsa mill-ħtieġa ta' viża lid-detenturi ta' dokument ta' l-ivvjaġġar għal persuni mingħajr stat maħruġ minn pajjiż terz, eżenti mill-ħtieġa ta' viża, li fit-territorju tiegħu jgħixu b'mod legali (it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament).

Il-punt 6.9, dwar il-possibbiltà li l-kontrolli fuq parteċipanti ta' vjaġġi fi gruppi jkunu llaxkati (u l-aktar għax-xarabanks li jwasslu gruppi ta' pellegrini jew vjaġġi organizzati minn skejjel), ma ġiex inkorporat minħabba li huwa f'kontradizzjoni mas-sistema ġenerali ta' kontroll u speċjalment ma' l-obbligu li jkun hemm ittimbrar sistematiku ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar meta jkun hemm dħul fiż-żona ta' Schengen.

---

[38] Ara t-Tabella ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar li jagħtu l-jedd lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li magħhom tista' titwaħħal viża (Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv SCH/Com-ex(98)56 u SCH/Com-ex(99)14 tat-28 ta' April 1999, *ibid*.).

Fl-aħħar nett, il-punt 6.10, li kulma jgħid hu li jekk barrani jitlob kenn politiku fil-fruntiera l-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat japplikaw sakemm ikun iddeterminat min għandu responsabbiltà biex jieħu ħsieb l-applikazzjoni għall-kenn politiku, hu żejjed u ma ġiex inkorporat lanqas. L-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolment, barra minn hekk, diġà jirreferi għall-obbligi ta' l-Istati Membri fejn jidħol kenn politiku u ħarsien internazzjonali.

Il-partijiet li minn naħa l-oħra kienu inklużi huma: il-punt 6.4 tal-Manwal dwar piloti ta' inġenji ta' l-ajru u membri oħra ta' l-ekwipaġġ (punt 1 ta' dan l-Anness); il-punt 6.5 attwali dwar baħrin (punt 2); il-punti 6.6 u 6.11 attwali dwar detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (punt 3); il-punt 6.7 attwali dwar ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera (punt 4); u l-punt 6.8 dwar minorenni (punt 5).

Il-piloti ta' inġenji ta' l-ajru

Il-punt 1, dwar piloti ta' inġenji ta' l-ajru u membri ta' l-ekwipaġġ, ma ġiex emendat b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-punt 6.4 tal-Manwal, li jsemmi arranġamenti speċjali – ibbażati fuq l-Anness 9 għall-Konvenzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili tas-7 ta' Diċembru 1944, l-aktar għall-punti 3.74 u 3.75 tagħha – għad-detenturi ta' liċenzja ta' pilota jew ċertifikat ta' membru ta' l-ekwipaġġ. F'din il-parti madanakollu nbidlu l-kliem sabiex ikunu ċċarati sew id-drittijiet ta' din il-kategorija ta' persuni, u l-aktar id-dritt tagħhom, waqt il-qadi ta' dmirijiethom u fuq il-bażi ta' liċenzja ta' pilota jew ċertifikat ta' membru ta' l-ekwipaġġ – u għalhekk mingħajr m'għandu jkollhom passaport jew viża – biex jidħlu fit-territorju tal-muniċipalità ta' l-ajruport u jmorru fi kwalunkwe ajruport fit-territorju ta' Stat Membru.

Il-baħrin

Minn naħa l-oħra, punt 2, dwar il-baħrin, ġie emendat b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-punt 6.5 attwali tal-Manwal sabiex jiġu ċċarati t-tifsiriet u l-medda tad-dispożizzjonijiet u jiġu aġġornati skond l-iżviluppi fuq livell internazzjonali (l-aktar il-Konvenzjoni ta' Ġinevra l-ġdida – Nru 185 – iffirmata fid-19 ta' Ġunju 2003).

It-test il-ġdid jgħid li l-baħrin li għandhom dokument ta' l-identità ta' baħrin – ir-referenza għal ktieb ta' baħri tneħħiet minħabba li l-ktieb la hu dokument ta' l-identità u lanqas dokument ta' l-ivvjaġġar – maħruġ skond il-Konvenzjoni ta' Londra ta' l-1965 (FAL) u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra Nru 185, jistgħu jinżlu l-art biex joqogħdu fiż-żona tal-port fejn jidħol il-bastiment tagħhom jew f'muniċipalitajiet maġenbha, mingħajr ma jippreżentaw irwieħhom fil-punt fejn tinqasam il-fruntiera. Dan hu suġġett għall-kundizzjoni li jkunu jidhru fuq il-lista ta' l-ekwipaġġ, li qabel tkun ingħatat għall-kontroll, tal-bastiment li jkunu fuqu. Ma' din żdied ukoll l-obbligu li jsir kontroll viżwali fuq il-baħri qabel ma jinżel l-art, fejn l-istima ta' riskji mill-emigrazzjoni u riskji għas-sigurtà hekk titlob. Minn naħa l-oħra, l-obbligu li jkollu viża tneħħiet ladarba din diġà hi rregolata mill-Artikolu 4(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 (u l-verżjonijiet b'ilsna differenti tal-Manwal barra minn hekk ma jaqblux fuq dan il-punt: skond uħud mill-verżjonijiet il-baħri jrid ikollu viża fil-każijiet kollha, waqt li oħrajn jgħidu biss "fejn ikun xieraq").

L-obbligu li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għad-dħul kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament inżammu għall-baħrin li biħsiebhom joqogħdu barra l-

muniċipalitajiet li jinsabu qrib il-portijiet. Eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, u l-aktar għall-obbligu li jkollhom viża u mezzi biżżejjed ta' għajxien, huma, madanakollu, possibli f'każi speċifiċi. Baħrin mingħajr viża jistgħu jingħataw waħda fil-fruntiera skond Regolament (KE) Nru 415/2003, li, minbarra li jistipula l-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jinħarġu viżi fil-fruntiera (b'mod ġenerali), isemmi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ħruġ ta' viżi ta' din ix-xorta lil baħrin li jkunu għaddejjin mill-post.

Il-gwardji tal-fruntieri għandhom fi kwalunkwe każ jaraw li l-baħrin konċernati jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra għad-dħul kif indikat fl-Artikolu 5, jiġifieri li għandhom dokument ta' l-ivvjaġġar validu, li ma kienx hemm twissija fl-SIS dwarhom biex ma jiddaħħlux, u li m'humiex ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika ta' l-Istati Membri. Il-gwardji tal-fruntieri jridu wkoll jikkontrollaw, jekk hemm il-ħtieġa u fejn hu applikabbli, ċerti punti oħra bħal dikjarazzjoni bil-miktub mis-sid tal-bastiment konċernat jew l-aġent tiegħu, dikjarazzjoni bil-miktub minn awtoritajiet xierqa diplomatiċi jew konsulari, xhieda miġjuba permess ta' verifika speċifika mill-awtoritajiet tal-pulizija, jew, fejn ikun il-każ, minn amministrazzjonijiet kompetenti oħra.

Id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-punt 3 jkopri kemm il-punt eżistenti dwar detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz u l-punt li jsemmi l-arranġamenti għal detenturi ta' dokumenti maħruġa minn ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali, ladarba ż-żewġ kategoriji huma suġġetti għal regoli simili (fejn kien hemm differenzi, dawn inżammew). Id-dokumenti maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali għall-għanijiet ta' dan il-kapitolu jinkludu: *laissez-passer* maħruġ min-Nazzjonijiet Uniti (u aġenziji tagħha), il-Komunità Ewropea u l-Euratom; iċ-ċertifikat ta' leġittimità maħruġ mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa; u dokumenti maħruġa mill-kwartieri ġenerali tan-NATO (jiġifieri karta ta' l-identità militari flimkien ma' ordni ta' l-ivvjaġġar, awtorizzazzjoni ta' l-ivvjaġġar jew ordni tas-servizz individwali jew għal grupp).

Minħabba l-privileġġi u l-immunitajiet li għandhom, dawn il-kategoriji ta' nies jistgħu jingħataw trattatment favorevoli billi jingħataw prijorità fuq vjaġġaturi oħra fil-kontrolli tal-fruntiera; lanqas m'huma mitluba, bħala regola ġenerali, li jippruvaw li għandhom mezzi biżżejjed biex jgħixu. L-istatus tagħhom, madankollu, ma jeżentahomx awtomatikament mill-ħtieġa ta' viża: l-eżenzjoni ta' viża għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz m'hix obbligatorja għall-Istati Membri, skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 539/2001.

Hu wkoll stipulat li detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz ma jistgħux jiġu mċaħħda, fl-ebda ċirkustanza, milli jidħlu fit-territorju mingħajr ma l-gwardji tal-fruntieri l-ewwel jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, anki meta jkun hemm twissija fis-SIS dwar il-persuna konċernata.

Fl-Artikolu 17(2) hemm referenza għal kards maħruġa mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin lil membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u lil rappreżentazzjonijiet konsulari u l-familji tagħhom, b'kampjuni tagħhom jidhru fl-Anness XII (Anness 13 attwali għall-Manwal). Dawn il-kards, li huma ekwivalenti għal permess residenzjali,

iħallu lid-detenturi – jekk akkumpanjati minn dokument validu ta' l-ivvjaġġar – jaqsmu l-fruntieri ta' l-Istati Membri mingħajr ma joqogħdu japplikaw għal viża.

Meta jkunu qed jagħmlu l-kontrolli, il-gwardji tal-fruntiera jistgħu naturalment jitolbu lill-persuna konċernata biex tipprovdi xhieda ta' l-istatus diplomatiku tagħha jew mill-inqas tad-dritt tagħha għal privileġġi, immunitajiet jew eżenzjonijiet. F'każ ta' dubju jistgħu jsiru aktar kontrolli mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin relevanti.

Ħaddiema li jkollhom jaqsmu l-fruntieri biex imorru fil-post tax-xogħol tagħhom

Il-punt 4 iżid mat-test eżistenti, li rrefera għall-possibbiltà li jsiru kontrolli għall-għarrieda fuq ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera, il-prinċipju li ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera awtomatikament iridu jikkwalifikaw għal simplifikazzjonijiet prattiċi introdotti taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera, l-aktar id-dritt li jaqsmu l-fruntiera f'punti speċifiċi jew minn lejns riservati għalihom, u l-eżenzjoni mill-obbligu li jkollhom id-dokument ta' l-ivvjaġġar tagħhom ittimbrat. Dan minħabba l-fatt li l-ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera ma jistgħux ikunu koperti mill-proposti dwar traffiku lokali fil-fruntiera, li jikkonċernaw biss żjarat qosra.

Il-minorenni

Il-punt 5, dwar il-minorenni (attwalment il-punt 6.8), jgħid li l-ewwelnett din il-kategorija għandha tkun suġġetta għall-istess kontrolli fuq dħul u ħruġ bħall-adulti. Id-dispożizzjonijiet eżistenti ssaħħew fuq il-bażi ta' l-inizjattiva ppreżentata mill-Presidenza Taljana fit-2 ta' Ottubru 2003 (dokument tal-Kunsill 13124/03 FRONT 133 COMIX 588). Fil-każ ta' minorenni li jkunu akkumpanjati, żdied l-obbligu li l-gwardji tal-fruntiera jagħmlu kontrolli addizzjonali (taħdidiet separati mal-minorenni, jekk ikun hemm bżonn) fejn ikun hemm raġunijiet serji għal suspetti li l-minorenni tneħħa b'mod illegali mill-kustodja tal-persuna li legalment tieħu ħsiebu bħala ġenitur.

Fil-każ ta' minorenni li ma jkunux akkumpanjati, il-gwardji tal-fruntiera jridu jagħtu attenzjoni speċjali meta jkunu qed jagħmlu kontrolli tal-ħruġ, biex jiżguraw – permezz ta' kontrolli bir-reqqa fuq id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u dokumenti oħra li jsostnuhom dwar ir-raġunijiet u d-dettalji tal-vjaġġ – li dawn ma jħallux it-territorju mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-persuna jew persuni li jieħdu ħsiebhom bħala ġenituri.

Titolu III – Il-fruntieri interni

Artikolu 18

L-Artikolu 18(1) jikkonferma l-prinċipju li kontrolli tal-fruntiera fuq persuni, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, m'għandhomx jitwettqu fil-fruntieri interni skond l-acquis ta' Schengen (l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni) u bl-għan indikat mill-Artikolu 14 tat-Trattat tal-KE. Għalhekk meta wieħed jaqsam fruntiera interna, din m'għandhiex tkun okkażjoni għal kontrolli jew formalitajiet u bħala regola kulħadd hu ħieles li jaqsam il-fruntieri interni fi kwalunkwe punt. Il-kontrolli kollha ta' rutina jew sporadiċi fuq persuni li jkunu qed jaqsmu fruntieri interni m'humiex kompatibbli ma' l-idea taż-żona mingħajr fruntieri u għalhekk m'humiex permessi (mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 20 sa l-24 ta' dan ir-Regolament). Il-qsim ta' fruntiera interna bejn żewġ Stati Membri li japplikaw l-acquis ta' Schengen

ma tridx tkun ittrattata b'mod differenti miċ-ċaqliq bejn reġjuni, provinċji jew suddiviżjonijiet amministrattivi oħra ta' Stat Membru.

Artikolu 19

L-Artikolu 19 hu meħud minn u jamplifika l-Artikolu 2(3) tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

Il-punt a) jistipula li kontrolli fuq persuni bħala parti mis-setgħat ġenerali tal-pulizija ikunu permessi fit-territorju kollu. Għalhekk kontrolli fuq din il-bażi fiż-żoni tal-fruntiera m'humiex inkompatibbli mad-dritt li wieħed jaqsam il-fruntieri interni mingħajr ma jkun ikkontrollat, dejjem jekk dawn isiru bl-istess frekwenza u intensità bħal kontrolli li jsiru b'mod ġenerali fit-territorju. Stat Membru ma jistax, għalhekk, jagħmel dispożizzjonijiet applikabbli biss f'żona ta' fruntiera interna, billi jiddetermina, per eżempju, żona perimetrali għal kontrolli sporadiċi fuq l-identità jew b'mod viżwali li ma jsiru mkien aktar fil-pajjiż. Anki kontrolli mnaqqsa fiż-żona fejn tinqasam il-fruntiera jew f'żoni fil-qrib huma inaċċettabbli. L-għan tal-kontroll hu fattur deċiżiv.

Il-punt (b) jħalli jsiru kontrolli ta' sigurtà f'portijiet u f'ajruporti mill-awtoritajiet kompetenti, minn uffiċjali tal-port jew ajruport jew trasportaturi fuq persuni waqt jew qabel ma jimbarkaw fuq inġenji ta' l-ajru jew bastimenti. Kontrolli bħal dawn qegħdin biex jiżguraw li l-passiġġieri ma jkunux qed iġorru armi jew oġġetti jew sustanzi perikolużi. Jistgħu wkoll iservu biex jivverifikaw l-identità tal-vjaġġatur jekk dan għandu biljett li nħareġ lil persuna b'isimha. Jistgħu wkoll ikunu utli fejn l-ordni pubblika jew is-sigurtà tal-passiġġieri tkun mhedda mill-imbarkazzjoni ta' nies li huma magħrufa li jaqilgħu l-inkwiet.

Il-punti c) u d) jgħidu li r-Regolament ma jaffetwax l-obbligu li wieħed ikollu jew iġorr fuqu dokumenti jekk dan hu stipulat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, lanqas l-obbligu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrappurtaw il-preżenza tagħhom fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Komunità (b'mod partikulari l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar ir-rapport fuq id-dħul).

Artikolu 20

It-tneħħija ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni m'għandux jipperikola s-sigurtà taż-żona mingħajr fruntieri. Miżuri ta' appoġġ ġew introdotti sabiex jinżamm livell għoli ta' sigurtà.

Imma jista' jkun hemm sitwazzjonijiet ta' riskju eċċezzjonali li għalihom dawn l-istrumenti ma joffrux tweġiba adegwata, fejn ikun hemm bżonn li jerġgħu jiddaħħlu kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni. Dan l-Artikolu, ispirat mill-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, jiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jerġa' jdaħħal il-kontrolli u l-proċedura li għandu jsegwi.

Bħalma attwalment hu stipulat mill-Konvenzjoni ta' Schengen, Stat Membru jista' jerġa' jdaħħal kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu f'każ ta' theddida serja għall-politika pubblika, is-saħħa pubblika jew is-sigurtà interna. Is-saħħa pubblika ġiet miżjuda minħabba li hi wkoll fost il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Artikolu 5 (ara l-

kummentarju dwar dan l-Artikolu). Din il-proposta tipprovdi li għandu jkun hemm theddida serja għall-politika pubblika, is-saħħa pubblika u s-sigurtà interna. Dan jagħmilha ċara li l-klawsola ta' salvagwardja hija miżura purament eċċezzjonali.

Minħabba li din hi miżura eċċezzjonali, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tista' ssir biss għal perjodu limitat ta' mhux ikar minn 30 jum. Dan il-perjodu massimu hu limitat aktar mill-paragrafu 1, li jirrifletti l-prinċipju ta' proporzjonalità billi jipprovdi li l-medda u kemm idumu l-kontrolli ma jistgħux jieħdu iktar minn dak li hu strettament neċessarju biex ikun hemm reazzjoni għal theddida serja. L-esperjenza wriet li minn meta Schengen saret operattiva, il-perjodu li matulu reġgħu ddaħħlu l-kontrolli ġeneralment ma kienx ikun twil 30 jum, u allura l-limitu jidher iġġustifikat mill-prattika.

Imma jista' jkun possibbli, naturalment, li theddida serja ddum għal aktar minn 30 jum. F'dak il-każ, il-kontrolli jistgħu jibqgħu għaddejjin għal perjodu ieħor ta' 30 jum (il-paragrafu 2). Il-proċedura biex jittawlu l-perijodi hi stabbilita mill-Artikolu 23.

Artikolu 21

Il-proċedura biex jerġgħu jiddaħħlu kontrolli fil-fruntieri interni stipulata mill-Konvenzjoni ta' Schengen trid tkun adattata biex issir kompatibbli kollha kemm hi ma' l-istruttura istituzzjonali ta' l-Unjoni ladarba, meta l-acquis ta' Schengen kien inkorporat fil-qafas ta' l-Unjoni, l-elementi istituzzjonali ta' l-acquis ma ġewx aġġustati għall-istruttura istituzzjonali ta' l-Unjoni. Meta tqassam l-acquis ta' Schengen fuq l-ewwel u t-tielet pilastri,[39] il-Kunsill poġġa l-qsim bejn il-fruntieri interni fl-Artikolu 62(1) tat-Trattat tal-KE fuq il-bażi legali ta' l-ewwel pilastru.

Għalhekk il-Kummissjoni, bħala gwardjana tat-Trattati, trid tkun involuta espliċitament fil-proċess ta' dħul mill-ġdid temporanju ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

L-Istat Membru applikant irid jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni proposta, jagħti dettalji tal-fatti li jikkostitwixxu theddida serja għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika u, fejn ikun il-każ, il-miżuri li jixtieq li Stati Membri oħra jintroduċu ladarba jieħu d-deċiżjoni li jerġa' jdaħħal il-kontrolli biex l-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jippreparaw immedjatament għal din il-miżura. Id-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen ta' l-20 ta' Diċembru 1995 (SCH/Com-ex (95) 20, rev.2) diġà pprovdiet għan-notifika ta' din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu kkonsultati fuq din l-informazzjoni fil-Kunsill sabiex tittejjeb l-azzjoni miftiehma u jibdew l-arranġamenti għal kooperazzjoni reċiproka bejn Stati Membri jekk ikun hemm bżonn (bħal, per eżempju, li kriminali reċidivi ma jitħallewx jitilqu mit-territorju jew li titkabbar il-kooperazzjoni bejn il-pulizija). Ikun hemm ukoll opportunità biex jiġu kkunsidrati x'aktar miżuri jistgħu jittieħdu u madanakollu, li jkun hemm limitu għall-fruntieri fejn isiru l-kontrolli. Il-konsultazzjoni tista' tintuża biex tiġi studjata l-proporzjonalità fir-rigward tas-sitwazzjoni li tkun wasslet biex jerġgħu jiddaħħlu l-

[39] Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/CE, ara aktar 'il fuq.

kontrolli fil-fruntieri interni u r-riskji involuti. U uffiċjali tal-pulizija u *liaison officers* jistgħu jintbagħtu waqt jew wara l-fatti li jheddu serjament l-ordni pubblika u jista' jkun hemm skambju ta' informazzjoni sabiex isiru kontrolli mmirati kif suppost. Hawnhekk wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u okkażjonijiet oħra simili (dokument tal-Kunsill 13915/03 ENFOPOL 92 COMIX 642, 4.11.2003), li jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jkunu involuti s-servizzi ta' l-informazzjoni sabiex jimmiraw miżuri fuq individwi li fil-konfront tagħhom hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li biħsiebhom jidħlu fl-Istat Membru bl-għan li jħarbtu l-ordni pubbliku u s-sigurtà ta' l-avveniment jew iwettqu offiżi relatati ma' l-avveniment. Tista' tittieħed ukoll l-opportunità sabiex wieħed jara x'esperjenza tkun inkisbet u jifhem x'ikun qed jaħdem tajjeb u x'ikun hemm bżonn li jittejjeb.

Minħabba l-konsultazzjoni li ssemmiet aktar 'il fuq, u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tkun ingħatat, il-Kummissjoni toħroġ opinjoni, l-aktar sabiex ikun hemm reviżjoni tal-proporzjonalità f'relazzjoni ma' l-kawża li twassal biex jerġgħu jiddaħħlu l-kontrolli fil-fruntieri interni u r-riskji ta' dan.

Il-konsultazzjoni għandha tkun obbligatorja u ssir mill-inqas 15-il ġurnata qabel id-data ta' meta jerġgħu jiddaħħlu l-kontrolli fil-fruntiera, minbarra f'każi urġenti fejn il-politika pubblika, is-saħħa pubblika u s-sigurtà interna jitolbu reazzjoni immedjata (ara l-Artikolu 22).

Artikolu 22

Dan l-Artikolu jirregola l-proċedura ta' emerġenza meta l-proċedura standard ta' l-Artikolu 21 ma tkunx f'lokha u notifika sempliċi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni hi stipulata, suġġetta għall-għoti ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura ta' emerġenza.

Artikolu 23

Biex jittawwal iż-żmien ta' l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, minħabba li theddida serja tippersisti għal aktar minn 30 jum, iridu jiġu kkonsultati l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra. Il-Kummissjoni toħroġ opinjoni dwar it-titwil.

Artikolu 24

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-attivazzjoni komuni tal-klawsola ta' protezzjoni f'każ ta' theddida eċċezzjonalment serja għall-politika pubblika, is-sigurtà interna u s-saħħa pubblika li taffetwa lil diversi Stati Membri, per eżempju fil-każ ta' theddida terroristika li taqsam il-fruntieri. Kien hemm ftehim dwar id-definizzjoni ta' "theddida terroristika li taqsam il-fruntieri" fil-Kumitat dwar l-Artikolu 36 fit-23 ta' Novembru 2001 (dokument tal-Kunsill 14181/1/01, 30 ta' Novembru 2001, ENFOPOL 134 REV 1) kif ġej:

a) theddida imminenti jew it-twettiq fl-istess ħin jew sinkronizzat ta' diversi attakki terroristiċi f'diversi Stati Membri;

b) attakk terroristiku ta' gravità eċċezzjonali fejn hemm raġunijiet serji għal xiex wieħed jaħseb li dawk li se jwettquh, jew il-kompliċi tagħhom, jistgħu jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra;

c) theddida imminenti ta' attakk terroristiku ta' gravità eċċezzjonali fi Stat Membru wieħed jew aktar fejn hemm raġunijiet serji għal xiex wieħed jaħseb li dawk li se jwettquh, jew il-kompliċi tagħhom, jistgħu jiġu minn Stati Membri oħra.

Din il-miżura hi ġġustifikata mill-fatt li t-theddida hi waħda li taqsam il-fruntieri jew li wieħed jew aktar mill-Istati Membri ikunu qed jitolbu appoġġ għall-isforzi tagħhom biex jiffaċċjaw riskju eċċezzjonali għas-sigurtà.

F'sitwazzjoni bħal dik, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-Istati Membri kollha għandhom jerġgħu jdaħħlu l-kontrolli, b'mod immedjat, fil-fruntieri interni kollha jew fi fruntieri partikulari ta' wħud mill-Istati Membri jew ta' l-Istati Membri kollha, per eżempju għat-traffiku intern fl-ajru. Il-Kunsill jiddeċiedi biex ineħħi dawn il-miżuri eċċezzjonali hekk kif it-theddida eċċezzjonalment serja tintemm. Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat b'dawn il-miżuri eċċezzjonali mingħajr dewmien.

Dan l-Artikolu ma jaffetwax deċiżjonijiet immedjati jew li jittieħdu fl-istess ħin, meħuda minn Stat Membru biex jerġa' jdaħħal kontrolli fil-fruntieri interni f'emerġenza skond l-Artikolu 22.

Artikolu 25

Dan l-Artikolu jgħid li fejn kontrolli fil-fruntieri interni jerġgħu jiddaħħlu, id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament japplikaw.

Artikolu 26

Kif hemm stipulat bħalissa fl-acquis ta' Schengen, l-Istat Membru relevanti jrid jirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Minħabba l-qafas istituzzjonali ta' l-Unjoni, ir-rapport irid imur ukoll għand il-Kummissjoni u l-Parlament.

Artikolu 27

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-obbligu biex il-pubbliku jkun infurmat b'mod xieraq dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli, sakemm ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali għal raġunijiet ta' sigurtà jew politika pubblika.

Artikolu 28

Skond dan l-Artikolu l-informazzjoni li tingħata b'konnessjoni ma' l-introduzzjoni mill-ġdid u t-titwil tal-kontrolli tista' tinżamm kunfidenzjali sabiex ikun evitat li s-sigurtà ta' Stat Membru, li jkun qed jiffaċċja theddida serja għall-politika pubblika, is-sigurtà interna u s-saħħa pubblika tiegħu, titqiegħed fil-periklu.

Titolu IV – Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 29

Dan l-Artikolu jgħid li l-Annessi I sal-XII għal dan ir-Regolament għandhom ikunu emendati skond il-proċedura ta' kumitat imsemmija fl-Artikolu 30. Ir-raġuni wara l-proposta li tintuża l-proċedura ta' kumitat hi li fl-Annessi hemm miżuri li jimplimentaw ir-regoli ġenerali dwar kontrolli fil-fruntieri interni kif hemm fit-Titolu II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 30

Dan hu l-Artikolu standard dwar proċeduri ta' kumitat li għandhom jintużaw għall-adozzjoni ta' miżuri li jimplimentaw ir-Regolament skond Deċiżjoni 1999/468/KE. Il-proċedura regolatorja hi stipulata billi huma involuti miżuri għal għan ġenerali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni; l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni japplikaw.

Il-limitu ta' żmien, skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, biex il-Kunsill jagħti d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu adottati miżuri li m'humiex konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, hi ta' xahrejn.

Artikolu 31

Dan l-Artikolu jiddetermina l-medda territorjali tar-Regolament. Kif hu stipulat fl-Artikolu 138 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, li jiddetermina l-medda tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, il-paragrafu 1 jipprovdi li r-Regolament ma japplikax għat-territorji mhux Ewropej tar-Repubblika Franċiża u tar-Renju ta' l-Olanda.

Il-paragrafu 2 jistipula li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jaffetwawx ħażin ir-regoli speċjali li japplikaw għall-ibliet ta' Ceuta u Melilla, kif definiti fl-Att Finali tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja għall-Konvenzjoni ta' Schengen.

Artikolu 32

Sabiex il-liġi tkun trasparenti u ċara, l-Istati Membri huma mitluba li jinnotifikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom ippromulgati skond l-Artikolu 17(c) u (d). Dawn ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje C) biex ikun assigurat l-għarfien tagħhom lill-pubbliku.

Artikolu 33

Dan l-Artikolu jistipula li rapport dwar l-applikazzjoni ta' Titolu III (Fruntieri interni) jsir mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ. F'dan ir-rapport il-Kummissjoni trid tagħti attenzjoni partikulari lil kwalunkwe diffikultà li tirriżulta mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni u, fejn ikun xieraq, tippreżenta proposti mmirati biex jiġu solvuti dawn id-diffikultajiet.

Artikolu 34

Il-paragrafi 1 u 2 jispeċifikaw liema dispożizzjonijiet ġew revokati u liema nbidlu b'dan ir-Regolament:

– l-Artikoli 2 sa 8 tal-Kovenzjoni, li jikkonċernaw il-qsim tal-fruntieri interni (l-Artikolu 2) u l-fruntieri esterni (l-Artikoli 3 sat-8);

– il-Manwal Komuni, u l-Annessi għalih;

– ċerti deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen: Deċiżjoni SCH/Com-ex (94)17, rev.4, l-introduzzjoni u l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' Schengen fl-ajruporti u fl-ajrudromijiet; u Deċiżjoni SCH/Com-ex (95)20, rev.2, dwar il-proċedura biex jiġi applikat l-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

– l-Anness 7 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni, li jikkonċernaw l-ammonti ta' referenza stabbiliti kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali għall-għanijiet tal-qsim tal-fruntieri, diġà inkorporati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

– Regolament (KE) Nru 790/2001 li jirriserva għall-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni fejn jidħlu ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex isiru kontrolli u sorveljanza fil-fruntieri, ladarba l-proċedura stipulata mill-Artikolu 30 għall-emenda ta' l-Annessi għal dan ir-Regolament tieħu post il-proċeduri stipulati mill-Artikoli 1 u 2 ta' dak ir-Regolament.

Il-paragrafu 2 ikompli jirreferi għat-Tabella ta' konkordanza fl-Anness XIII, li tispeċifika d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jieħdu post id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, tal-Manwal Komuni u tad-deċiżjonijiet l-oħra ta' Schengen li huma sostitwiti sabiex kull referenza għad-dispożizzjonijiet ta' qabel tkun tista' tinqara sew skond ir-Regolament il-ġdid.

Artikolu 35

Din hi l-klawsola standard għad-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà diretta.

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kien pospost għal sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ, minħabba l-iskala ta' l-eżerċizzju u l-bżonn li l-gwardji tal-fruntieri jkunu mgħarrfa sew u li possibilment titħejja gwida prattika.

ANNESS

Dispożizzjonijiet tal-Manwal Komuni li ma ġewx inkorporati

Dispożizzjonijiet tal-Manwal Komuni li ma ġewx inkorporati	Raġuni(jiet)
Punt 1.1 tal-Parti I Konsegwenzi ta' l-awtorizzazzjoni għad-dħul	Dan il-paragrafu jirriproduċi biss id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 20 u 21 tal-Konvenzjoni ta' Schengen (SC). M'hux relatat mal-kundizzjonijiet għad-dħul u l-qsim tal-fruntieri.
Punt 3 tal-Parti I (inklużi 3.1, 3.2 u 3.3) Viżi meħtieġa għad-dħul ta' ċittadini barranin fit-territorju ta' Stati Membri	Din il-parti tirriproduċi biss id-dispożizzjonijiet ta' l-SC (Art. 10-11 u 18) u l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni – CCI (ara: il-Parti I; punt 3 tal-Parti V; il-Parti VI; l-Annessi 1, 8, 9, 10, 13) u hi żejda.
Punt 4.2 tal-Parti I Kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà	Jirrepeti l-Artikolu 96 ta' l-SC
Punt 1.3.4 tal-Parti II Id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni (u oħrajn li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles) li ma jgħaddux minn kontrolli bir-reqqa minbarra f'każi eċċezzjonali	Dritt mogħti diġà mill-istrumenti tal-liġi tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq ħieles taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u membri tal-familji tagħhom (b'mod partikulari d-Direttiva 2004/38/KE tat-24 ta' April 2004, li tinkorpora l-acquis kollu tal-Komunità f'dan il-qasam). Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, id-drittijiet ta' persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles ma jkunux affettwati. Għalhekk m'hemmx bżonn aktar ta' din id-dispożizzjoni.
Punt 1.4.7 Arranġamenti speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' dħul miċħud lil ċittadini ta' l-Unjoni u oħrajn li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles	Ara l-kummentarju dwar punt 1.3.4, Parti II, aktar 'il fuq.
Punti 3.4.1.1, 3.4.1.2 u 3.4.1.3 Definizzjonijiet ta' "traffiku marittimu", "passiġġier" u "ekwipaġġ"	Meqjusa żejda.

Punti 5.3 to 5.5 tal-Parti II[**] Karatteristiċi ta' viżi maħruġa fil-fruntiera	Dispożizzjonijiet żejda: - l-Anness 14 ġie mħassar (punt 5.3); - il-ħlasijiet għal din it-tip ta' viża (punt 5.4) u konsultazzjoni minn qabel (punt 5.5.) huma rregolati mid-dispożizzjonijiet relevanti tas-CCI.
Punt 6.1 tal-Parti II Regoli għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni u persuni oħra li għandhom drittijiet skond il-liġi tal-Komunità	Ara l-kummentarju fuq punt 1.3.4, Parti II, aktar 'il fuq.
Punt 6.3 tal-Parti II – Refuġjati u persuni mingħajr stat	Ir-regoli tal-viża għal dawn il-kategoriji huma rregolati mir-Regolament Nru 539/2001. L-għarfien ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar ma ġiex armonizzat. Din il-parti hi żejda.
Punt 6.9 tal-Parti II – Vjaġġi fi gruppi (kontrolli llaxkati f'ċerti każi)	Din id-dispożizzjoni tikkontradixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kontrolli, u b'mod partikulari l-obbligu tat-timbru mad-dħul (l-Artikolu 9).
Punt 6.10 – Ċittadini barranin japplikaw għal kenn politiku fil-fruntiera	Żejjed.
Annessi 4, 5, 5a, 6, 6a, 6b, 6c, 8, 8a, 11, 14a, 14b	L-istess bħall-annessi (jew partijiet) li jikkorrispondu miegħu tas-CCI
Annessi 7 u 9 – Mudelli ta' stikers tal-viża	Mingħajr status ta' obbligu
Anness 12 – Mudelli ta' karti mhux marbuta (*b'viża fuqhom)*	Skadut (sostitwit mir-Regolament (KE) Nru 333/2002).

[**] Il-punti 5 u 5.1 tal-Parti II kienu revokati mir-Regolament Nru 415/2003 u ħaditilhom posthom referenza għar-Regolament innifsu; il-punti 5.2 u 5.6 ttieħdu mill-Artikolu 11 u l-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

2004/0127 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jwaqqaf Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 62(1) u (2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,[40]

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,[41]

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 62(1) tat-Trattat, it-tħejjija ta' miżuri li jiżguraw li ma jsir l-ebda kontroll fuq persuni li jaqsmu fruntieri interni jagħmel parti mill-għan ta' l-Unjoni li titwaqqaf żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċaqliq ħieles ta' persuni ikun assigurat, kif indikat fl-Artikolu 14 ta' dan it-Trattat.

(2) Skond l-Artikolu 61 ta' dan it-Trattat, il-ħolqien ta' żona fejn persuni jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles trid tkun appoġġjata minn miżuri oħra. Il-politika komuni ta' qsim ta' fruntieri esterni, kif ipprovduta mill-Artikolu 62(2) tat-Trattat, hi miżura minn dawn.

(3) L-adozzjoni ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u l-kontrolli fil-fruntieri esterni jridu jirriflettu l-acquis ta' Schengen inkorporat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, u l-aktar id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985[42] u tal-Manwal Komuni.[43]

(4) Għall-kontrolli fil-fruntieri esterni, it-twaqqif ta' "korp komuni" ta' leġiżlazzjoni, b'mod partikulari permezz tal-konsolidament u l-iżvilupp ta' l-acquis, hu wieħed mill-komponenti fundamentali ta' politika komuni dwar l-amministrazzjoni ta' fruntieri esterni, kif definita fil-Komunikat tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2002 "Lejn amministrazzjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea".[44] Dan l-għan kien inkluż fil-"Pjan għall-amministrazzjoni tal-fruntieri

---

40 ĠU C […], […], p. […].
41 ĠU C […], […], p. […].
42 ĠU L 239, 22.09.2000, p. 19.
43 ĠU C 313, 16.12.2002, p. 97.
44 KUMM(2002) 233 finali.

esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea", approvat mill-Kunsill fit-13 ta' Ġunju 2002 u approvat uffiċjalment mill-Kunsill Ewropew ta' Sevilja fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2002 u mill-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2003.

(5) Id-definizzjoni ta' regoli komuni dwar iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri la jqiegħed f'dubju u lanqas jaffetwa d-drittijiet taċ-ċaqliq ħieles taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u membri tal-familji tagħhom u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u membri tal-familji tagħhom li, skond ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u dawn il-pajjiżi fuq l-oħra, għandhom drittijiet għal ċaqliq ħieles ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

(6) Il-kontrolli fil-fruntieri huma fl-interess mhux biss ta' l-Istati li fil-fruntieri esterni tagħhom isiru dawn il-kontrolli, imma ta' l-Istati Membri kollha li neħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni tagħhom. Dawn iridu jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffiku tal-bnedmin u sabiex jipprevjenu kull theddida għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali ta' l-Istati Membri. It-twettiq ta' kontrolli fil-fruntieri jrid ikun proporzjonat ma' dawn l-għanijiet.

(7) Il-kontrolli fil-fruntieri jinkludu mhux biss il-kontrolli fuq persuni fil-punti ta' qsim awtorizzati imma wkoll is-sorveljanza bejn dawn il-punti. Għalhekk hemm bżonn li jkunu indikati l-kundizzjonijiet, il-kriterji u l-arranġamenti dettaljati li jirregolaw il-kontrolli f'punti ta' qsim u s-sorveljanza.

(8) Irid ikun hemm dispożizzjoni sabiex il-kontrolli fil-fruntieri esterni jillaxkaw fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali u li ħadd ma kien qed ibassarhom.

(9) Biex jitnaqqsu l-ħin ta' stennija ta' persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq żieles, u li normalment ikunu suġġetti biss għal kontrolli ta' l-identità, fejn iċ-ċirkustanzi jippermettu, għandhom ikunu pprovduti lejns separati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera esterna. Dawn il-lejns għandhom ikunu identifikati permezz ta' indikazzjonijiet uniformi minimi fl-Istati Membri kollha. Lejns separati għandhom ikunu pprovduti fl-ajruporti internazzjonali.

(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' kontroll ma joħolqux barriera kbira għal skambji soċjali, kulturali u ta' negozju fil-fruntieri esterni. Għal dan il-għan għandhom iħaddmu numru biżżejjed ta' impjegati u riżorsi.

(11) L-Istati Membri għandhom jappuntaw servizz jew servizzi nazzjonali biex ikun/u responsabbli għax-xogħol ta' gwardja tal-fruntiera skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Fejn iktar minn servizz wieħed għandu din ir-responsabbiltà fl-istess Stat Membru, irid ikun hemm kooperazzjoni mill-qrib u kostanti bejniethom.

(12) Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-Istati Membri għall-kontrolli ta' fruntieri għandhom ikunu amministrati u ikkoordinati mill-"Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri" imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru ... .[45]

[45] ĠU L […], […], p. […].

(13) Fir-rigward tal-qsim tal-fruntieri interni, m'għandhomx isiru kontrolli jew ikunu imposti formalitajiet biss għaliex tkun qed tinqasam fruntiera ta' dik ix-xorta.

(14) Madanakollu, irid ikun iċċarat li dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-kontrolli li jsiru taħt setgħat ġenerali tal-pulizija u l-kontrolli ta' sigurtà fuq persuni l-istess bħal dawk li jsiru għat-titjiriet nazzjonali, bil-possibbiltajiet għal Stati Membri li jagħmlu kontrolli eċċezzjonali fuq il-bagalji, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3925/91 dwar it-tneħħija ta' kontrolli u formalitajiet applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-id ta' persuni li jkunu fuq titjiriet interni għall-Komunità u l-bagalji ta' persuni li jkunu qed jagħmlu vjaġġi bil-baħar interni għall-Komunità,[46] u għal leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ġarr ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar jew ta' l-identità jew il-ħtieġa li persuni jinnotifikaw lill-awtoritajiet bil-preżenza tagħhom fuq it-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat.

(15) Stat Membru għandu jkollu wkoll il-possibbiltà li jerġa' jdaħħal, b'mod temporanju, il-kontrolli fil-fruntieri tiegħu fil-każ ta' theddida serja għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex isir dan għandhom ikunu indikati sabiex tkun garantita n-natura eċċezzjonali ta' din il-miżura u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

(16) Fil-każ ta' theddida eċċezzjonalment serja għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika li taffettwa Stat Membru jew aktar minn wieħed, il-Kunsill irid ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi immedjatament biex jerġa' jdaħħal kontrolli fil-fruntieri interni kollha jew fi fruntieri speċifiċi ta' wħud jew ta' l-Istati Membri kollha. Il-medda u kemm idumu dawn il-kontrolli għandhom ikunu ristretti għall-minimu indispensabbli sabiex ikun hemm tweġiba għat-theddida.

(17) F'żona fejn persuni jistgħu jiċċaqilqu liberament, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni trid tibqa' eċċezzjoni u, allura, l-Istat Membru li juża din il-miżura għandu jinforma, bid-dettalji kollha, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li ġiegħluh jintroduċi jew jestendi l-miżura għal aktar minn 30 jum, sabiex ikun hemm dibattitu u flimkien jikkunsidraw jekk humiex possibli miżuri alternattivi. L-informazzjoni mibgħuta trid tkun tista' tiġi kklassifikata bħala kunfidenzjali u sigrieta. L-Istat Membru li jkun talab il-klawsola ta' protezzjoni jrid jirrapporta lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni ladarba l-kontrolli jkunu tneħħew. Il-pubbliku għandu jkun infurmat b'mod xieraq dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni u dwar il-punti ta' qsim awtorizzati, għajr għal meta dan ma jkunx possibli minħabba r-raġunijiet li għalihom ikunu reġgħu ddaħħlu l-kontrolli.

(18) Għanda tiġi stipulata proċedura li tippermetti lill-Kummissjoni li tadatta r-regoli prattiċi dettaljati għall-kontrolli fil-fruntiera.

(19) Il-miżuri li hemm bżonn sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jittieħdu skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 fejn hemm

---

[46] ĠU L 374, 31.12.1991, p. 4. Ir-Regolament skond kif emendat mill-Parlament u r- Regolament tal-Kunsill, (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

indikati l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.[47]

(20) Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri t-twaqqif ta' regoli applikabbli għaċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, jaffetwaw direttament l-acquis tal-Komunità dwar fruntieri esterni u interni u għalhekk ma jisgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jkunu qed jaġixxu waħidhom, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif hemm fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif hemm f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-għan.

(21) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa jkun implimentat skond l-obbligi ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni internazzjonali u n-*non refoulement*.

(22) Dan ir-Regolament jieħu post il-Manwal Komuni u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar il-qsim bejn il-fruntieri interni u esterni. Għandhom jiġu revokati wkoll id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tat-22 ta' Diċembru 1994 (SCH/Com-ex (94)17, rev. 4)[48] u ta' l-20 ta' Diċembru 1995 (SCH/Com-ex (95) 20, rev. 2),[49] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 790/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriservaw għall-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni dwar ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex isiru kontrolli u sorveljanza fil-fruntieri.[50]

(23) B'deroga mill-Artikolu 299 tat-Trattat, l-uniċi territorji ta' Franza u l-Olanda li għalihom japplika dan ir-Regolament huma dawk li jinsabu fl-Ewropa. Huwa ma jaffettwax l-arranġamenti speċifiċi li japplikaw għal Ceuta u Melilla, kif definiti fl-Att ta' l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja għall-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985.[51]

(24) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta minnu u lanqas tinħtieġ li tapplikah. Billi dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka trid tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament jekk tridx jew le timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha, kif stipulat fl-Artikolu 5 tal-Protokoll.

(25) Fil-każ ta' l-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen skond it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u

---

47 ĠU L 184, 17.9.1999, p. 23.
48 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 168.
49 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 133.
50 ĠU L 116, 26.4.2001, p. 5.
51 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 69.

l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen[52] li jaqgħu fi ħdan iż-żona msemmija fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim.[53]

(26) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 fuq talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen.[54] Ir-Renju Unit għalhekk mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew hu suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(27) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen.[55] L-Irlanda għalhekk mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbuta bih jew hi suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(28) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li hu b'xi mod relatat miegħu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, minbarra għat-Titolu III, li għalih id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 japplikaw,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Oġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għaċ-ċaqliq ħieles ta' persuni meta jaqsmu fruntieri esterni u interni ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, se japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "fruntieri interni" tfisser:

a) il-fruntieri fuq l-art komuni għall-Istati Membri;

---

52 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
53 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
54 ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
55 ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

b) l-ajruporti ta' l-Istati Membri għal titjiriet interni;

c) portijiet tal-baħar u tal-lagi ta' l-Istati Membri għal konnessjonijiet regolari tal-laneċ;

2) "fruntieri esterni" tfisser il-fruntieri ta' l-Istati Membri fuq l-art jew fuq il-baħar u l-ajruporti tagħhom, il-portijiet tal-baħar u tal-lagi, sakemm m'humiex fruntieri interni;

3) "titjira interna" tfisser kwalunkwe titjira esklussivament lejn jew minn territorji ta' Stati Membri u li ma tillandjax fit-territorju ta' Stat terz;

4) "konnessjonijiet regolari tal-laneċ" tfisser kwalunkwe konnessjoni bejn l-istess żewġ jew portijiet jew aktar li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, mingħajr ma l-lanċa tidħol f'portijiet barra t-territorju ta' l-Istati Membri u li jikkonsistu mit-trasport ta' passiġġieri u vetturi skond skeda tal-ħinijiet ippubblikata jew b'regolarità u frekwenza tali li jikkostitwixxu serje sistematika li tingħaraf;

5) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhix ċittadin ta' l-Unjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat;

6) "ċittadin ta' pajjiż terz li għalih tkun inħarġet twissija sabiex ma jitħalliex jidħol" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li għalih tkun inħarġet twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skond l-Artikolu 96 tal-Konvenzjoni ta' Schengen sabiex ma jitħalliex jidħol;

7) "persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles" tfisser:

a) ċittadini ta' l-Unjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat, u ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal ċaqliq ħieles u li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE[56] tad-29 ta' April 2004,

b) ċittadini ta' pajjiż terz u l-membri tal-familji tagħhom, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, li skond ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u dawn il-pajjiżi fuq l-oħra għandhom id-drittijiet għal ċaqliq ħieles ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini ta' l-Unjoni;

8) "punt fejn tinqasam il-fruntiera" tfisser kull punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti minn fejn wieħed jaqsam fruntieri esterni, kemm jekk fuq l-art, kif ukoll jekk fuq il-baħar jew fl-ajru;

9) "kontroll fil-fruntiera" tfisser kontroll li jsir fi fruntiera esklussivament b'reazzjoni għal intenzjoni biex tinqasam il-fruntiera, mingħajr kas għal kwalunkwe konsiderazzjoni oħra. It-terminu jkopri:

a) kontrolli li jsiru fil-punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera, skond dan ir-Regolament, biex ikun assigurat li persuni, il-vetturi tagħhom u l-oġġetti li jkollhom fil-pussess tagħhom jistgħu jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' l-Istat Membru jew ikunu awtorizzati jitilquh;

[56] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

b) sorveljanza ta' fruntieri barra l-punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera u barra ħinijiet fissi, skond dan ir-Regolament, sabiex persuni ma jitħallewx jevitaw punti li minnhom tinqasam il-fruntiera bil-għan li jiskansaw kontrolli u jidħlu jew joħorġu mit-territorju ta' l-Istati Membri illegalment;

10) "gwardja tal-fruntiera" tfisser uffiċjal ppubbliku mibgħut f'punt li minnu tinqasam il-fruntiera jew tul fruntiera esterna fuq l-art jew fuq il-baħar jew fil-viċinanzi immedjati ta' dik il-fruntiera, li jkun responsabbli skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru, sabiex iwettaq xogħlijiet ta' kontroll fil-fruntiera;

11) "traffiku lokali tal-fruntiera" tfisser ir-regoli speċifiċi dwar meta jaqsmu l-fruntieri persuni residenti fiż-żoni tal-fruntiera, kif definiti mir-Regolament (KE) Nru … dwar it-twaqqif ta' reġim ta' traffiku lokali fil-fruntieri esterni ta' fuq l-art ta' l-Istati Membri;[57]

12) "trasportatur" ifisser kull persuna fiżika jew legali li xogħlha hu li tipprovdi trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-baħar jew fuq l-art;

13) "permess ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tħalli lil ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' b'mod legali fuq it-territorju tiegħu, bl-eċċezzjoni ta':

a) viżi; u

b) permessi maħruġa sakemm ikun hemm eżami ta' l-applikazzjoni għal permess ta' residenza jew kenn politiku;

14) "bastiment tal-kruċieri" tfisser bastiment li jsegwi itinerarju skond programm iddeterminat minn qabel, li l-passiġġieri fuqu jieħdu sehem fi programm kollettiv ta' attivitajiet għat-turisti f'diversi portijiet u li normalment la jtella' passiġġieri u lanqas iħallihom jinżlu waqt il-vjaġġ;

15) "tmur fuq dgħajsa tad-divertiment" tfisser l-użu ta' dgħajjes tad-divertiment li jkunu mgħammra bi qlugħ u/jew makna għall-użu privat u li jintużaw għal raġunijiet ta' sport jew turiżmu;

16) "sajd mal-kosta" tfisser sajd li jsir permezz ta' bastimenti li jirritornaw lura kuljum jew wara ftit jiem lejn port li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jidħlu f'port ta' Stat terz.

Artikolu 3
Skop

Dan ir-Regolament japplika għal kull persuna li taqsam il-fruntiera ta' Stat Membru, mingħajr ma jiġu affettwati:

a) id-drittijiet ta' persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles;

[57] ĠU L […], […], p. […].

b) id-drittijiet ta' refuġjati u persuni li jkunu qed jitolbu ħarsien internazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tan-*non refoulement*;

c) id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul kif definiti mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE.[58]

TITOLU II
IL-FRUNTIERI ESTERNI

Kapitolu I
Il-qsim ta' fruntieri esterni u l-kundizzjonijiet għad-dħul

Artikolu 4
Il-qsim ta' fruntieri esterni

1. Il-fruntieri esterni jistgħu jinqasmu biss minn punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera u waqt ħinijiet tal-ftuħ fissi. Il-ħinijiet tal-ftuħ għandhom ikunu indikati b'mod ċar fil-post tal-fruntiera.

   Punti ta' qsim speċifiċi riservati għal residenti taż-żoni tal-fruntiera jistgħu jiġu stabbiliti taħt reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera.

   Il-lista ta' punti ta' qsim awtorizzati tinsab fl-Anness I.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għall-obbligu sabiex wieħed jaqsam fruntieri esterni biss f'punti fejn tinqasam il-fruntiera u waqt ħinijiet ta' ftuħ fissi:

   a) taħt ir-reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera;

   b) b'rabta ma' dgħajjes tad-divertiment jew sajd mal-kosta;

   c) għal baħrin li jinżlu l-art biex joqogħdu fiż-żona tal-port fejn jidħlu l-bastimenti tagħhom jew f'muniċipalitajiet fil-qrib;

   d) għal ċittadini ta' Stati Membri li jaqsmu l-fruntiera ta' l-Istat Membru li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza;

   e) għal individwi jew gruppi ta' persuni, fejn hemm ħtieġa ta' natura speċjali, dejjem jekk huma jkollhom il-permessi meħtieġa mitluba mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u li ma tkunx f'kunflitt ma' l-interessi tal-politika pubblika u s-sigurtà interna ta' l-Istati Membri. Permess bħal dan jista' jinħareġ biss jekk il-persuna li titolbu tipproduċi d-dokumenti meħtieġa meta taqsam il-fruntiera.

3. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew għall-obbligi tagħhom ta' ħarsien internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jintroduċu

[58] ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.

penali, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, għal qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li mhumiex il-punti ta' qsim jew fil-ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ fissi. Dawn il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u li jibdlu l-ħsieb ta' dak li jkun.

Artikolu 5
Il-kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

1. Għal żjarat ta' mhux aktar minn 90 jum, ċittadini ta' pajjiż terz jistgħu jintħallew jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri, basta dawn ikunu qed jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a) ikollhom dokument jew dokumenti validi li jawtorizzawhom jaqsmu l-fruntiera;

   b) ikollhom viża valida jekk hi meħtieġa;

   c) jipproduċu, jekk hemm bżonn, dokumenti li jiġġustifikaw l-għan u l-kundizzjonijiet taż-żjara li jkunu biħsiebhom jagħmlu, inklużi provi ta' assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar, u jkollhom mezzi biżżejjed sabiex jgħixu, kemm għall-perjodu taż-żjara u kemm għal meta jerġgħu lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jew meta jgħaddu għal Stat terz fejn ikun ċert li huma jkunu se jitħallew jidħlu, jew ikunu f'pożizzjoni li jakkwistaw dawn il-mezzi legalment;

   d) ma jkunux persuni li għalihom tkun inħarġet twissija sabiex ma jitħallewx jidħlu, fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS);

   e) ma jkunux ikkunsidrati bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru.

2. Hija r-responsabbiltà taċ-ċittadin tal-pajjiż terz li jipprovdi, meta jintalab, ir-raġuni għall-applikazzjoni tiegħu biex jidħol fit-territorju għal żjara qasira. F'każ li jkun hemm xi dubju, il-gwardji tal-fruntiera għandhom jitolbuh jippreżenta evidenza dokumentarja formali.

   Id-dokumenti ta' appoġġ użati biex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet indikati fil-paragrafu 1 ikunux ġew sodisfatti, huma speċifikati fl-Anness II.

3. Il-mezzi ta' l-għajxien għandhom ikunu stmati skond l-għan taż-żjara u b'referenza għall-prezzijiet medji sabiex wieħed jorqod u jiekol. L-ammonti ta' referenza stabbiliti kull sena mill-Istati Membri jidhru fl-Anness III.

4. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru m'għandhomx bżonn viża biex jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri l-oħra.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha għad-dħul imma jkollhom permess jew awtorizzazzjoni ta' residenza jew viża ta' dħul mill-ġdid, maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri jew, fejn hemm bżonn, iż-żewġ dokumenti, ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorji ta' l-Istati Membri l-oħra sabiex jgħaddu minnhom sabiex ikunu jistgħu jaslu fit-territorju ta' l-

Istat Membru li ħareġ il-permess jew awtorizzazzjoni ta' residenza jew il-viża ta' dħul mill-ġdid, sakemm ismijiethom ma jkunux fuq il-lista nazzjonali tat-twissijiet ta' l-Istat Membru li l-fruntieri esterni tiegħu ikunu qed jippruvaw jaqsmu u li mat-twissija ma jkunx hemm struzzjonijiet biex huma ma jitħallewx jidħlu jew jgħaddu minn hemm.

6. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għad-dħul mogħtija fil-paragrafu 1 jinvoka d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(1) u jitlob li jidħol jew li jgħaddi mill-fruntiera esterna ta' Stat Membru li mhux dak li, eċċezzjonalment, aċċetta li jħallih jgħix hemm, irid jintbagħat lura u jitħalla jippreżenta ruħu fi fruntiera esterna ta' dan l-Istat Membru msemmi l-aħħar, sabiex jidħol fit-territorju tiegħu.

7. Il-permessi jew awtorizzazzjonijiet ta' residenza li jinsabu fil-paragrafi 4 u 5 ikopru:

   a) il-permessi kollha ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri skond il-format uniformi indikat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002;[59]

   b) il-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' residenza kollha l-oħra u l-viżi tar-ritorn imsemmija fl-Anness 4 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni.[60]

Kapitolu II
Il-kontroll ta' fruntieri esterni u d-dħul miċħud

Artikolu 6
Il-kontrolli fuq persuni f'punti ta' qsim awtorizzati

1. Ċaqliq minn naħa għal oħra tal-fruntieri esterni jkun suġġett għal kontrolli mill-gwardji tal-fruntiera nazzjonali. Il-kontrolli għandhom isiru skond il-paragrafi 2 u 3.

2. Il-persuni kollha għandhom jgħaddu minn kontroll minimu, imsejjes fuq il-wirja jew il-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tagħhom, sabiex jiġu stabbiliti l-identitajiet tagħhom.

   Il-kontrolli għandhom isiru minn kull Stat Membru skond il-leġiżlazzjoni tiegħu, b'mod partikulari meta jkun involut tiftix. Il-kontrolli jistgħu jkopru wkoll il-vetturi jew l-oġġetti li jinsabu fil-pussess ta' persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera.

3. Mad-dħul u l-ħruġ, ċittadini ta' pajjiżi terz għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli bir-reqqa.

   Kontrolli bir-reqqa għandhom jinkludu:

   a) il-verifika ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar u l-kundizzjonijiet l-oħra li jirregolaw id-dħul u r-residenza kif inhuma indikati fl-Artikolu 5(1) u, fejn hu applikabbli, dokumenti li jawtorizzaw ir-residenza u l-ipprattikar tal-professjoni;

---

[59] ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1.
[60] ĠU C 313, 16.12.2002, p. 1; ĠU C 310, 19.12.2003, p. 1.

b) l-istħarriġ u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna, il-politika pubblika u s-saħħa pubblika ta' l-Istati Membri, u d-dokumentazzjoni ta' offiżi, b'mod partikulari permezz ta' konsultazzjoni diretta ta' rapporti dwar persuni jew oġġetti inklużi fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u fil-fajls tad-data nazzjonali.

4. Regoli dettaljati għall-kontrolli stipulati fil-paragrafi 2 u 3 jinsabu fl-Anness IV.

Artikolu 7
L-illlaxkar tal-kontrolli

1. Kontrolli fi fruntieri fuq l-art jistgħu jiġu llaxkati minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u li ħadd ma kien qed jistennihom li jitolbu miżuri immedjati.

2. Għandhom jiġu stabbiliti prijoritajiet jekk il-kontrolli stipulati skond l-Artikolu 6 ma jkunux jistgħu jsiru b'mod sistematiku minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali jew li ħadd ma kien qed jistennihom kif hemm fil-paragrafu 1.

3. Regoli dettaljati dwar kif u meta jiġu llaxkati l-kontrolli u l-kriterji ta' prijorità huma indikati fl-Anness V.

4. L-Istat Membru relevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibli dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu skond il-paragrafi 1 u 2.

5. Anki fejn jiġu llaxkati l-kontrolli, ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu jistgħu jitolbu u jiksbu timbri għad-dokument ta' l-ivvjaġġar tagħhom skond l-Artikolu 9.

Artikolu 8
Il-lejns separati u l-informazzjoni fuq is-sinjali

1. Stati Membri għandhom jagħmlu lejns separati f'punti ta' qsim awtorizzati fil-fruntieri esterni tagħhom ta' l-ajru sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fil-fruntieri fuq persuni skond l-Artikolu 6. Dawn il-lejns għandhom ikunu identifikati permezz tas-sinjali stipulati fil-paragrafu 2.

   Mhux bilfors isiru lejns separati fil-punti ta' qsim marittimi u ta' fuq l-art u fil-fruntieri bejn Stati Membri li ma japplikawx l-Artikolu 18.

2. L-indikazzjonijiet minimi fuq is-sinjali, li jistgħu wkoll ikunu elettroniċi, għandhom ikunu kif ġej:

   a) għal lejns li jkunu qiegħdin biex jintużaw biss minn persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles: is-simbolu ta' l-Unjoni Ewropea bl-ittri "EU" ("UE"), "EEA" ("ŻEE") u "CH" f'ċirku ta' stilel u l-kelma "CITIZENS" ("ĊITTADINI") taħt iċ-ċirku ta' stilel kif hemm fl-Anness VI, Parti A,

b) għal lejns maħsuba għall-kategoriji l-oħra ta' ċittadini minn pajjiż terz, imma li jistgħu wkoll jintużaw minn dawk li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles: il-kelmiet "ALL PASSPORTS" ("IL-PASSAPORTI KOLLHA"), kif hemm fl-Anness VI, parti B.

L-indikazzjonijiet fuq is-sinjali msemmija aktar 'il fuq jistgħu jinkitbu bl-ilsien jew bl-ilsna li kull Stat Membru jqis xierqa.

3. F'punti ta' qsim awtorizzati, marittimi jew ta' fuq l-art, l-Istati Membri jistgħu jifirdu t-traffiku f'lejns għal tipi differenti ta' vetturi – karozzi, trakkijiet u karozzi tal-linja – permezz tas-sinjali kif hemm fl-Anness VI, Parti C.

4. Fil-każ ta' żbilanċ temporanju fil-flussi tat-traffiku f'punt partikulari fejn tinqasam il-fruntiera, ir-regoli għall-użu ta' lejns differenti jistgħu ma jintużawx mill-awtoritajiet relevanti sakemm jitneħħa dan l-iżbilanċ.

5. L-adattament tas-sinjali eżistenti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandu jitlesta sal-31 ta' Mejju 2009. Fejn Stati Membri jbiddlu sinjali eżistenti jew iqiegħdu oħrajn ġodda qabel dik id-data, iridu jirrispettaw indikazzjonijiet minimi stipulati f'dawk il-paragrafi.

Artikolu 9
L-ittimbrar tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi

1. Id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul. B'mod partikulari timbru tad-dħul għandu jsir fuq:

a) id-dokumenti li li fuqhom ikollhom viża valida, u li jawtorizzaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera;

b) id-dokumenti li jawtorizzaw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, li tkun inħarġitilhom viża fil-fruntiera minn Stat Membru, sabiex jaqsmu l-fruntiera;

c) id-dokumenti li jawtorizzaw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex suġġetti għall-ħtieġa ta' viża, sabiex jaqsmu l-fruntiera.

2. M'għandu jkun hemm l-ebda timbru ta' dħul jew ħruġ:

a) fuq dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom id-dritt tal-Komunità li jiċċaqilqu b'mod ħieles;

b) fuq dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' baħrin li huma preżenti fit-territorju ta' Stat Membru biss meta l-bastiment tagħhom jidħol f'port u jkunu fiż-żona tal-port fejn daħal il-bastiment;

c) fuq liċenzji ta' piloti jew ċertifikati ta' membri ta' l-ekwipaġġ ta' inġenji ta' l-ajru;

d) fil-każ ta' persuni li jibbenefikaw minn arranġamenti ta' traffiku lokali fil-fruntiera, sakemm dawn ikollhom il-permessi meħtieġa;

e) fil-każ ta' persuni li normalment ma jkunux suġġetti għal kontrolli (per eżempju, Kapijiet ta' Stati u dinjitarji li l-wasla tagħhom tkun imħabbra uffiċjalment minn qabel permezz ta' mezzi diplomatiċi);

f) fuq dokumenti li jawtorizzaw liċ-ċittadini ta' Andorra, Monaco u San Marino jaqsmu l-fruntiera.

B'mod eċċezzjonali, fuq talba ta' ċittadin ta' pajjiż terz, jista' ma jsirx timbru ta' dħul jew ħruġ, jekk it-timbru jkun jista' jaqla' xi inkwiet serju għall-persuna. F'dak il-każ, id-dħul jew il-ħruġ irid ikun iddokumentat fuq folja separata li tindika l-isem u n-numru tal-passaport.

3. It-timbru tal-ħruġ irid jitqiegħed, b'mod sistematiku, fuq dokumenti li jawtorizzaw lil ċittadin ta' pajjiż terz biex jaqsam il-fruntiera u li jkollhom viża ta' aktar minn dħul wieħed b'limitu għal kemm tista' tkun twila ż-żjara.

4. L-arranġamenti prattiċi għall-ittimbrar jinstabu fl-Anness VII.

Artikolu 10
Is-sorveljanza bejn il-punti li minnhom tinqasam il-fruntiera

9. Horné Srnie – Brumov-Bylnice
10. Horné Srnie – Vlárský průsmyk (binarju tal-ferrovija)
11. Klokočov – Bílá
12. Kúty – Lanžhot (binarju tal-ferrovija
13. Lúky pod Makytou – Horní Lideč (binarju tal-ferrovija)

14. Lysá pod Makytou – Střelná

15. Makov – Bílá-Bumbálka

16. Makov – Velké Karlovice

17. Moravské Lieskové – Strání

18. Nová Bošáca – Březová

19. Skalica – Sudoměřice

20. Skalica – Sudoměřice (binarju tal-ferrovija)

21. Svrčinovec – Mosty u Jablunkova

22. Vrbovce – Velká nad Veličkou

23. Vrbovce – Velká nad Veličkou (binarju tal-ferrovija)

IS-SLOVAKKJA – IL-POLONJA

Fruntieri fuq l-art

1. Becherov – Konieczna

2. Bobrov – Winiarczykówka

3. Lysá nad Dunajcom – Niedzica

4. Mníšek nad Popradom – Piwniczna

5. Novoť – Ujsoły

6. Oravská Polhora – Korbielów

7. Palota – Łupków (binarju tal-ferrovija)

8. Plaveč – Muszyna (binarju tal-ferrovija)

9. Skalité – Zwardoń (binarju tal-ferrovija)

10. Skalité – Zwardoń-Myto

11. Suchá Hora – Chochołów

12. Tatranská Javorina – Łysa Polana

13. Trstená – Chyżne

14. Vyšný Komárnik – Barwinek

Traffiku lokali fil-fruntiera (*) u punti ta' qsim għat-turisti (**)

1. Babia hora – Babia Góra**
2. Čertižné – Jaśliska*
3. Čertižné –Czeremcha**
4. Červený Kláštor – Sromowce Niżne**
5. Čierne – Jaworzynka**
6. Cigeľka – Wysowa Zdrój**
7. Čirč – Leluchów*/**
8. Gluchačky – Przełęcz Jałowiecka**
9. Kače – Wierchomla Wielka*
10. Kurov – Muszynka*
11. Legnava – Milik*
12. Lesnica znak graniczny II/91 – Szczawnica**
13. Lesnica znak graniczny II/94 – Szczawnica**
14. Litmanová – Jaworki**
15. Lysá nad Dunajcom – Sromowce Wyżne*
16. Nižná Polianka – Ożenna*/**
17. Nová Bystrica – Rycerka*
18. Oravice – Góra Magura**
19. Oravská Polhora – Przywarówka**
20. Oravská Polhora – Zawoja-Czatoża**
21. Osadné – Balnica**
22. Oščadnica-Vrečšovka – Bor*
23. Palota – Radoszyce*/**
24. Piľhov – Piwowarówka*
25. Pilsko – Pilsko**
26. Podspády – Jurgów*

27. Regetovka – Wysowa Zdrój**

28. Ruské Sedlo – Roztoki Górne**

29. Rysy – Rysy**

30. Skalité – Zwardoń**

31. Skalité Serafínov – Górka Gomółka**

32. Stará Bystrica – Przełęcz Przysłop**

33. Stebnická Huta – Blechnarka**

34. Stráňany – Jaworki**

35. Veľká Franková – Kacwin*/**

36. Veľká Rača – Wielka Racza**

37. Veľký Lipník – Szlachtowa**

38. Vychylovka – Przegibek*

IS-SLOVAKKJA – L-UKRAJNA

Fruntieri fuq l-art

1. Čierna nad Tisou – Čop (binarju tal-ferrovija)

2. Ubľa – Malyj Bereznyj

3. Vyšné Nemecké – Užhorod

IS-SLOVAKKJA – L-UNGERIJA

Fruntieri fuq l-art

1. Čaňa – Hidasnémeti (binarju tal-ferrovija)

2. Čunovo (motorway) – Rajka

3. Domica – Aggtelek

4. Fiľakovo – Somoskőújfalu (binarju tal-ferrovija)

5. Hosťovce – Tornanádaska

6. Kalonda – Ipolytarnóc

7. Komárno – Komárom

8. Komárno – Komárom (binarju tal-ferrovija)

9. Komárno – Komárom (xmara)

10. Kráľ – Bánréve

11. Lenartovce – Bánréve (binarju tal-ferrovija)

12. Medveďov – Győr-Vámosszabadi

13. Milhosť – Tornyosnémeti

14. Rusovce – Rajka

15. Rusovce – Rajka (binarju tal-ferrovija)

16. Šahy – Parassapuszta

17. Salka – Letkés

18. Šiatorská Bukovinka – Salgótarján

19. Slovenské Ďarmoty – Balassagyarmat

20. Slovenské Nové Mesto – Sátoraljaújhely

21. Slovenské Nové Mesto – Sátoraljaújhely (binarju tal-ferrovija)

22. Štúrovo – Esztergom

23. Štúrovo – Szob (binarju tal-ferrovija)

24. Veľký Kamenec – Pácin

Portijiet

Bratislava - prístav /port (xmara) (l-ebda punt fejn tinqasam il-fruntiera li jikkorrispondi għalih)

Fruntieri ta' l-ajru

1. Aéroport de Bratislava

2. Aéroport de Košice

3. Aéroport de Poprad

IL-FINLANDJA

Fruntieri fuq l-art

Vaalimaa

Vainikkala (binarju tal-ferrovija)

Nuijamaa

Niirala

Vartius

Raja-Jooseppi

Imatra*

Kelloselkä*

Kortesalmi*

Kolmikanta*

Uukuniemi*

Valkeavaara*

Ruhovaara*

Haapavaara*

Leminaho*

Inari*

Kokkojärvi*

Kivipuro*

Rajakangas*

Karikangas*

Karttimo*

Kurvinen*

Onkamo*

Virtaniemi*

SPJEGAZZJONI:

Il-punti fejn tinqasam il-fruntiera huma msejsa fuq il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u dak tal-Federazzjoni Russa dwar punti fejn tinqasam il-fruntiera ta' bejniethom (Ħelsinki, 11 ta' Marzu 1994). Dawk immarkati b'asterisk jintużaw b'mod limitat skond dan il-Ftehim u jinżammu miftuħa għat-traffiku kif ikun meħtieġ. It-traffiku huwa prinċipalment dak ta' ġarr ta' l-injam. Il-maġġoranza tal-punti ta' qsim huma magħluqa l-parti l-kbira tal-ħin.

Ajruporti

Enontekiö

Helsinki – Malmi

Helsinki – Vantaa

Ivalo

Joensuu

Jyväskylä

Kajaani

Kemi – Tornio

Kittilä

Kruunupyy

Kuopio

Kuusamo

Lappeenranta

Maarianhamina

Mikkeli

Oulu

Pori

Rovaniemi

Savonlinna

Tampere – Pirkkala

Turku

Vaasa

Varkaus

Fruntieri fuq il-baħar

Punti ta' qsim fil-port għal bastimenti kummerċjali u tas-sajd

Eckerö

Hamina

Hanko

Haukipudas

Helsinki

Inkoo

Kalajoki

Kaskinen (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Kemi (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Kokkola

Kotka

Kristiinankaupunki

Lappeenranta

Loviisa

Långnäs

Maarianhamina (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Naantali

Nuijamaa (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Oulu

Parainen

Pietarsaari (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Pori (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Porvoo

Raahe

Rauma (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Tammisaari

Tornio

Turku

Uusikaupunki (ukoll għal inġenji tal-baħar tad-divertiment)

Vaasa

Stazzjonijiet tal-gwardji tal-kosta li jagħmluha wkoll ta' punti fejn tinqasam il-fruntiera għal għal inġenji tal-baħar tad-divertiment u għal idroplani

Bågaskär

Enskär

Glosholmen

Haapasaari

Hanko (ukoll għal idroplani)

Hiittinen

Jussarö

Kalajoki

Kokkola

Kotka (ukoll għal idroplani)

Kummelgrund

Kökar

Maarianhamina (ukoll għal idroplani)

Mäntyluoto

Nauvo

Orrengrund

Pirttisaari

Porkkala (ukoll għal idroplani)

Raahe

Röyttä

Santio

Storklubb

Suomenlinna (ukoll għal idroplani)

Susiluoto

Valassaaret

Vallgrund

Virpiniemi

L-ISVEZJA

Arlanda

Arvidsjaur

Borlänge

Gävle

Göteborg

Halmstad

Helsingborg

Härnösand

Jönköping

Kalmar

Karlshamn

Karlskrona

Karlstad

Kristianstad

Landskrona

Landvetter

Lidköping

Linköping

Luleå

Lysekil

Malmö

Marstrand

Mora

Norrköping

Nyköping

Nynäshamn

Oxelösund

Ronneby

Sandhamn

Simrishamn

Slite

Stockholm

Strömstad

Sundsvall

Säffle

Söderköping

Södertälje

Trelleborg

Trollhättan

Uddevalla

Umeå

Visby

Västerås

Växjö

Ystad

Örebro

Örnsköldsvik

Östersund

L-ISLANDA

Ajruporti

Akureyri

Egilsstaðir

Höfn

Keflavík

Reykjavík

Portijiet

Akranes

Akureyri

Bolungarvík

Fáskrúðsfjörður

Fjarðarbyggð

Grindavík

Grundarfjörður

Grundartangi

Hafnarfjörður

Húsavík

Höfn

Ísafjörður

Patreksfjörður

Raufarhöfn

Reykjanesbær

Reykjavík

Sandgerði

Sauðárkrókur

Seyðisfjörður

Siglufjörður

Skagaströnd

Vestmannaeyjar

Vopnafjörður

Þorlákshöfn

Þórshöfn

IN-NORVEĠJA

AJRUPORTI	FRUNTIERI FUQ IL-BAĦAR	FRUNTIERI FUQ L-ART
Gardermoen	Oslo	Storskog
Fagernes	Halden	
Geilo	Sarpsborg	
Sandefjord	Fredrikstad	
Skien	Hvaler	
Notodden	Moss	
Kristiansand	Follo	
Sola	Drammen	
Haugesund	Hurum	
Leirvik	Holmestrand	
Bergen indre	Horten	
Ålesund	Tønsberg	
Molde	Sandefjord	
Kristiansund	Larvik	
Ørland	Skien	
Røros	Porsgrunn	
Stjørdal	Kragerø	
Bodø	Arendal	
Narvik	Grimstad	
Sortland	Risør	
Bardufoss	Kristiansand	
Tromsø	Farsund	
Alta	Flekkefjord	
Lakselv	Mandal	

Kirkenes	Egersund
	Gjesdal
	Hå
	Sandnes
	Sokndal
	Rana
	Sola
	Stavanger
	Haugesund
	Tysvær
	Odda
	Lindås
	Askøy
	Sotra
	Leirvik
	Bergen indre
	Høyanger
	Årdalstangen
	Florø
	Måløy
	Ålesund
	Molde
	Kristiansund
	Ørland
	Hummelvik
	Orkanger
	Trondheim

Steinkjer

Stjørdal

Namsos

Mosjøen

Bodø

Narvik

Sortland

Svolvær

Gryllefjord

Harstad

Balsfjord

Finnsnes

Karlsøy

Lyngen

Skjervøy

Tromsø

Hammerfest

Havøysund

Honningsvåg

Alta

Båtsfjord

Vardø

Kjøllefjord

Vadsø

Kirkenes

ANNESS II
Evidenza dokumentarja li tistabbilixxi kemm huma plawżibbli r-raġunijiet għad-dħul

1. L-evidenza dokumentarja msemmija fl-Artikolu 5(2) hija din li ġejja:

a) għal mawriet ta' negozju:

– stedina minn ditta jew awtorità sabiex wieħed jattendi laqgħat jew attivitajiet marbuta ma' kummerċ, industrija jew xogħol;

– dokumenti oħra li juru l-eżistenza ta' relazzjonijiet kummerċjali jew relazzjonijiet għal finijiet ta' xogħol;

– biljetti ta' dħul għal fieri jew kungressi.

b) għal vjaġġi li jsiru għall-finijiet ta' studju jew tipi oħra ta' taħriġ:

– ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'istitut ta' tagħlim sabiex wieħed jattendi korsijiet vokazzjonali jew teoretiċi fil-qafas ta' taħriġ bażiku jew aktar avvanzat;

– kards ta' l-istudent jew ċertifikati għal korsijiet li wieħed ikun segwa.

c) għal vjaġġi li jsiru għall-finijiet ta' turiżmu jew raġunijiet privati:

– stedina mingħand min ikun se jilqa' lill-persuna;

– dokument ta' appoġġ mill-istabbiliment li jkun qed jipprovdi alloġġ;

– konferma ta' l-ibbukkjar li jkun sar għal mawra organizzata;

– biljett bir-ritorn jew wieħed li jkun jinkludi tluq u ritorn.

d) għal dawk li jibbenefikaw minn arranġamenti ta' traffiku lokali fil-fruntiera:

– ċertifikat li juri residenza fiż-żona tal-fruntiera, jekk din ma tkunx speċifikata fid-dokument ta' l-ivvjaġġar;

– kwalunkwe dokument li jista' jiġġustifika qsim ta' sikwit tal-fruntiera għal raġunijiet ta' traffiku lokali fil-fruntiera, bħal ċertifikati jew attestazzjonijiet oħra li jixhdu rabtiet familjari, dokumenti li jiċċertifikaw li wieħed għandu propjetà n-naħa l-oħra tal-fruntiera, eċċ.

e) għal vjaġġi li jsiru għal raġuni oħra:

– stediniet, reġistrazzjonjiet jew programmi;

– ċertifikati ta' attendenza, biljetti tad-dħul, irċevuti, eċċ.,

għal attivitajiet politiċi, xjentifiċi, kulturali, sportivi jew reliġjużi, fejn jingħad, meta hu possibli, l-isem ta' l-organizzazzjoni li tkun ħarġet l-istedina u kemm se ddum il-mawra.

2. Is-suppożizzjoni li wieħed għandu mezzi biżżejjed biex jgħix, għall-finijiet ta' l-Artikolu 5(1) u (3) għandha tkun imsejsa fuq, per eżempju, flus kontanti, ċekkijiet tal-vjaġġatur, karti tal-kreditu, u dikjarazzjonijiet dwar garanziji fil-pussess ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Dokumenti li jgħidu li l-ispejjeż ta' ċittadin ta' pajjiż terz se jkunu koperti minn persuna li tgħix legalment fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tiegħu jistgħu wkoll ikunu prova li huwa għandu mezzi biżżejjed biex jgħix.

3. Fejn m'hemmx bżonn l-assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar, provduta mill-Artikolu 5(1)(c), skond il-Parti V, punt 1.4, tat-tieni paragrafu, it-tielet inċiż ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni, l-eżenzjoni tkun indikata fit-taqsima tad-dħul nazzjonali ta' l-istiker tal-viża ("NO INSURANCE REQUIRED" ("L-EBDA ASSIGURAZZJONI M'HI MEĦTIEĠA").

ANNESS III
Ammonti ta' referenza meħtieġa biex jinqasmu l-fruntieri, iffissati kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali

IL-BELĠJU

Il-liġi Belġjana tindika dispożizzjonijiet ġenerali sabiex ikun verifikat jekk hemmx mezzi xierqa ta' għajxien, mingħajr ma tistipula xi regoli mandatorji.

Il-prattika amministrattiva hi kif ġej:

Frustieri li joqogħdu ma' persuna privata

Xhieda tal-mezzi ta' l-għajxien tista' tingħata permezz ta' ittra ta' garanzija ffirmata mill-persuna li tkun qed tagħti akkomodazzjoni lill-frustier fil-Belġju u tkun awtentikata mill-awtorità amministrattiva lokali tal-post tar-residenza tiegħu.

Id-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tkopri l-ispejjeż taż-żjara tal-frustier, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u r-ripatrijazzjoni, jekk il-frustier ma jkunx jista' jħallas, sabiex ikun eskluż ħlas mill-awtoritajiet pubbliċi. Id-dikjarazzjoni trid tkun iffirmata minn persuna li tista' tħallas id-dejn u, jekk din il-persuna tkun frustiera, ikollha permess ta' residenza jew permess ta' sistemazzjoni.

Jekk hemm bżonn, il-frustier jista' wkoll jinħtieġ jagħti prova tar-riżorsi personali tiegħu.

Jekk ma jkollu l-ebda kreditu finanzjarju, irid ikun jista' jkollu aċċess għall-inqas għal € 38 għal kull ġurnata taż-żjara ppjanata tiegħu.

Frustieri li joqogħdu f'lukanda

Jekk il-frustier ma jkunx jista' jagħti prova ta' l-ebda kreditu, irid ikollu aċċess mill-inqas għal madwar € 50 għal kull ġurnata taż-żjara ppjanata tiegħu.

Barra minn hekk, fil-parti l-kbira tal-każi, il-persuna konċernata trid turi biljett (biljett ta' l-ajru) li permezz tiegħu tkun tista' tmur lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħha jew fejn ikollha r-residenza tagħha.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-ammonti ta' referenza huma ffissati mill-Att Nru. 326/1999 Sb. dwar ir-Residenza tal-Frustiera fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka u Emendi għal Uħud mill-Atti.

Skond l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar ir-Residenza ta' Frustiera fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka, fuq talba tal-Pulizija, frustier għandu jkun obbligat iressaq dokument li jikkonferma li jkun hemm fondi għaż-żjara tiegħu/tagħha fit-Territorju (l-Artikolu 13) jew stedina ċċertifikata, mhux eqdem minn 90 jum mid-data taċ-ċertifikazzjoni tagħha mill-Pulizija (l-Artikoli 15 u 180),

L-Artikolu 13 jipprovdi dan li ġej:

"Fondi biex Tkun Koperta ż-Żjara fit-Territorju

(1) Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor aktar ’l isfel, dan li ġej għandu jkun imressaq biex ikun ippruvat li jkun hemm fondi disponibbli għall-frustier għal matul iż-żjara tiegħu fit-Territorju:

(a) fondi li jammontaw mill-inqas għal dan li ġej:

– 0,5 drabi l-ammont minimu li wieħed jista’ jgħix bih skond regola legali speċjali kif meħtieġ biex ikunu koperti l-manteniment u l-bżonnijiet personali bażiċi l-oħra (minn issa ’l quddiem “l-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali”) għal kull ġurnata taż-żjara, jekk dan ma jkunx ta’ aktar minn 30 jum,

– 15-il darba l-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali jekk il-perjodu taż-żjara fit-Territorju se jkun ta’ aktar minn 30 jum, filwaqt li din is-somma għandha tiżdied għad-doppju tas-somma minima meħtieġa għall-għajxien għal kull xahar sħiħ li wieħed mistenni jqatta’ fit-Territorju,

– 50 darba l-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali f’każ li ż-żjara tkun għall-finijiet ta’ attività ta’ negozju u tkun se ddum għal aktar minn 90 jum, jew

– dokument li jikkonferma l-ħlas ta’ servizzi marbuta maż-żjara tal-frustier fit-Territorju jew dokument li jikkonferma li s-servizzi jkunu se jingħataw mingħajr ħlas.

(2) Minflok fondi kif hemm fis-subartikolu 1, dan li ġej jista’ jintuża biex jiġi ppruvat li jkun hemm fondi disponibbli għaż-żjara fit-Territorju:

(a) dikjarazzjoni ta’ kont bankarju f’isem il-frustier li jikkonferma li l-frustier ikun ħieles li juża l-fondi fl-ammont li jissemma fis-subartikolu 1 waqt iż-żjara tiegħu fir-Repubblika Ċeka, jew

(b) dokument ieħor li jiċċertifika li jkun hemm fondi disponibbli, bħal karta ta’ kreditu li hi aċċettata internazzjonalment.

(3) Frustier li jkun se jistudja fit-Territorju jista’ jressaq, bħala prova li jkun hemm fondi disponibbli għal matul iż-żjara tiegħu, garanzija minn awtorità statali jew entità legali li tkopri ż-żjara tiegħu billi tipprovdi fondi ekwivalenti għall-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali għal xahar ta’ żjara, jew dokument li jikkonferma li l-ispejjeż kollha relatati ma’ l-istudji u ż-żjara tiegħu jkunu koperti mill-organizzazzjoni li tkun qed tilqgħu (skola). Jekk is-somma msemmija ma tilħaqx dan l-ammont, il-frustier ikun obbligat iressaq dokument li jipprova li hu għandu fondi ekwivalenti għad-differenza bejn l-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali u l-ammont tal-garanzija għall-perjodu li jkun mistenni jqatta’ fil-pajjiż, għalkemm dawn m’għandhomx ikunu aktar minn sitt darbiet l-Ammont Minimu għall-Għajxien għall-Bżonnijiet Personali. Minflok id-dokument dwar id-dispożizzjoni tal-mezzi għar-residenza jista jkun hemm deċiżjoni jew ftehim dwar l-allokazzjoni ta’ għotja miksuba skond trattat internazzjonali li bih tkun marbuta r-Repubblika Ċeka.

(4) Frustier li ma jkunx għad għandu 18-il sena għandu jkun obbligat jipprova li jkollu fondi għaż-żjara tiegħu, skond is-subartikolu 1, ekwivalenti għal nofs l-ammont".

u l-Artikolu 15 jistipula dan li ġej:

"Stedina

Fil-każ ta' stedina, il-persuna li tkun qed tistieden lill-frustier għandha tintrabat li tkopri l-ispejjeż li

(a) ikollhom x'jaqsmu mal-manteniment tal-frustier matul iż-żjara tiegħu fit-Territorju sakemm jitlaq mit-Territorju,

(b) ikollhom x'jaqsmu ma' l-akkomodazzjoni tal-frustier matul iż-żjara tiegħu fit-Territorju sakemm jitlaq mit-Territorju,

(c) ikollhom x'jaqsmu mad-dispożizzjoni tal-kura ta saħħet il-frustier matul iż-żjara fit-Territorju sakemm jitlaq mit-Territorju, u t-trasferiment tal-frustier meta jkun marid jew tal-ġisem tiegħu jekk imut,

(d) ikollhom il-Pulizija marbuta maż-żjara tal-frustier fit-Territorju u t-tluq tiegħu minnu f'każ li jitkeċċa."

ID-DANIMARKA

Skond il-Liġi Daniża dwar il-Frustieri, frustier li jidħol fit-territorju Daniż għandu jkollu mezzi biżżejjed biex jgħix u għall-vjaġġ tar-ritorn.

Fil-prattika, huma l-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntiera fil-punt tad-dħul li jistmaw jekk dan ikunx il-każ skond is-sitwazzjoni ekonomika tal-frustier, billi jieħdu in kunsiderazzjoni informazzjoni dwar il-possibbiltajiet tiegħu dwar l-akkomodazzjoni u l-vjaġġ tar-ritorn.

L-amministrazzjoni iffissat, fil-prinċipju, is-somma ta' DKK 300 għal kull 24 siegħa bħala ammont suffiċjenti biex wieħed jgħix bih.

Barra minn hekk, frustier irid ikun jista' jipprova li jkollu mezzi biżżejjed għall-vjaġġ tar-ritorn, per eżempju, f'forma ta' biljett bir-ritorn.

IL-ĠERMANJA

Skond l-Artikolu 60(2) ta' l-Att dwar il-Frustieri tad-9 ta' Lulju 1990 (AuslG), frustier jista' ma jitħalliex jidħol fil-fruntiera jekk ikun hemm raġunijiet biex dan jitkeċċa.

Dan hu l-każ jekk frustier ikun sfurzat jagħmel talba jew fil-fatt jagħmel talba għall-benefiċċji soċjali mill-Istat Ġermaniż għalih, għall-membri tal-familja tiegħu li jkunu joqogħdu fit-territorju Ġermaniż jew għal nies li jkunu dipendenti minnu (l-Artikolu 46(6) ta' l-Att dwar il-Frustieri).

Ma ġewx iffissati ammonti ta' referenza għall-użu ta' l-uffiċjali tal-kontrolli fil-fruntiera. Fil-prattika, ammont ta' € 25 kuljum ġeneralment jintuża bħala referenza bażika. Il-frustier irid ikollu wkoll biljett bir-ritorn jew mezzi finanzjarji ekwivalenti.

Madanakollu, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li frustier ma jitħalliex jidħol, irid jingħata l-opportunità li jipproduċi, fi żmien adegwat u b'mezzi legali, il-mezzi finanzjarji meħtieġa biex ikopri ż-żjara tiegħu fit-territorju Ġermaniż, jiġifieri billi jippreżenta:

– garanzija legali minn bank Ġermaniż,

– ittra ta' garanzija mingħand min ikun qed jilqgħu,

– ordni għal flus permezz tat-telegrafu, jew

– garanzija ddepożitata ma' l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni li jkollhom x'jaqsmu maż-żjara.

L-ESTONJA

Skond il-liġi ta' l-Estonja, il-frustieri li jaslu fl-Estonja mingħajr ittra ta' stedina, meta jintalbu minn uffiċjal tal-gwardji tal-fruntiera mad-dħul tagħhom fil-pajjiż, għandhom jipprovdu provi li jkollhom biżżejjed flus sabiex ikopru l-ispejjeż taż-żjara u t-tluq mill-Estonja. Flus suffiċjenti għal kull ġurnata huma kkunsidrati li jammontaw għal 0,2 drabi s-salarju minimu ta' kull xahar li jingħata mill-Gvern tar-Repubblika.

Altrimenti, dak li jagħmel l-istedina jkollu jieħu r-responsabbiltà għall-ispejjeż taż-żjara tal-frustier u tat-tluq tiegħu mill-Estonja.

IL-GREĊJA

Id-digriet Ministerjali Nru 3011/2/1f tal-11 ta' Jannar 1992 jiffissa l-ammont li ċittadini barranin irid ikollhom biex jgħixu – bl-eċċezzjoni ta' ċittadini mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea – jekk ikunu jridu jidħlu fit-territorju Grieg.

Skond id-digriet ministerjali li ssemma hawn fuq, l-ammont ta' munita barranija li ċittadini barranin, għajr għal dawk lil jkunu ġejjin mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, irid ikollhom biex jidħlu fil-Greċja, hu ffissat għall-ekwivalenti ta' € 20 f'munita barranija għal kull persuna għal kull ġurnata, u ammont totali ta' mill-inqas € 100.

L-ammont ta' munita barranija meħtieġa għal kull jum titnaqqas b'50% għal minorenni li jkunu membri tal-familja tal-frustier.

Ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità u li jobbligaw liċ-ċittadini Griegi jbiddlu l-munita tagħhom fil-fruntieri, huma suġġetti għall-istess obbligu skond il-prinċipju ta' reċiproċità.

SPANJA

Il-frustieri jridu jippruvaw li jkollhom biżżejjed mezzi biex jgħixu. L-ammont minimu jingħata hawn isfel:

(a) għall-ispejjeż taż-żjara tagħhom fi Spanja: € 30, jew l-ekwivalenti f'munita barranija, immultiplikat bin-numru ppjanat ta' ġranet taż-żjara fi Spanja u bin-numru ta' membri tal-familja li jkunu qed jivvjaġġaw mal-persuna konċernata. Indipendentement mit-tul ippjanat taż-żjara, l-ammont minimu li l-frustier irid jipprova li jkollu, irid ikun dejjem ta' € 300 għal kull persuna.

(b) għar-ritorn fl-Istat minn fejn ikunu ġew jew biex jgħaddu minn Stati terzi: il-biljett jew biljetti personali, mhux trasferibbli u b'data ffissata għal mezz ta' trasport li jkunu qed jippjanaw li jużaw.

Il-frustieri jridu jippruvaw li jkollhom il-mezzi biex jgħixu msemmija aktar 'il fuq, jew billi jippreżentawhom jekk ikunu flus kontanti, jew billi jippreżentaw ċekkijiet iċċertifikati, ċekkijiet tal-vjaġġaturi, irċevuti, ittri ta' kreditu jew ċertifikat tal-bank li jikkonferma li dawn il-mezzi tabilħaqq ikunu jeżistu. Jekk ma jkollhomx dawn id-dokumenti, iridu juru kwalunkwe dokument ieħor ta' appoġġ li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet tal-pulizija tal-fruntiera Spanjoli.

FRANZA

L-ammont ta' referenza għal mezzi adegwati biex frustier ikun jista' jgħix għal matul iż-żjara ppjanata tiegħu jew sabiex jgħaddi minn Franza fi triqtu lejn Stat terz hi daqs l-ammont ta' paga minima garantita fi Franza (SMIC), ikkalkulata kuljum fuq il-bażi ta' rata ffissata fl-1 ta' Jannar tas-sena attwali.

Dan l-ammont jiġi stmat mill-ġdid b'mod regolari fuq il-bażi ta' l-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja Franċiż:

– awtomatikament meta l-indiċi tal-prezzijiet ta' l-imnut jiżdied b'aktar minn 2%,

– b'deċiżjoni tal-gvern – wara konsultazzjoni mal-kummissjoni nazzjonali għan-negozjar kollettiv – sabiex tingħata żieda ogħla miż-żieda fl-indiċi tal-prezzijiet ta' l-imnut.

Sa mill-1 ta' Lulju 2002, l-ammont ta' kuljum tas-SMIC (paga minima) hu ta' € 47,80.

Detenturi ta' ċertifikat ta' akkomodazzjni jrid ikollhom l-ammont ta' flus minimu, ekwivalenti għal nofs is-SMIC, sabiex joqogħdu fi Franza. L-ammont għalhekk huwa ta' € 23,90 għal kull ġurnata.

L-ITALJA

L-Artikolu 4(3) tat-"Test ikkonsolidat tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-immigrazzjoni u l-istatus tal-frustieri" Nru 286 tat-28 ta' Lulju 1998 jgħid li l-Italja, skond l-obbligi li ħadet minħabba li hi membru ta' ftehim speċifiċi internazzjonali, għandha tħalli lil frustieri jidħlu fit-territorju tagħha jekk jippruvaw li għandhom dokumentazzjoni xierqa li tikkonferma l-għan u l-kundizzjonjiet tar-residenza tagħhom u mezzi biżżejjed biex jgħixu għal matul il-perjodu tar-residenza tagħhom u wkoll, minbarra fil-każ ta' permessi ta' residenza għal raġunijiet ta' xogħol, għar-ritorn lejn il-pajjiż minn fejn ikunu ġejjin. Il-mezzi ta' għajxien huma ddefiniti fid-direttiva relevanti maħruġa mill-Ministru ta' l-Intern. Il-frustieri li ma jissodisfawx dawn il-kriterji jew li jitqiesu bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali jew il-politika pubblika ta' l-Istat jew ta' wieħed mill-pajjiżi li miegħu l-Italja ffirmat ftehim għat-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni u għaċ-ċaqliq ħieles tal-persuni, ma jistgħux jidħlu l-Italja, suġġett għal-limiti u d-derogi indikati f'dak il-ftehim..

Skond id-direttiva konċernata, li nħarġet fl-1 ta' Marzu 2000 u li għandha bħala titolu "Id-definizzjoni tal-mezzi ta' għajxien għad-dħul u r-residenza ta' frustieri fit-territorju nazzjonali":

a) jekk il-mezzi ta' l-għajxien ikunux disponibbli jew le jista' jintwera billi jiġu ppreżentati flus jew kambjali ekwivalenti jew garanziji tal-bank jew poloz ta' l-assigurazzjoni li jiggarantixxu ħlas, permezz ta' dokumenti li jattestaw servizzi li jkunu tħallsu minn qabel jew dokumenti li jippruvaw li jkun hemm fondi disponibbli minn introjtu fit-territorju nazzjonali;

b) l-ammonti ta' flus stabbiliti fid-direttiva għandhom jiġu riveduti kull sena, wara l-applikazzjoni tal-parametri li għandhom x'jaqsmu mal-varjazzjoni annwali medja li toħroġ l-ISTAT u huma kkalkulati fuq il-bażi ta' l-indiċi ġenerali tal-prezzijiet għall-konsumatur għal ikel, xorb, u servizzi ta' trasport u akkomodazzjoni;

c) il-frustier irid jindika li għandu akkomodazzjoni xierqa fit-territorju Taljan u għandu s-somma meħtieġa għar-ripatrijazzjoni, li jkun jista' jintwera permezz ta' biljett bir-ritorn;

d) Il-mezzi ta' għajxien minimi meħtieġa għal kull persuna sabiex din tinħarġilha viża u sabiex tkun tista' tidħol fit-territorju Taljan għall-finijiet ta' turiżmu huma ddefiniti skond Tabella A aktar 'l isfel.

TABELLA A
TABELLA LI TISTABBILIXXI L-MEZZI TA' GĦAJXIEN MEĦTIEĠA GĦAD-DĦUL FIT-TERRITORJU TALJAN GĦALL-FINIJIET TA' TURIŻMU

	Numru ta' parteċipanti fil-mawra	
Kemm tkun se ddum il-mawra	Parteċipant wieħed	Żewġ parteċipanti jew aktar
	Euro	Euro
Jum 1 sa 5		
somma totali ffissata	269,60	212,81
6 ijiem sa 10		26,33
somma ta' kuljum għal kull persuna	44,93	

11 sa 20 jum		
somma ffissata	51,64	25,82
+		
somma ta' kuljum għal kull persuna	36,67	22,21

aktar minn 20 jum		
somma ffissata	206,58	118,79
+		
somma ta' kuljum għal kull persuna	27,89	17,04

ĊIPRU

Skond ir-Regolamenti dwar il-Frustieri u l-Immigrazzjoni (Regolament (9(2)(B)), id-dħul ta' frustieri għal żjara temporanja fir-Repubblika jiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-uffiċjali ta' l-immigrazzjoni fil-fruntieri, skond l-istruzzjonijiet ġenerali jew speċifiċi tal-Ministru ta' l-Intern jew permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija hawn fuq. L-uffiċjali ta' l-immigrazzjoni fil-fruntieri jiddeċiedu każ b'każ jekk għandux jitħalla jsir id-dħul, billi jieħdu in kunsiderazzjoni l-għan u t-tul taż-żjara, il-prenotazzjonijiet possibli fil-lukandi jew l-ospitalità ta' persuni li normalment joqogħdu f'Ċipru.

IL-LATVJA

L-Artikolu 81 tar-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri Nru 131 tas-6 ta' April 1999, kif emendat mir-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri Nru 124 tad-19 ta' Marzu, jistipula li fuq talba ta' uffiċjal mill-Gwardja Statali tal-Fruntiera, frustier jew persuna mingħajr stat għandhom jippreżentaw id-dokumenti msemmija fis-sub-paragrafi 67.2.2 u 67.2.8 ta' dawn ir-Regolamenti:

67.2.2. vawċer għal ċentru fejn wieħed imur biex jieħu saħħtu jew vawċer ta' l-ivvjaġġar ikkonfermat skond ir-regolamenti ippromulgati mir-Repubblika tal-Latvja, jew *carnet* tat-turisti, imħejji skond mudell speċifikat u maħruġ mill-*Alliance of International Tourism* (Alleanza tat-Turiżmu Internazzjonali, AIT);

67.2.8. għall-ogħti ta' viża għal dħul ta' darba:

67.2.8.1. ċekkijiet ta' l-ivjaġġatur f'munita li tissarraf jew fi flus kontanti f'LVL jew f'munita li tissarraf u li tikkorispondi għal LVL 60 għal kull ġurnata; jekk il-persuna tippreżenta d-dokumenti li jippruvaw li diġà jkun sar ħlas għal post iċċertifikat ta' akkomodazzjoni għal

matul iż-żjara kollha tiegħu/tagħha – ċekkijiet ta' l-ivjaġġatur f'munita li tissarraf jew flus kontanti f'LVL jew f'munita li tissarraf u li tikkorispondi għal LVL 25 għal kull ġurnata;

67.2.8.2. dokument li jiċċertifika l-prenotazzjoni ta' post iċċertifikat ta' akkomodazzjoni;

67.2.8.3. biljett bir-ritorn b'dati ffissati.

IL-LITWANJA

Skond l-Artikolu 7(1) tal-Liġi Litwana dwar l-Istatus Legali tal-Frustieri, frustier ma jitħalliex jidħol fir-Repubblika tal-Litwanja meta ma jkunx jista' jipprova li jkollu fondi biżżejjed għaż-żjara tiegħu fir-Repubblika Litwana, u lanqas li jkollu vjaġġ bir-ritorn lejn pajjiżu jew biex jibqa' sejjer għal pajjiż ieħor li jkolluu d-dritt jidħol fih.

Madanakollu, m'hemm l-ebda ammonti ta' referenza għal dak li ssemma aktar 'il fuq. Id-deċiżjonijiet jittieħdu każ b'każ, skond l-għan, it-tip u t-tul taż-żjara.

IL-LUSSEMBURGU

Il-liġi tal-Lussemburgu ma tistipula l-ebda ammont ta' referenza għall-kontrolli fil-fruntiera. L-uffiċjal li jkun qed jagħmel il-kontroll jiddeċiedi każ b'każ jekk il-frustier li jippreżenta ruħu fil-fruntiera ikollux mezzi biżżejjed biex jgħix. Għal dan il-għan, l-uffiċjal jieħu in kunsiderazzjoni l-għan taż-żjara u t-tip ta' akkomodazzjoni.

L-UNGERIJA

Ammont ta' referenza hu speċifikat fil-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-frustieri: taħt Digriet Nru 25/2001 (XI. 21.) tal-Ministru ta' l-Intern, bħalissa jinħtieġu mill-inqas HUF 1000 għal kulmin jidħol.

Skond l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Frustieri (Att XXXIX ta' l-2001 dwar id-Dħul u ż-Żjajjar ta' Barranin), il-mezzi ta' għajxien meħtieġa għad-dħul u ż-żjara jistgħu jkunu ċċertifikati bil-preżentazzjoni ta'

– flus Ungeriżi jew flus barranin jew mezzi ta' ħlas li ma jkunux kontanti (eż. ċekk, karta tal-kreditu, eċċ.),

– ittra valida ta' stedina mingħand ċittadin Ungeriż, barrani li jkollu permess ta' residenza jew permess ta' sistemazzjoni jew entità legali, jekk il-persuna li tkun qed tistieden lill-barrani tiddikjara li se tkopri l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni, l-alloġġ, il-kura tas-saħħa u r-ritorn (ripatrijazzjoni). Il-kunsens uffiċjali ta' l-awtorità għall-kontroll tal-frustieri trid tkun imwaħħla ma' l-ittra ta' l-istedina,

– konferma ta' l-ikel u l-alloġġ prenotati u mħallsa minn qabel permezz ta' aġenzija ta' l-ivvjaġġar (vawċer),

– kwalunkwe prova kredibbli oħra.

MALTA

Il-prattika hi li jkun assigurat li l-persuni li jidħlu Malta jkollhom mill-inqas MTL 20 (EUR 48) għal kull ġurnata li ddum iż-żjara tagħhom.

L-OLANDA

L-ammont li l-uffiċjali tal-kontroll fil-fruntiera jieħdu bħala bażi meta jivverifikaw jekk wieħed ikollux mezzi biżżejjed biex jgħix bħalissa hu ta' € 34 għal kull persuna, kuljum.

L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju hu flessibli ladarba l-ammont meħtieġ biex wieħed jgħix hu ddeterminat fuq il-bażi tat-tul ippjanat taż-żjara, ir-raġuni għaliha u ċ-ċirkustanzi personali tal-persuna konċernata.

L-AWSTRIJA

Skond l-Artikolu 52(2) Z 4 tal-Liġi dwar il-Frustieri, il-frustieri jitwaqqfu fil-fruntiera jekk ma jkollhomx post ta' residenza fl-Awstrija u ma jkollhomx mezzi biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż kollha taż-żjara tagħhom u tar-ritorn.

Madanakollu, m'hemm l-ebda ammonti ta' referenza għal dan. Id-deċiżjonijiet isiru każ b'każ, fuq il-bażi ta' l-għan, it-tip u t-tul taż-żjara. Flus kontanti u – skond iċ-ċirkustanzi tal-każ individwali – ċekkijiet tal-vjaġġaturi, karti tal-kreditu, garanziji tal-bank jew ittri ta' garanzija mingħand persuni li jgħixu fl-Awstrija u li m'humiex falluti jistgħu jiġu aċċettati bħala prova.

IL-POLONJA

L-ammonti meħtieġa biex wieħed jaqsam il-fruntieri huma ddeterminati mill-Ordinanza tal-Ministru ta' l-Intern u l-Amministrazzjoni ta' l-20 ta' Ġunju 2002 dwar l-ammont ta' mezzi biex jiġu koperti l-ispejjeż għad-dħul, passaġġ, żjara u tluq ta' frustieri li jaqsmu l-fruntiera tar-Repubblika tal-Polonja u regoli dettaljati tad-dokumentazzjoni li turi l-pussess ta' dawn il-mezzi – Dz.U. 2002, Nr 91, poz. 815.

L-ammonti indikati fir-regolament ta' hawn fuq huma dawn li ġejjin:

– PLN 100 għal kull ġurnata taż-żjara għal persuni li għandhom iktar minn 16-il sena, imma mhux inqas minn 500 PLN,

– PLN 50 għal kull ġurnata taż-żjara għal persuni li għandhom inqas minn 16-il sena, imma mhux inqas minn 300 PLN,

– PLN 20 għal kull ġurnata taż-żjara, imma mhux inqas minn 100 PLN, għal persuni li jieħdu sehem f'mawriet turistiċi, kampijiet għaż-żgħażagħ, kompetizzjonijiet sportivi jew ikollhom l-ispejjeż taż-żjara fil-Polonja koperti jew jaslu fil-Polonja għal trattamenti tas-saħħa f'sanatorju,

– PLN 300 għal persuni li għandhom iktar minn 16-il sena, li ż-żjara tagħhom fil-Polonja ma ddumx għal aktar minn tlett ijiem (inkluż iż-zmien meħtieġ għall-passaġġ għal x'imkien ieħor),

– PLN 150 għal persuni taħt is-16-il sena, li ż-żjara tagħhom fil-Polonja ma ddumx għal aktar minn tlett ijiem (inkluż iż-zmien meħtieġ għall-passaġġ għal x'imkien ieħor).

IL-PORTUGALL

Il-frustieri għandu jkollhom dawn l-ammonti li ġejjin jekk iridu jidħlu u joqogħdu fil-Portugall:

€ 75 – għal kull dħul

€ 40 – għal kull ġurnata li jqattgħu fit-territorju

Il-frustieri li jistgħu jippruvaw li fejn jieklu u jorqdu huwa garantit għal matul iż-żjara jistgħu ma jħallsux l-ammonti msemmija aktar ’il fuq.

IS-SLOVENJA

EUR 70 għal kull persuna kull ġurnata taż-żjara ppjanata.

IS-SLOVAKKJA

Skond l-Artikolu 4(2)(c) ta’ l-Att Nru 48/2002 Z. z. dwar iż-Żjarat tal-Frustieri, frustier hu obbligat li, meta jintalab jagħmel dan, jipprova li hu jew hi għand(u/ha) l-finanzi għal matul iż-żjara, f’munita li tissarraf, u li jammontaw għal mill-inqas nofs il-paga minima provduta mill-Att Nru 90/1996 Z. z. dwar il-paga minima kif emendat, għal kull ġurnata taż-żjara. Frustier li għandu inqas minn 16-il sena hu obbligat li jipprova li hu jew hi għand(u/ha) l-finanzi għal matul iż-żjara li huma nofs dan l-ammont.

IL-FINLANDJA

L-ammont li l-uffiċjali tal-kontroll fil-fruntiera jieħdu bħala bażi għall-mezzi ta’ l-għajxien bħalissa hu ta’ € 40 għal kull persuna, kuljum.

L-ISVEZJA

Il-liġi Svediża ma tistipulax ammont ta’ referenza sabiex wieħed jaqsam il-fruntieri. L-uffiċjal ta’ kontroll fil-fruntiera jiddeċiedi każ b’każ jekk il-frustier ikollux il-mezzi meħtieġa biex jgħix.

L-ISLANDA

Skond il-liġi ta’ l-Islanda, frustieri jridu jippruvaw li huma jkollhom biżżejjed flus biex jkopru bżonnijiethom fl-Islanda u biex jagħmlu l-vjaġġ tar-ritorn. Fil-prattika, l-ammont ta’ referenza hu ta’ ISK 4 000 għal kull persuna. Jekk l-ispejjeż ta’ l-għajxien jinġarru minn terza persuna, l-ammont jinqasam min-nofs. L-inqas ammont totali hu ta’ ISK 20 000 għal kull dħul.

IN-NORVEĠJA

Taħt l-Artikolu 27(d) tal-Liġi ta’ l-Immigrazzjoni Norveġiża, kwalunkwe ċittadin barrani li ma jkunx jista’ jipprova li għandu fondi biżżejjed għaż-żjara tiegħu fir-Renju u għall-vjaġġ tar-ritorn, jew li ma jkunx jista' jorbot fuq dawk il-fondi, jista’ jintbagħat lura u ma jitħalliex jgħaddi mill-fruntiera.

L-ammonti meqjusa bħala meħtieġa huma ffissati individwalment u d-deċiżjonijiet jittieħdu każ b’każ. Jittieħdu in kunsiderazzjoni t-tul taż-żjara, jekk iċ-ċittadin barrani jkunx se joqgħod mal-familja jew mal-ħbieb, jekk ikollux biljett għall-vjaġġ lura u jekk tkunx ingħatat garanzija għaż-żjara tiegħu (bħala indikazzjoni, ammont ta’ NOK 500 għal kull ġurnata jitqies adegwat għal viżitaturi li ma jkunux se joqogħdu ma’ familjari jew ħbieb).

ANNESS IV
Kontrolli f'punti awtorizzati li minnhom tinqasam il-fruntiera

1. Il-kontroll minimu msemmi fl-Artikolu 6(2) li hu maħsub biex jistabbilixxi l-identità tal-persuna jikkonsisti f'kontroll ta' l-identità imsejjes fuq id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar murija jew ippreżentati u f'verifika ħafifa u sempliċi tal-validità tad-dokument li jawtorizza lid-detentur biex jaqsam il-fruntiera u tal-preżenza ta' sinjali ta' falsifikazzjoni.

2. Il-kontroll bir-reqqa fuq ċittadini ta' pajjiż terz, kif hemm fl-Artikolu 6(3), għandu jinkludi b'mod partikulari:

a) eżami dettaljat ta' dawn l-aspetti li ġejjin:

- verifika tal-validità tad-dokument ippreżentat u, fejn hu applikabbli, tal-viża meħtieġa;

- tiftixa bir-reqqa tad-dokument għal sinjali ta' falsifikazzjoni;

b) verifika dwar l-oriġini u d-destinazzjoni ta' l-individwu u l-għan tal-vjaġġ u, jekk ikun hemm bżonn, kontroll tad-dokumenti ta' appoġġ li jikkorrispondu ma' dan;

c) verifika li l-individwu jkollu biżżejjed mezzi biex jgħix għal kemm biħsiebu jdum fil-pajjiż, għal meta jirritorna jew jgħaddi għal pajjiż terz, jew jista' jiksibhom b'mezzi legali, u li għandu assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar fejn hu applikabbli;

d) verifika li l-persuna, il-vettura tagħha u l-oġġetti li tkun qed iġorr magħha ma jkunux se jipperikolaw il-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru. Verifika bħal din trid tinkludi wkoll konsultazzjoni diretta tad-data u t-twissijiet dwar persuni u oġġetti li jinsabu fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u fil-fajls nazzjonali tad-data u l-azzjoni li għandha tittieħed, jekk ikun hemm, bħala riżultat ta' twissija. Jekk il-konsultazzjoni ta' l-SIS turi li saret xi twissija, kif definita mill-Artikoli 95 u 100 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, l-ewwel għandha tittieħed l-azzjoni mitluba.

3. Fuq il-postijiet kollha tal-fruntiera (art, baħar u ajruporti), l-informazzjoni kollha tas-servizz u kwalunkwe informazzjoni oħra importanti b'mod partikulari, għandha tiddaħħal f'reġistru. Il-messaġġ għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja, l-aktar:

– l-ismijiet tal-gwardji tal-fruntiera responsabbli lokalment għall-kontrolli fil-fruntiera u ta' l-uffiċjali l-oħra f'kull tim;

– meta jiġu llaxkati kontrolli fuq persuni skond l-Artikolu 7;

– il-ħruġ ta' dokumenti minflok passaporti u ta' viżi jew permessi li jinħarġu fil-fruntiera;

– persuni li jinqabdu u lmenti (offiżi kriminali u ksur amministrattiv);

– persuni li ma jitħallewx jidħlu jew jitilqu (numru u nazzjonalitajiet);

– miżuri oħra importanti b'mod partikulari minn naħa tal-pulizija jew miżuri ġudizzjarji;

– ġrajjiet partikulari.

ANNESS V
Meta jiġu llaxkati l-kontrolli fil-fruntieri fuq l-art

1. Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux mistennija li jissemmew fl-Artikolu 7(1) jiġu fis-seħħ meta fatti mhux mistennija jwasslu għal tant intensità fit-traffiku li d-dewmien sabiex wieħed jasal għall-postijiet fejn isiru l-kontrolli jkun eċċessiv, u r-riżorsi kollha, kemm ta' impjegati, kif ukoll ta' faċilitajiet u ta' organizzazzjoni, jkunu ġew eżawriti.

2. Fejn kontrolli jiġu llaxkati skond l-Artikolu 7(1) u (2), il-kontrolli fuq dawk li jidħlu għandhom normalment jieħdu prijorità fuq dawk li joħorġu.

3. Il-gwardja tal-fruntiera li jillaxxka l-kontrolli jrid juri diskrezzjoni. Illaxkar bħal dan tal-kontrolli jista' jsir biss temporanjament, irid ikun adattat għaċ-ċirkustanzi li jiġġustifikawh u jrid jiddaħħal gradwalment.

4. Individwi li l-gwardji tal-fruntiera jafuhom personalment, u li hu jaf, fuq bażi ta' kontroll tal-bidu, li ma kinux suġġett ta' twissija fl-SIS jew f'fajl nazzjonali tad-data u li għandhom dokument validu li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntiera, ikunu suġġetti biss għal kontrolli ta' kultant biex ikun assigurat li jkollhom dak id-dokument. Dan japplika b'mod partikulari għal dawk il-persuni li jaqsmu l-fruntiera ta' sikwit mill-istess punt. Kontrolli bir-reqqa jridu jsiru fuq dan il-grupp ta' persuni kultant żmien, mingħajr avviż u f'intervalli irregolari.

ANNESS VI

Mudelli ta' sinjali li jidentifikaw il-lejns fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera

Parti A




70

70 M'hemmx bżonn *logo* għan-Norveġja u l-Islanda.

Parti B



Parti C



71



2



2



71 M'hemmx bżonn *logo* għan-Norveġja u l-Islanda.

IL-PASSAPORTI KOLLHA



KAROZZI TAL-LINJA

IL-PASSAPORTI KOLLHA



TRAKKIJIET

ANNESS VII
L-ittimbrar

1. Ma' l-ewwel dħul, it-timbru jrid, jekk hu possibli, jsir b'mod li jkopri t-tarf tal-viża mingħajr ma jnaqqas mil-leġġibilità ta' l-indikazzjonijiet fuq il-viża jew il-marki ta' sigurtà fuq l-istiker tal-viża. Jekk ikollhom jitwaħħlu diversi timbri (per eżempju, fil-każ ta' viża għal aktar minn dħul wieħed), dan isir fuq il-paġna li tkun faċċata ta' dik fejn tkun twaħħlet il-viża.

Jekk dik il-paġna ma tkunx tista' tintuża, it-timbru għandu jsir fuq il-paġna li jmiss.

2. Timbri b'għamliet differenti (rettangolari għad-dħul, rettangolari b'irkejjen ittundjati għall-ħruġ) jintużaw biex jiċċertifikaw id-dħul u l-ħruġ. Dawn it-timbri għandhom l-ittra(i) li tidentifika(jidentifikaw) l-Istat, l-isem tal-post tal-fruntiera, id-data, in-numru tas-serje u s-simbolu bl-istampi li jindika t-tip ta' fruntiera li tkun qed tinqasam (art, baħar jew ajru).

It-timbri għandhom ukoll kowd tas-sigurtà b'żewġ numri, li għandu jinbidel f'intervalli regolari li ma jkunux ta' iktar minn xahar.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kodiċi ta' sigurtà tat-timbri tad-dħul u tal-ħruġ użati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera, ikollhom aċċess immedjat għall-informazzjoni dwar it-timbri tad-dħul u tal-ħruġ komuni, użati fil-fruntiera esterna ta' l-Istat Membru kkonċernat, u b'mod partikulari għall-informazzjoni dwar dan li ġej:

– il-punt li minnu tinqasam il-fruntiera li għalih ikun ġie assenjat timbru partikolari;

– l-identità ta' l-uffiċjal partikulari tal-kontroll fil-fruntiera li lilu jkun ġie assenjat timbru partikulari fi kwalunkwe ħin;

– il-kodiċi ta' sigurtà ta' timbru partikulari fi kwalunkwe ħin.

Kwalunkwe mistoqsijiet dwar timbri tad-dħul u tal-ħruġ komuni għandhom isiru permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali msemmija hawn fuq.

Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jgħaddu lill-punti ta' kuntatt l-oħra, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod immedjat l-informazzjoni dwar timbri li jkunu ntilfu jew insterqu.

ANNESS VIII

Parti A
Proċeduri biex wieħed ma jitħalliex jidħol

1. Meta gwardja tal-fruntiera ma jħallix lil xi ħadd jidħol:

– għandu jimla l-formola standard għal dħul miċħud, kif jintwera f'Parti B, u jagħti kopja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz affettwat minn din id-deċiżjoni;

– iwaħħal timbru ta' dħul fuq il-passaport, ingassat b'salib magħmul b'linka sewda li ma titħassarx, u jikteb faċċata tiegħu fuq in-naħa tal-lemin, anki hawn b'linka li ma titħassarx, l-ittra(i) li tikkorrispondi(jikkorrispondu) għar-raġuni(jiet) li minħabba fihom ikun ġie miċħud id-dħul, bil-lista tagħhom tingħata fuq il-formola standard għal dħul miċħud imsemmija hawn fuq;

– jekk jinnota li d-detentur ta' viża għal żjara qasira kien is-suġġett ta' twissija fl-SIS sabiex ma jitħalliex jidħol, għandu jikkanċella l-viża bili jwaħħal timbru li jgħid "CANCELLED" ("IKKANĊELLAT"). Għandu jinforma lill-awtoritajiet ċentrali b'din id-deċiżjoni immedjatament. Il-proċedura biex jagħmel dan hi deskritta fil-punt 2.1 ta' l-Anness 14 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

– kull darba li ma jitħalliex jidħol xi ħadd iniżżel f'reġistru jew f'lista li turi l-identità, in-nazzjonalità, ir-referenzi tad-dokument li jawtorizza lil ċittadin ta' pajjiż terz biex jaqsam il-fruntiera u r-raġuni għaliex, u d-data ta' meta ma tħalliex jidħol;

– jekk ikun hemm raġunijiet kemm sabiex ċittadin ta' pajjiż terz ma jitħalliex jidħol u kemm sabiex jiġi arrestat, irid jikkuntattja lill-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli biex jiddeċiedu dwar x'għandu jsir skond il-liġi nazzjonali.

2. Fejn, skond l-Artikolu 11(2), jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tinħareġ viża fil-fruntiera lil ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkollux waħda, din tinħareġ billi jitwaħħal stiker fuq id-dokument ta' l-ivvjaġġar fejn tista' tiġi ttimbrata viża. Jekk ma jkunx hemm aktar spazju fid-dokument, jew jekk ma jkunx possibli fi kwalunkwe każ li titwaħħal viża fid-dokument, allura, b'mod eċċezzjonali, din għandha titwaħħal fuq karta separata mdaħħla fid-dokument. F'każ bħal dan, irid jintuża il-mudell standard tal-karta li fuqha titwaħħal viża, kif hemm fir-Regolament (KE) Nru 333/2002[72].

3. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz, li ma jitħalliex jidħol, ikun twassal fil-fruntiera permezz ta' trasportatur bl-ajru, bil-baħar jew fuq l-art, l-awtorità responsabbli lokalment trid:

- tordna lit-trasportatur jieħu ħsieb il-frustier u jieħdu jew jeħodha lura, mingħajr dewmien, lejn l-Istat terz minn fejn ikun inġieb, lejn l-Istat terz li jkun ħariġlu d-dokument li jawtorizzah jaqsam il-fruntiera, jew lejn kwalunkwe Stat terz fejn ikun garantit li jista' jidħol. Jekk it-trasportatur ma jkunx jista' jsegwi din l-ordni immedjatament, irid ikun assigurat trasport immedjat lejn Stat terz permezz ta' trasportatur ieħor. It-trasportatur għandu jħallas l-ispejjeż

[72] ĠU L 53, 23.2.2002, p. 4.

ta' l-alloġġ, il-manteniment u l-vjaġġ tar-ritorn, skond id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001;[73]

- sakemm dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ingħataw permess jidħlu jkunu trasportati lejn pajjiż ieħor, iridu jittieħdu miżuri xierqa, skond il-liġi nazzjonali u skond iċ-ċirkustanzi lokali, sabiex huma ma jidħlux illegalment.

[73] ĠU L 187, 10.7.2001, p. 45.

Parti B
Formola standard għal min ma jitħalliex jidħol

Isem l-Istat

***LOGO* TA' L-ISTAT (Isem ta' l-uffiċċju)**

_____

[74]

DĦUL MIĊĦUD FIL-FRUNTIERA

Fi _____ fi (ħin) _____ fuq il-punt tal-fruntiera _____

Aħna, is-sottoskritti, _____ għandna quddiemna:

Kunjom _____ Isem _____

Data tat-twelid _____ Post tat-twelid _____ Sess: _____

Nazzjonalità _____ Residenti fi _____

Tip ta' dokument ta' identità _____ numru _____

Maħruġ fi (post) _____ fi (data) _____

Numru tal-viża_____tip _____ maħruġ minn _____

Validu minn ____ sa ____

Għal perjodu ta'____ ġranet minħabba dawn ir-raġunijiet:_____

Ġej minn_____ permezz ta' _____ (indika l-mezz ta' trasport użat, eż. numru tat-titjira), hu/hi hawnhekk infurmat/a li mhux se jitħalla/titħalla jidħol/tidħol fil-pajjiż skond *(indika r-referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ),* **għal dawn ir-raġunijiet:**

[74] M'hemmx bżonn *logo* għan-Norveġja u l-Islanda.

☐**(A) Mingħajr dokument(i) ta' l-ivvjaġġar validu(validi)**

☐**(B) Għandu(Għandha) dokument ta' l-ivvjaġġar falz**

☐**(C) Mingħajr viża valida**

☐**(D) Għandu(Għandha) viża falza/iffalsifikata**

☐**(E) Mingħajr dokumentazzjoni xierqa li tiġġustifika l-għan u l-kundizzjonijiet taż-żjara**

☐**(F) Mingħajr mezzi biżżejjed biex jgħix meta mqabbla mal-perjodu u l-forma ta' żjara, jew mal-mezzi biex jerġa' lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew minn fejn għadda**

☐**(G) Persuna li dwarha nħarġet twissija sabiex ma titħalliex tidħol**

☐**fl-SIS**

☐**fir-reġistru nazzjonali**

☐**(H) Persuna meqjusa ta' theddida għall-ordni pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea** *(kull Stat irid jindika r-referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha x'taqsam ma' każijiet bħal dan fejn persuna ma titħalliex tidħol*).

Kummenti

Il-persuna kkonċernata tista' tappella kontra d-deċiżjoni li ma titħalliex tidħol kif hemm stipulat fil-liġi nazzjonali. Il-persuna kkonċernata tirċievi kopja ta' dan id-dokument *(kull Stat irid jindika r-referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-dritt ta' l-appell)*.

Persuna kkonċernata	**Uffiċjal responsabbli mill-kontrolli**

ANNESS IX
Lista ta' servizzi nazzjonali responsabbli għal kontrolli fil-fruntiera

Is-servizzi nazzjonali responsabbli għal kontrolli fil-fruntiera skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru għall-finijiet ta' l-Artikolu 13(2) huma:

– għar-Renju tal-Belġju: il-Pulizija Federali (Police Fédérale / Federale Politie) u d-Dwana;

– għar-Repubblika Ċeka: Id-dipartimenti tas-Servizz tal-Pulizija għall-Frustieri u tal-Fruntiera huma inkarigati mill-kontrolli fuq persuni fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera, il-fruntiera "ħadra" u l-ajruporti internazzjonali. L-uffiċċji tad-dwana relevanti fil-fruntiera huma inkarigati mill-kontrolli tal-merkanzija;

– għar-Renju tad-Danimarka: il-Pulizija;

– għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja: Bundesgrenzschutz, id-Dwana u l-Pulizija tal-Länder fil-Bavarja, Bremen u Hamburg;

– għar-Repubblika ta' l-Estonja: il-Bord tal-Gwardja tal-Fruntiera (Piirivalveamet) u l-Bord tad-Dwana (Tolliamet);

– għar-Repubblika Ellenika: Ελληνική Αστυνομία (Helliniki Astynomia), Λιμενικό Σώμα (Limeniko Soma), Τελωνεία (Telonia);

– għar-Renju ta' Spanja: Cuerpo Nacional de Policía, Guardia Civil, Servicios de Aduanas;

– għar-Repubblika Franċiża: DCPAF (Direction centrale de la police aux frontières), id-Dwana;

– għar-Repubblika Taljana: Polizia di Stato, Carabinieri, Guardia di finanza;

– għar-Repubblika ta' Ċipru: Αστυνομία Κύπρου (Pulizija ta' Ċipru), Τμήμα Τελωνείων (Dipartiment tad-Dwana u s-Sisa);

– għar-Repubblika tal-Latvja: Valsts robežsardze (Gwardja Statali tal-Fruntiera), Muita (Id-Dwana), Sanitārā robežinspekcija (Spezzjoni Sanitarja tal-Fruntiera);

– għar-Repubblika tal-Litwanja: is-Servizz Statali tal-Gwardja tal-Fruntiera taħt il-Ministeru ta' l-Intern;

– għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu: id-Dwana, Diviżjoni speċjali tal-Gendarmerie fl-ajruport;

– għar-Repubblika ta' l-Ungerija: il-Gwardja tal-Fruntiera;

– għar-Repubblika ta' Malta: il-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni u d-Dipartiment tad-Dwana;

– għar-Renju ta' l-Olanda: Koninklijke Marechaussee, id-Dwana (dħul u sisa), il-Pulizija tad-Distrett ta' Rotterdam (port);

– għar-Repubblika ta’ l-Awstrija: Bundespolizei (Pulizija Federali), Gendarmerie, id-Dwana;

– għar-Repubblika tal-Polonja: il-Gwardja tal-Fruntiera;

– għar-Repubblika Portugiża: Serviço de Estrangeiros e Fronteiras, Direcção-Geral de Alfândegas, Brigada Fiscal da Guarda Nacional Républicana;

– għar-Repubblika tas-Slovenja: il-Pulizija u d-Dwana, din ta’ l-aħħar biss fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera mar-Repubblika ta’ l-Italja u r-Repubblika ta’ l-Awstrija;

– għar-Repubblika Slovakka: Pulizija tal-Fruntiera u d-Dwana;

– għar-Repubblika tal-Finlandja: Gwardji tal-Fruntiera, d-Dwana u l-Pulizija;

– għar-Renju ta’ l-Isvezja: primarjament il-Pulizija, mgħejuna mid-Dwana, il-Gwardja Kostali u l-Uffiċċju tal-Migrazzjoni. Kontrolli u spezzjonijiet fuq persuni li jkunu fuq il-baħar isiru mill-Gwardja Kostali;

– għar-Repubblika ta’ l-Islanda: Ríkislögreglustjóri (Direttur-Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali), Lögreglustjórar (Kapijiet tal-Pulizija Distrettwali);

– għar-Renju tan-Norveġja: kontrolli fil-fruntiera huma, bażikament, fost ir-responsabbiltajiet tal-pulizija. Imma f’ċerti ċirkustanzi, fuq talba tal-kap tal-pulizija lokali, il-kontrolli jistgħu isiru mid-Dwana u l-forzi armati (Gwardja Kostali jew il-Gwarniġjon ta’ Varanger-South). F’każi bħal dawn dawk is-servizzi għandhom setgħat limitati ta’ pulizija.

ANNESS X
Regoli speċjali u dettaljati għal tipi differenti ta' fruntieri u l-mezzi differenti ta' trasport użati biex jinqasmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri

1. Il-fruntieri fuq l-art

1.1. Il-kontrolli fuq it-traffiku fit-toroq

1.1.1. Sabiex ikunu assigurati kontrolli effettivi fuq persuni, filwaqt li jkunu assigurati s-sigurtà u li t-traffiku fit-toroq jibqa' għaddej mingħajr diffikultajiet, iċ-ċaqliq fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera għandhom ikunu rregolati b'mod xieraq. F'każ ta' bżonn, miżuri biex it-traffiku jiġi dirett u mblukkat jittieħdu skond il-ftehim dwar l- uffiċċji ta' kontroll nazzjonali kollokati.

1.1.2. Fil-fruntieri fuq l-art, l-Istati Membri jistgħu, fejn jaraw li hu xieraq u jekk iċ-ċirkustanzi jippermettu, jinstallaw passaġġi jew joperaw lejns separati ta' kontroll f'ċerti punti fejn tinqasam il-fruntiera, skond l-Artikolu 8.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ma jużawx passaġġi jew lejns separati meta jidhrilhom, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u fejn it-traffiku u l-kundizzjonijiet ta' l-infrastruttura hekk jeħtieġu.

L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw mal-pajjiżi ġirien għall-installazjoni ta' passaġġi jew lejns separati fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera esterna.

1.1.3. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jinstalla passaġġi jew juża lejns separati, ir-regoli indikati fl-Artikolu 8(2) u (3) dwar l-indikazzjonijiet minimi li għandhom jintużaw fuq sinjali, għandhom japplikaw.

Lejns speċifiċi jistgħu jiġu ppjanati u installati għal persuni eliġibbli għal reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera.

1.1.4. Bħala regola ġenerali, persuni li jivvjaġġaw f'vetturi jistgħu jibqgħu ġo fihom waqt il-kontrolli. Il-kontrolli għandhom isiru barra l-kjosk tal-punt tal-kontroll, ħdejn il-vettura. Kontrolli bir-reqqa jridu jsiru, jekk iċ-ċirkustanzi lokali jippermettu, ħdejn it-triq ewlenija f'żoni maħsuba għal dak il-għan. Fl-interess tas-sigurtà ta' l-impjegati, il-kontrolli għandhom isiru minn, mill-inqas, żewġ gwardji tal-fruntiera.

Fil-każ li jkun hemm ħafna traffiku, passiġġieri ta' karozzi tal-linja fuq rotot lokali regolari għandhom ikunu kkontrollati l-ewwel, fejn tippermeti s-sitwazzjoni lokali.

1.2. Il-kontrolli fuq it-traffiku tal-ferrovija

1.2.1. Kontrolli fuq traffiku tal-ferrovija jista' jsir b'dawn iż-żewġ modi:

– fuq il-pjattaforma, fl-ewwel stazzjon tal-wasla jew tat-tluq fit-territorju ta' Stat Membru,

– abbord il-ferrovija, waqt il-vjaġġ.

Meta jsiru dawn il-kontrolli, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar il-kollokazzjoni ta' uffiċċji ta' kontroll nazzjonali għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni.

1.2.2. Biex ikun iffaċilitat it-traffiku ta' ferroviji internazzjonali tal-passiġġieri, l-Istati direttament affettwati mill-passaġġ tal-ferroviji jistgħu jiddeċiedu, bi ftehim komuni, biex jagħmlu kontrolli fuq passiġġieri minn pajjiżi terzi, jew fl-istazzjonijiet tad-destinazzjoni, u/jew abbord il-ferrovija waqt il-passaġġ bejn dawn l-istazzjonijiet, dejjem jekk il-passiġġieri jibqgħu abbord il-ferrovija fl-istazzjon/stazzjonijiet ta' qabel.

Fil-każ tal-ferroviji internazzjonali minn Stati terzi li jagħmlu diversi waqfiet fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk it-trasportatur ikun f'pożizzjoni li jtella' passiġġieri esklussivament għal vjaġġ fit-territorju ta' l-Istati Membri, dawn il-passiġġieri għandhom ikunu suġġetti għall-kontrolli tad-dħul, jew fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon tad-destinazzjoni.

Meta jivvjaġġaw fid-direzzjoni opposta, il-passiġġieri għandhom ikunu suġġetti għall-kontrolli tat-tluq skond arranġamenti simili.

1.2.3. Il-passiġġieri li jixtiequ jirkbu l-ferrovija fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-punt 1.2.2 fit-territorju ta' l-Istati Membri, għandhom jingħataw twissija ċara minn qabel ma titlaq il-ferrovija li jistgħu jkunu suġġetti għal kontrolli personali waqt il-vjaġġ jew fl-istazzjon tad-destinazzjoni.

1.2.4. Fil-każ ta' persuni li jivvjaġġaw fi skumpartimenti fejn wieħed jista' jorqod, id-dokumenti li jippermettulhom jaqsmu l-fruntiera normalment għandhom ikunu kkontrollati fl-iskumpartiment ta' l-attendent, dejjem jekk ikun ġabar dawn id-dokumenti skond ir-regoli li japplikaw għalih, u li jżommhom disponibbli għall-kontrolli. Fil-bidu tal-kontroll, irid jiġi verifikat jekk hemmx id-dokumenti li jħallu lill-passiġġieri jaqsmu l-fruntiera, billi jitqabblu dawn id-dokumenti mal-lista ta' min ikun fi skumpartiment u/jew il-lista tal-prenotazzjonijiet. L-identità tal-persuni fl-iskumpartimenti trid tkun verifikata, jekk hu possibli, quddiem l-attendent, f'intervalli irregolari jew fejn ikun hemm raġunijiet speċifiċi.

1.2.5. Il-gwardja tal-fruntiera responsabbli lokalment tista' tordna li l-ispazji fil-karozzi jiġu spezzjonati b'mod sporadiku jew għal raġunijiet speċifiċi, jekk ikun hemm bżonn bl-għajnuna ta' l-ispettur tal-ferrovija, biex ikun assigurat li l-persuni jew l-oġġetti suġġetti għall-kontrolli tal-pulizija tal-fruntiera ma jkunux moħbija fihom.

1.2.6. Fejn ikun hemm raġunijiet sabiex wieħed jaħseb li persuni li kienu rrapportati jew issuspettati li wettqu xi offiża, jew ċittadini ta' pajjiż terz li biħsiebhom jidħlu b'mod illegali, jinsabu moħbija fuq il-ferrovija, il-gwardja tal-fruntiera responsabbli, jekk ma jkunx jista' jimxi skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali, għandu jgħarraf lill-Istati Membri 'l fejn tkun qed tivvjaġġa l-ferrovija jew lill-Istati Membri li fit-territorji tagħhom tkun qed tivvjaġġa l-ferrovija.

2. Il-fruntieri ta' l-ajru

2.1. Il-proċeduri għal kontrolli f'ajruporti internazzjonali

2.1.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'kooperazzjoni ma' l-operatur ta' l-ajruport, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-influss ta' passiġġieri minn titjiriet interni u titjiriet

oħrajn, ikunu separati fiżikament. Għandhom titpoġġa infrastruttura xierqa fl-ajurporti internazzjonali kollha għal dak il-għan.

2.1.2. Il-post fejn persuni u bagalji ta' l-idejn jiġu kkontrollati ikun iddeterminat skond il-proċedura li ġejja:

a) Il-passiġġieri fuq titjira minn Stat terz li jkunu fuq titjira interna għandhom ikunu suġġetti għal kontroll tad-dħul fl-ajruport li fih tasal it-titjira minn Stat terz. Il-passiġġieri fuq titjira interna li jkunu fuq it-titjira għal Stat terz (passiġġieri li jkun għadhom fil-vjaġġ u jkunu jridu jirkbu ajruplan ieħor) għandhom ikunu suġġetti għal kontroll tat-tluq fl-ajruport tat-tluq tat-titjira aħħarija.

b) Għal titjiriet minn jew lejn Stati terzi li ma jkollhomx passiġġieri li jkunu jridu jirkbu fuq ajruplan ieħor u titjiriet li jagħmlu iktar minn waqfa waħda fl-ajruporti ta' l-Istati Membri fejn ma jinbidilx l-ajruplan:

   i) passiġġieri fuq titjiriet minn jew lejn Stati terzi fejn m'hemmx trasferiment qabel jew wara fit-territorju ta' l-Istati Membri għandhom ikunu suġġetti għal kontroll tad-dħul fl-ajruport tad-dħul u kontroll tat-tluq fl-ajruport tat-tluq;

   ii) passiġġieri fuq titjiriet minn jew lejn Stati terzi b'aktar minn waqfa waħda fit-territorju ta' l-Istati Membri fejn ma jkunx hemm bidla fl-ajruplan (passiġġieri ta' *transit*), u sakemm passiġġieri ma jkunux jistgħu jirkbu l-inġenju ta' l-ajru għall-parti tal-vjaġġ li tinsab fit-territorju ta' Schengen, għandhom ikunu suġġetti għal kontroll tad-dħul fl-ajruport fejn jaslu u kontroll tat-tluq fl-ajruport minn fejn jitilqu;

   (iii) fejn linja ta' l-ajru tista', għal titjiriet minn Stati terzi b'iktar minn waqfa waħda fit-territorju ta' l-Istati Membri, ittella' passiġġieri abbord biss għall-parti tal-vjaġġ li jkun fadal f'dan it-territorju, il-passiġġieri għandhom ikunu suġġetti għal kontroll tat-tluq fl-ajruport minn fejn jitilqu u kontroll tad-dħul fl-ajruport fejn jaslu.

   Il-kontrolli fuq passiġġieri, li waqt il-waqfiet, diġà jkunu abbord l-inġenju ta' l-ajru u li ma jkunux telgħu fuqu fit-territorju ta' l-Istati Membri, għandhom isiru skond punt (a). Il-proċedura bil-maqlub għandha tapplika għal dik il-kategorija ta' titjiriet fejn il-pajjiż ta' destinazzjoni hu Stat terz.

2.1.3. Il-kontrolli fuq persuni għandhom isiru fuq l-inġenju ta' l-ajru. Sabiex ikun assigurat li fl-ajruporti li ntgħażlu bħala punti awtorizzati biex minnhom tinqasam il-fruntiera, il-passiġġieri jistgħu jkunu kkontrollati skond ir-regoli msemmija fl-Artikoli 6 sal-11, l-Istati Membri jridu, bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-ajruport u ma' min ikun qed jipprovdi t-trasport, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-traffiku tal-passiġġieri jkun iggwidat lejn faċilitajiet maħsuba għall-kontrolli.

L-operatur ta' l-ajruport għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ma jħallix li persuni mhux awtorizzati jidħlu u joħorġu miż-żoni riservati, per eżempju, iż-żona ta' passaġġ.

2.1.4. Fejn, ikun hemm forza maġġuri jew f'każi ta' periklu imminenti jew fuq struzzjonijiet mill-awtoritajiet, inġenju ta' l-ajru fuq titjira internazzjonali għandu jillandja fuq art apposta li mhix punt awtorizzat biex minnu tinqasam il-fruntiera, dak l-inġenju ta' l-ajru jista' jkompli

bit-titjira biss wara awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli u s-sorveljanza fil-fruntiera u mid-Dwana. L-istess għandu japplika meta inġenju ta' l-ajru barrani jillandja mingħajr permess. Fi kwalunkwe każ, l-Artikoli 6 sal-11 għandhom japplikaw għall-passiġġieri fuq inġenju ta' l-ajru bħal dak.

2.2. Il-proċeduri għal kontrolli f'ajrudromijiet

2.2.1. Għandu jkun assigurat li l-passiġġieri jkunu wkoll ikkontrollati, skond ir-regoli indikati fl-Artikoli 6 sal-11, f'ajruporti li m'għandhomx status ta' ajurport internazzjonali skond il-liġi nazzjonali relevanti ("ajrudromijiet") imma jkunu awtorizzati biex minnhom jgħaddu titjiriet internazzjonali.

2.2.2. M'hemmx ħtieġa li jsiru arranġamenti xierqa fl-ajrudromijiet sabiex ikun assigurat li l-influssi ta' passiġġieri minn titjiriet interni u titjiriet internazzjonali jkunu separati fiżikament, mingħajr preġudizzju għal Regolament (KE) Nru 2320/2000 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.[75] Meta l-volum tat-traffiku jkun baxx, il-gwardji tal-fruntiera m'hemmx bżonn ikunu preżenti l-ħin kollu, sakemm ikun hemm garanzija li l-personal meħtieġ ikun jista' jintuża meta jkun hemm bżonnu, mingħajr dewmien.

2.2.3. Fejn il-preżenza tal-gwardji tal-fruntiera ta' l-ajrudrom ma tkunx assigurata l-ħin kollu, id-direttur ta' dan l-ajrudrom jinħtieġ li jagħti għarfien minn kmieni biż-żejjed lill-awtoritajiet responsabbli biex iwettqu kontrolli fil-fruntiera dwar il-wasla u t-tluq ta' ajruplani li jkunu fuq rotta internazzjonali. Hu awtorizzat li jissejħu uffiċjali tal-pulizija awżiljarji, dejjem jekk dan ikun permess mil-liġi nazzjonali.

2.3. Il-kontrolli fuq it-titjiriet privati

2.3.1. Fil-każ ta' titjiriet privati, il-kaptan irid jittrażmetti lill-awtoritajiet tal-fruntiera ta' l-Istat Membru 'il fejn sejjer u, fejn ikun xieraq, lill-Istat membru ta' l-ewwel dħul, qabel ma jitlaq, dikjarazzjoni ġenerali li tinkludi, fost l-oħrajn, pjan tat-titjira skond l-Anness 2 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u informazzjoni dwar l-identitajiet tal-passiġġieri.

2.3.2. Fejn titjiriet privati, li jkunu ġejjin minn Stat terz u sejrin għal Stat Membru, jagħmlu waqfiet fit-territorju ta' Stati Membri oħra, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-dħul iridu jwettqu kontrolli fuq il-persuni u japplikaw timbru tad-dħul mad-dikjarazzjoni ġenerali msemmija fil-punt 2.3.1.

2.3.3. Fejn ma jkunx hemm ċertezza jekk titjira tkunx esklussivament minn, jew sejra biss lejn, it-territorji ta' l-Istati Membri mingħajr ma tillandja fit-territorju ta' Stat terz, l-awtoritajiet kompetenti jridu jagħmlu kontrolli fuq il-persuni fl-ajruporti u fl-ajrudromijiet skond il-punti 2.1 sat-2.2.

2.3.4. L-arranġamenti għad-dħul u l-ħruġ ta' glajders, inġenji ta' l-ajru *micro-light*, ħelikopters, inġenji ta' l-ajru fuq skala żgħira li jistgħu jtiru għal distanzi qosra biss u *airships* għandhom ikunu indikati mil-liġi nazzjonali u, fejn hu applikabbli, minn ftehim bilaterali.

[75] ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.

3. Il-fruntieri fuq il-baħar

3.1. Il-proċeduri ġenerali ta' kontroll fuq it-traffiku marittimu

3.1.1 Il-kontrolli fuq il-bastimenti għandhom isiru fil-port tal-wasla jew tat-tluq, abbord il-bastiment jew f'żona maħsuba għal dan il-għan, li tkun tinsab fil-qrib tal-bastiment. Madanakollu, skond il-ftehim milħuq dwar din il-kwistjoni, jistgħu jsiru kontrolli wkoll waqt il-qsim jew, mal-wasla jew it-tluq tal-bastiment, fit-territorju ta' Stat terz.

L-għan tal-kontrolli hu li jkun assigurat li kemm l-ekwipaġġ u kemm il-passiġġieri jissodisfaw il-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 5, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17(1)(b).

3.1.2. Fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali u li ħadd ma jkun qed ibassarhom, il-kontrolli fuq it-traffiku tal-bastimenti jista' jiġi llaxkat skond l-Artikolu 7.

3.1.3. Il-kaptan tal-bastiment għandu jagħmel lista, b'żewġ kopji, ta' l-ewkipaġġ u kwalunkwe passiġġier skond ir-regoli indikati fid-Direttiva 98/41/KE.[76] Mal-wasla fil-port għandu jagħti l-lista(i) lill-uffiċjali responsabbli għall-kontrolli, li għandhom isiru abbord il-bastiment jew fil-qrib. Jekk, minħabba forza maġġuri, il-lista jew il-listi ma jkunux jistgħu jintbagħtu lill-uffiċjali li jagħmlu l-kontrolli, trid tintbagħat kopja lill-post tal-fruntiera fejn suppost jew lill-awtorità tat-trasport bil-baħar, li għandhom jaraw li din tintbagħat, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet li ngħataw is-setgħa li jwettqu kontrolli fil-fruntiera.

Dwar servizzi tal-lanċa skedati, il-kaptan tal-bastiment jew ir-reġistratur tal-passiġġieri m'għandhomx għalfejn jagħmlu lista tal-passiġġieri.

3.1.4. Kopja miż-żewġ listi, iffirmata mill-uffiċjal li jagħmel il-kontroll għandha tingħata lura lill-kaptan tal-bastiment, li jrid ikun jista' juriha, jekk jintalab jagħmel dan, meta jkun fil-port.

3.1.5. Il-kaptan tal-bastiment, jew jekk mhux hu dak l-individwu jew il-korporazzjoni li tirrappreżenta s-sid tal-bastiment f'dak kollu li għandu x'jaqsam mad-dmirijiet tiegħu fl-armar tal-bastiment ("l-aġent ta' sid il-bastiment"), irid jirrapporta fil-pront kwalunkwe tibdiliet fl-ekwipaġġ jew fin-numru ta' passiġġieri.

Barra minn hekk, il-kaptan hu mitlub jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti fil-pront, u jekk hu possibli anki qabel ma l-bastiment jidħol fil-port, bil-preżenza ta' nies abbord bla permess. Il-persuni li jkunu abbord bla permess għandhom, madanakollu, jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan.

3.1.6. Il-kaptan tal-bastiment irid jgħarraf lill-awtoritajiet tal-fruntiera bit-tluq tal-bastiment u jirrapporta kwalunkwe tibdiliet fl-ekwipaġġ mingħajr dewmien u skond id-Direttiva 98/41/KE u r-regoli li huma infurzati fil-port konċernat. Jekk ma jkunx jista' jgħarraf lil dawn l-awtoritajiet, għandu jgħarraf lill-awtorità relevanti tat-trasport bil-baħar. It-tieni kopja tal-lista(i), li tkun tlestiet u ġiet iffirmata minn qabel, għandha tingħata lura lil dawn l-awtoritajiet.

---

[76] ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35.

3.2. Il-proċeduri ta' kontroll speċifiċi ta' ċerti tipi ta' trasport bil-baħar

Il-bastimenti tal-kruċieri

3.2.1. Jekk bastiment tal-kruċieri jidħol f'port wara l-ieħor fit-territorju ta' l-Istati Membri, mingħajr ma jidħol f'port li jinsab barra dan it-territorju, il-kontrolli għandhom isiru b'mod normali biss fl-ewwel u fl-aħħar port li jinsab fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Madanakollu, skond l-istima tar-riskji ta' immigrazzjoni illegali, il-kontrolli jistgħu jsiru wkoll f'portijiet intermedji oħra.

3.2.2. Il-lista tal-passiġġieri trid, fil-każijiet kollha, tintbagħat mat-tluq minn port għall-port li jkun imiss, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu, b'mod sistematiku, mill-inqas kontroll amministrattiv wieħed.

3.2.3. Fejn ikun hemm raġunijiet sabiex persuni li jkunu qegħdin abbord ma jitħallewx jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli għandhom jassiguraw irwieħhom li l-persuni konċernati ma jidħlux fit-territorju, billi jżommuhom jew abbord jew f'żona maħsuba għal dan il-għan.

L-użu ta' dgħajjes tad-divertiment

3.2.4. L-Istati Membri għandhom jitolbu li dgħajjes tad-divertiment li jkunu ġejjin minn port ta' ankraġġ li m'hux dak tagħhom, jittrakkaw f'port awtorizzat sabiex isiru l-kontrolli, fid-dħul u fil-ħruġ, fuq il-persuni li jkun hemm abbord.

3.2.5. Il-persuni li jkunu qegħdin jużaw dgħajjes tad-divertiment li jitilqu u jerġgħu lura fl-istess jum, jew fi żmien qasir, lejn il-port ta' ankraġġ tad-dgħajsa fejn tkun is-soltu, li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, u li huma magħrufa ma' l-awtoritajiet tal-port, m'għandhomx ikunu kkontrollati b'mod sistematiku. Skond l-istima tar-riskji minn immigrazzjoni illegali, u b'mod partikulari, fejn il-linja tal-kosta ta' Stat terz tkun tinsab fil-qrib immedjat tat-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat, iridu jsiru kontrolli personalizzati fil-post u/jew tiftixa fiżika tal-bastiment.

3.2.6. Fejn dgħajsa tad-divertiment tkun trid, b'mod eċċezzjonali, tidħol f'port li mhux punt awtorizzat biex minnu tinqasam il-fruntiera, l-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli għandhom jiġu mgħarrfa, jekk hu possibli, qabel ma d-dgħajsa tidħol fil-port, u ċertament meta tasal. Id-dikjarazzjoni dwar il-passiġġieri għandha ssir billi titħalla l-lista tal-persuni abbord ma' l-awtoritajiet tal-port. Din il-lista għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli.

Bl-istess mod, jekk minħabba forza maġġuri, id-dgħajsa tkun trid tittrakka f'port li mhux awtorizzat biex minnu tinqasam il-fruntiera, l-awtoritajiet tal-port iridu jikkuntattjaw l-awtoritajiet fl-eqreb post ta' dħul awtorizzat sabiex jirrapportaw il-preżenza tad-dgħajsa.

3.2.7. Waqt dawn il-kontrolli, għandu jingħata dokument bil-karatteristiċi tekniċi kollha tad-dgħajsa u l-ismijiet tal-persuni abbord. Kopja ta' dan id-dokument għandu jingħata lill-awtoritajiet fil-portijiet awtorizzati tad-dħul u tat-tluq. Sakemm id-dgħajsa tibqa' fl-ilmijiet territorjali ta' wieħed mill-Istati Membri, kopja ta' din il-lista trid tkun inkluża fost il-karti tad-dgħajsa.

Is-sajd mal-kosta

3.2.8. L-ekwipaġġi ta' bastimenti għas-sajd mal-kosta li jerġgħu lura kuljum, jew kważi kuljum, lejn il-port tar-reġistrazzjoni jew lejn kwalunkwe port ieħor li jinsab fit-territorju ta' l-Istati Membri mingħajr ma jittrakkaw f'port li jinsab fit-territorju ta' Stat ieħor, m'għandhomx ikunu kkontrollat b'mod sistematiku. Madanakollu, l-istima tar-riskji ta' immigrazzjoni illegali, b'mod partikulari fejn il-linja tal-kosta ta' Stat terz tkun tinsab fil-viċinanzi mmedjati tat-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat, trid tittieħed in kunsiderazzjoni sabiex tkun iddeterminata l-frekwenza tal-kontrolli fuq il-post li għandhom isiru. Skond dawn ir-riskji, iridu jsiru kontrolli fuq persuni u/jew tiftixa fiżika tal-bastiment.

3.2.9. L-ekwipaġġi tal-bastimenti tas-sajd mal-kosta li mhumiex reġistrati f'port li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu kkontrollati skond id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-baħrin.

Il-kaptan tal-bastiment hu meħtieġ li jgħarraf lill-awtoritajiet xierqa dwar kull bidla fil-lista ta' l-ekwipaġġ jew bil-preżenza ta' kwalunkwe passiġġier.

Il-laneċ li ma jipprovdux servizzi skedati

3.2.10. Għandhom isiru kontrolli fuq passiġġieri abbord laneċ li ma jipprovdux servizzi skedati skond l-Artikolu 2. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw:

a) kontrolli fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi u kontrolli fuq persuni li għandhom id-dritt tal-Komunità għal ċaqliq ħieles għandhom isiru separatament. Fejn hu possibli, għandu jsir ix-xogħol meħtieġ ta' kostruzzjoni sabiex dan ikun assigurat skond l-Artikolu 8;

b) kontrolli fuq passiġġieri mingħajr vetturi għandhom isiru b'mod individwali;

c) kontrolli fuq nies li jkunu f'vetturi għandhom isiru meta huma jkunu fil-vettura;

d) passiġġieri tal-laneċ li jkunu qed jivvjaġġaw b'xarabank għandhom jitqiesu bħala passiġġieri mingħajr vettura. Dawn il-passiġġieri għandhom jinżlu mix-xarabank għall-kontrolli;

e) kontrolli fuq ix-xufiera ta' vetturi li jġorru merkanzija tqila u fuq persuni li jkunu qed jakkumpanjawhom għandhom isiru waqt li dawn ikunu fil-vettura. Fil-prinċipju, il-kontroll għandu jkun organizzat separatament minn kontrolli fuq passiġġieri oħra;

f) biex ikun assigurat li l-kontrolli jsiru malajr, għandu jkun hemm numru biżżejjed ta' entraturi. Jekk hemm bżonn, għandha ssir entratura oħra;

g) biex jinstabu immigranti illegali, b'mod partikulari, għandhom isiru mill-inqas kontrolli għall-għarrieda fuq vetturi użati mill-passiġġieri, u fejn hu applikabbli fuq it-tagħbijiet u l-merkanzija l-oħra li jkun hemm fuq il-vettura;

h) membri ta' l-ekwipaġġ tal-lanċa għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-membri ta' l-ekwipaġġ ta' bastiment kummerċjali.

3.3. In-navigazzjoni fuq passaġġi ta' l-ilma interni

3.3.1. "Trasport fuq passaġġi ta' ilma interni li jinvolvi l-qsim ta' fruntiera esterna" ikopri l-użu għan-negozju jew għall-gost, ta' kull tip ta' dgħajsa jew bastiment li jżomm f'wiċċ l-ilma u li jivvjaġġa fuq xmajjar, kanali u lagi.

3.3.2. Fil-każ ta' dgħajjes użati għall-finijiet ta' kummerċ, il-kaptan u l-persuni impjegati abbord li jidhru fuq il-lista ta' l-ekwipaġġ u l-membri tal-familji ta' dawn il-persuni li jgħixu abbord għandhom jitqiesu bħala membri ta' l-ekwipaġġ jew ekwivalenti għalihom.

3.3.3. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-punti 3.1 sat-3.2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kontrolli fuq trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni.

ANNESS XI
L-arranġamenti speċjali għal ċerti kategoriji ta' persuni

1. Il-piloti ta' inġenji ta' l-ajru u membri oħra ta' l-ekwipaġġ

1.1. Id-detenturi ta' liċenzja ta' pilota jew ċertifikat ta' membru ta' l-ekwipaġġ kif hu provdut fl-Anness 9 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili tas-7 ta' Diċembru 1944 jistgħu, waqt il-qadi ta' dmirijiethom u fuq il-bażi ta' dawk id-dokumenti:

- jimbarkaw u jiżbarkaw fl-ajruport tal-waqfa (*stopover*) jew fl-ajruport tad-destinazzjoni li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru;

- jidħlu fit-territorju tal-muniċipalità ta' l-ajruport tal-waqfa jew l-ajruport tad-destinazzjoni li insab fit-territorju ta' Stat Membru;

- imorru, permezz ta' kwalunkwe mezz ta' trasport, lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru biex jimbarkaw fuq inġenju ta' l-ajru li jkun se jitlaq mill-istess ajruport.

1.2. L-Artikoli 6 sal-11 għandhom japplikaw għall-kontrolli fuq membri ta' l-ekwipaġġ ta' inġenju ta' l-ajru. Fejn hu possibli, trid tingħata prijorità lill-kontrolli fuq ekwipaġġi ta' inġenji ta' l-ajru. Speċifikament, għandhom ikunu kkontrollati jew qabel il-passiġġieri jew f'postijiet speċjali maħsuba għal dan il-għan. Ekwipaġġi magħrufa ma' l-impjegati responsabbli mill-kontrolli waqt il-qadi ta' dmirjiethom jistgħu jkunu suġġetti għal kontrolli għall-għarrieda biss.

2. Il-baħrin

2.1. Baħrin li għandhom dokument ta' l-identità ta' baħħara maħruġ skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tad-19 ta' Ġunju 2003 (Nru 185), il-Konvenzjoni ta' Londra tad-9 ta' April 1965 u d-dispożizzjonijiet relevanti nazzjonali, jistgħu jinżlu l-art biex jibqgħu fiż-żona tal-port fejn jidħlu l-bastimenti tagħhom jew f'muniċipalitajiet fil-qrib mingħajr ma jippreżentaw irwieħhom f'punt fejn li minnu tinqasam il-fruntiera, sakemm huma jkunu jidhru fuq il-lista ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment li qegħdin jaħdmu fuqu, li tressqet qabel għall-kontroll mill-awtoritajiet kompetenti.

Skond l-istima tar-riskji, speċjalment dawk minn immigrazzjon illegali u sigurtà, il-baħrin għandhom ikunu kkontrollati viżwalment mill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jiinżlu l-art.

Jekk baħri hu ta' periklu għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika, jista' ma jingħatax permess li jinżel l-art.

2.2. Baħrin li biħsiebhom joqogħdu barra l-muniċipalitajiet li jinsabu qrib tall-portijiet, għandhom iħarsu l-kundizzjonijiet biex jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri, kif indikati fl-Artikolu 5(1).

2.3. Bħala deroga mill-punt 2.2, id-detenturi ta' dokument ta' l-identità ta' baħħara jistgħu jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri, anki jekk ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul indikati fl-Artikolu 5(1)(b) u (c), skond iċ-ċirkustanzi msemmija hawn isfel:

a) jitilgħu fuq bastiment li diġà ankra jew dalwaqt jasal f'port ta' l-Istati Membri;

b) passaġġ għal Stat terz jew ritorn lejn l-Istat ta' l-oriġini;

c) każijiet ta' emerġenza jew ta' bżonn (mard, tkeċċija mix-xogħol, tmiem tal-kuntratt, eċċ.).

F'każi bħal dawn, detenturi ta' dokument ta' l-identità ta' baħħara li għandhom bżonn ikollhom viża minħabba n-nazzjonalità tagħhom u m'għandhomx waħda meta jkunu deħlin fit-territorju ta' Stat Membru, tista' tinħarġilhom viża fil-fruntiera skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 415/2003.

Ikun xi jkun il-każ, il-gwardji tal-fruntiera jridu jikkontrollaw li l-baħrin konċernati għandhom dokument ta' l-ivvjaġġar validu, li l-ebda twissija ma nħarġet sabiex ma jitħallewx jidħlu u li m'humiex ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika ta' l-Istat Membru. Il-gwardji tal-fruntiera għandhom, barra minn hekk, jikkontrollaw, jekk hemm bżonn u fejn hu applikabbli, dawn l-affarijiet ukoll:

– dikjarazzjoni bil-miktub mingħand sid il-bastiment jew mingħand l-aġent ta' sid il-bastiment konċernat,

– dikjarazzjoni bil-miktub mingħand l-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari xierqa,

– provi li nġiebu wara verifika speċifika mill-awtoritajiet tal-pulizija jew, fejn hu xieraq, minn amministrazzjonijiet kompetenti oħra,

– kuntratt awtentikat billi jitwaħħal it-timbru ta' l-awtorità marittima.

3. Id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

3.1. Minħabba l-privileġġi speċjali jew l-immunitajiet li għandhom, id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz maħruġa minn Stati jew Gvernijiet rikonoxxuti mill-Istati Membri, flimkien mad-detenturi ta' dokumenti maħruġa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali li tagħhom hemm lista fil-punt 3.4, li qed jivvjaġġaw waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jistgħu jingħataw trattament favorevoli billi jingħataw prijorità fuq vjaġġaturi oħra għall-kontrolli fil-fruntiera, anki jekk jibqgħu, fejn hemm bżonn, suġġetti għall-ħtieġa ta' viża.

Bħala regola ġenerali, persuni li għandhom dawn id-dokumenti m'għandhomx għalfejn jippruvaw li għandhom mezzi biżżejjed biex jgħixu.

3.2. Jekk persuna li tippreżenta ruħha fi fruntiera esterna titlob privileġġi, immunitajiet u eżenzjonijiet, l-uffiċjal responsabbli mill-kontrolli jista' jitolob lil din il-persuna tipprovdi xhieda ta' l-istatus tagħha billi turi dokumenti relevanti, b'mod partikulari ċertifikati maħruġa mill-Istat li qed jagħti l-kredenzjali jew passaport diplomatiku jew mezzi oħra. Jekk għandu xi dubji, l-uffiċjal jista', f'każ ta' bżonn urġenti, japplika direttament lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

3.3. Membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u ta' rappreżentazzjonijiet konsulari u l-familji tagħhom jistgħu jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri meta jippreżentaw il-kard imsemmija fl-Artikolu 17(2) u d-dokument li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntiera. Barra minn hekk, il-gwardji tal-fruntiera ma jistgħux, fl-ebda ċirkustanza, ma jħallux lid-detenturi ta'

passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri mingħajr ma l-ewwel jikkonsultaw ma' l-awtoritajiet nazzjonali relevanti. Dan għandu japplika wkoll fejn inħarġet twissija fl-SIS għal din il-persuna.

3.4. Id-dokumenti maħruġa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali għall-għanijiet speċifikati fil-punt 3.1 huma, b'mod partikulari, dawn li ġejjin:

– *laissez-passer* tan-Nazzjonijiet Uniti maħruġ lill-impjegati tan-Nazzjonijiet Uniti u aġenziji subordinati, skond il-Konvenzjoni dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' Aġenziji Speċjalizzati, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-21 ta' Novembru 1947 fi New York;

– *laissez-passer* tal-Komunità Ewropea (KE);

– *laissez-passer* tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom);

– ċertifikat ta' leġittimità maħruġ mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa;

– dokumenti maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali tan-NATO (karta ta' l-identità militari flimkien ma' ordni tal-vjaġġ, mandat tal-vjaġġ, jew ordni tas-servizz individwali jew ta' grupp).

4. Il-ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera

4.1. Il-proċeduri biex jiġu kkontrollati ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera huma rregolati minn regoli ġenerali dwar kontrolli fil-fruntiera, b'mod partikulari l-Artikoli 6 sa 11. Il-kontrolli jistgħu, madankollu, jiġu llaxkati skond l-Artikolu 7.

4.2. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jadotta reġim ta' traffiku lokali fil-fruntiera, is-simplifikazzjonijiet prattiċi introdotti taħt dan ir-reġim, kif stipulati fl-Artikoli 4(1) u (2) u d-9(2)(d), għandhom japplikaw awtomatikament għal ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera.

5. Il-minorenni

5.1. Il-minorenni li jaqsmu l-fruntiera esterna għandhom ikunu suġġetti għall-istess kontrolli mad-dħul u mal-ħruġ bħall-adulti, kif stipulat mill-Artikoli 6 sal-11.

5.2. Fil-każ ta' minorenni li jkunu akkumpanjati, il-gwardja tal-fruntiera għandu jikkontrolla li l-persuni li jkunu qed jakkumpanjaw lill-minorenni humiex qed jieħdu ħsiebhom bħala ġenituri, speċjalment fejn il-minorenni jkunu akkumpanjati minn adult wieħed u jkun hemm raġunijiet serji għalxiex wieħed jissusspetta li dawn setgħu tneħħew b'mezzi illegali mill-kustodja tal-persuni li legalment qed jagħmluha ta' ġenituri tagħhom.

Fil-każ ta' l-aħħar, il-gwardja tal-fruntiera jrid jagħmel taħdidiet separati mal-minorenni u mal-persuna li tkun qed takkumpanjah sabiex isib nuqqas ta' konsistenza jew kontradizzjonijiet fl-informazzjoni li jingħata.

5.3. L-impjegati li jagħmlu l-kontrolli għandhom jagħtu attenzjoni partikulari lil minorenni li jkunu qed jivvjaġġaw waħidhom. Iridu jkunu żguri, b'mod partikulari, permezz ta' kontrolli bir-reqqa tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u d-dokumenti ta' appoġġ, li l-minorenni ma jħallux it-territorju kontra x-xewqat tal-persuni li qed jieħdu ħsiebhom bħala ġenituri.

ANNESS XII
Mudelli ta' kards maħruġa mill-Ministeri Barranin

[Dan l-anness se jintbagħat separatament b'CD-Rom]

ANNESS XIII
Tabella ta' korrelazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament	**Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen (SC), il-Manwal Komuni (CM) u deċiżjonijiet oħra tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen li nbidlu (SCH/Com-ex)**
Titolu I **Dispożizzjonijiet ġenerali**	
Artikolu 1 Għan	---
Artikolu 2 Definizzjonijiet	[*Dan l-Artikolu hu meħud mill-Artikolu 1 tas-SC imma ma jeħodlux postu*][*]
Artikolu 3 Skop	---
Titolu II **Il-fruntieri esterni**	
Kapitolu I **Il-qsim ta' fruntieri esterni u l-kundizzjonijiet għad-dħul**	
Artikolu 4 Il-qsim ta' fruntieri esterni	L-Artikolu 3 tas-SC Punti 1, 1.2, 1.3 (1.3.1 sa 1.3.3.), Parti I tas-CM
Artikolu 5 Il-kundizzjonijiet għad-dħul għal ċittadini ta' pajjiż terz	L-Artikolu 5(1) u (3) tas-SC Punti 2, 2.1 u 4.1, Parti I CM ; Punti 1.4.8, 1.4.9 u 6.2, Parti II tas-CM

[*] Fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/KE li tiddetermina ... il-bażi legali għal kull dispożizzjoni jew deċiżjoni li tikkostitwixxi l-acquis ta' Schengen, id-definizzjonjiet fl-Artikolu 1 tal-Kovenzjoni japplikaw għall-Artikoli kollha tal-Konvenzjoni ta' Schengen u li għalihom hi determinata bażi legali fit-Trattati. Għalhekk, strument imsejjes fuq l-Artikolu 62 tat-Trattat tal-KE ma jistax jemenda jew jieħu post definizzjoni li tapplika wkoll f'relazzjoni ma' Artikoli oħra b'bażi legali differenti (inkluż it-Trattat ta' l-Unjoni).

Kapitolu II **Il-kontroll tal-fruntieri esterni u d-dħul miċħud**	
Artikolu 6 Il-kontrolli fuq persuni f'punti ta' qsim awtorizzati	L-Artikolu 6(1) u (2)(a) sa (d) tas-SC Punt 4, Parti I tas-CM Punti1 u 1.2, Part II tas-CM
Artikolu 7 L-illaxkar tal-kontrolli	L-Artikolu 6(2)(e) tas-SC Punt 1.3.5 (l-ewwel sentenza), Parti II tas-CM (ara Anness V)
Artikolu 8 Il-lejns separati u l-informazzjoni fuq is-sinjali	Id-Deċiżjoni SCH/Com-ex(94)17 rev.4
Artikolu 9 L-ittimbrar ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi	Punti 2.1.1, 2.1.2, 2.1.5 u 2.1.6, Part II tas-CM
Artikolu 10 Is-sorveljanza bejn punti li minnhom tinqasam il-fruntiera	L-Artikolu 6.3 tas-SC Punti 2.2 (2.2.1 sa 2.2.4), Parti II tas-CM
Artikolu 11 Id-dħul miċħud	Art. 5.2 tas-SC Punti 1.4.1, 1.4.2 u 5.6, Parti II tas-CM
Kapitolu III **Ir-riżorsi għall-kontrolli fil-fruntiera u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**	
Artikolu 12 Ir-riżorsi għal kontrolli fil-fruntiera	L-Artikolu 6.4 u 6.5 tas-SC
Artikolu 13 L-implimentazzjoni tal-kontrolli	Punti 1.1.1 (minbarra l-parti meħuda mill-Anness XI) u 1.1.2, Parti II tas-CM

Artikolu 14 Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri	L-Artikolu 7 tas-SC Punti 4, 4.1 u 4.2, Parti II tas-CM
Artikolu 15 Il-kontrolli konġunti	---
Kapitolu IV **Ir-regoli speċjali u dettaljati dwar il-kontrolli fil-fruntiera u proċeduri speċifiċi**	
Artikolu 16 Ir-regoli speċjali dettaljati għal tipi differenti ta' fruntieri u l-mezzi differenti ta' trasport użati biex jinqasmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri	---
Artikolu 17 L-arranġamenti speċifiċi	---
Titolu III **Il-fruntieri interni**	
Kapitolu I **It-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni**	
Artikolu 18 Qsim bejn il-fruntieri interni	Art.2.1 tas-SC
Artikolu 19 Il-kontrolli fit-territorju	Art. 2.3 tas-SC
Kapitolu II **Il-klawsola ta' salvagwardja**	
Artikolu 20 Id-dħul mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni minn Stat Membru	Art. 2.2 tas-SC

Artikolu 21 Il-proċedura normali	Id-Deċiżjoni SCH/Com-ex (95)20, rév.2
Artikolu 22 Il-proċedura ta' emerġenza	
Artikolu 23 Il-proċedura sabiex ikomplu għaddejjin il-kontrolli fil-fruntieri interni	
Artikolu 24 Dħul mill-ġdid konġunt tal-kontrolli fil-fruntieri interni minħabba theddida terroristika li taqbeż il-fruntieri	---
Artikolu 25 L-arranġamenti għal kontrolli fejn tapplika l-klawsola ta' sikurezza	---
Artikolu 26 Rapport dwar id-dħul mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni	---
Artikolu 27 Informazzjoni għall-pubbliku	---
Artikolu 28 Il-kunfidenzjalità	---
Titolu IV **Dispożizzjonijiet finali**	
Artikolu 29 Emendi għall-Annessi	---
Artikolu 30 Kumitat	L-Artikolu 8 tas-SC Regolament (KE) Nru 790/2001

Artikolu 31 Nuqqas ta' Applikabilità għal ċerti territorji	---
Artikolu 32 Notifika ta'informazzjoni lill-Istati Membri	---
Artikolu 33 Rapport dwar l-applikazzjoni ta' Titolu III	---
Artikolu 34 Imħassra u rrevokati	---
Artikolu 35 Dħul fis-seħħ	---
ANNESS I Il-punti awtorizzati biex minnhom inqasam il-fruntiera	Anness 1 għas-CM
ANNESS II L-evidenza dokumentarja li tistabbilixxi kemm huma probabbli r-raġunijiet għad-dħul	Punti 4.1.1 (4.1.1.1 sa 4.1.1.4) u 4.1.2, Parti I tas-CM
ANNESS III L-ammonti ta' referenza meħtieġa biex jinqasmu l-fruntieri, iffissati kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali	Anness 10 għas-CM
ANNESS IV Il-kontrolli fil-punti fejn tinqasam il-fruntiera awtorizzati	Punti 1.3.1, 1.3.2 u 2.3, Part II tas-CM
ANNESS V Meta jiġu llaxkati l-kontrolli fil-fruntieri fuq l-art	Punt 1.3.5 (it-tieni sentenza), 1.3.5.1, 1.3.5.2 u 1.3.5.3, Parti II tas-CM

ANNESS VI Mudelli ta' sinjali li jidentifikaw il-lejns fil-punti li minnhom tinqasam il-fruntiera	---
ANNESS VII L-ittimbrar	Punti 2.1.3 u 2.1.4, Parti II tas-CM
ANNESS VIII Parti A: Il-proċeduri biex wieħed ma jitħalliex jidħol Parti B: Il-formola standard għal min ma jitħalliex jidħol	Punti 1.4.1bis, 1.4.3., 1.4.4, 1.4.5 u 1.4.6, Parti II tas-CM Punti 5.2, Parti II tas-CM
ANNESS IX Il-lista ta' servizzi nazzjonali responsabbli mill-kontrolli fil-fruntiera skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru	Punt 1.1.1, Part II tas-CM (minbarra l-parti li ttieħdet mill -Artikolu 13)
ANNESS X Ir-regoli speċjali u dettaljati għal tipi differenti ta' fruntiera u l-mezzi differenti ta' trasport użat biex jinqasmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri	
Punt 1 – Il-fruntieri fuq l-art	
Punt 1.1. Il-kontrolli fuq it-traffiku fit-toroq	Punt 3.1, Parti II tas-CM
Punt 1.2 – Il-kontrolli fuq it-traffiku fit-toroq	Punt 3.2, Parti II tas-CM
Punt 2 – Fruntieri ta' l-ajru	
Punt 2.1 – Proċeduri għal kontrolli fl-ajruporti	Punti 3.3, 3.3.1 sa 3.3.4, Parti II tas-CM Id-Deċiżjoni SCH/Com-ex(94)17 rev.4
Punt 2.2 – L-ajrudromijiet	Punti 3.3.6, Parti II tas-CM Id-Deċiżjoni SCH/Com-ex(94)17 rev.4

Punt 2.3 – It-titjiriet privati	Punti 3.3.5 u 3.3.7, Parti II tas-CM
Punt 3 – Il-fruntieri marittimi	
Punt 3.1 – Il-proċeduri ġenerali ta' kontroll fuq traffiku marittimu	Punti 3.4.1, 3.4.2, 3.4.3, Parti II tas-CM
Punt 3.2 – Il-proċeduri speċifiċi għal ċertu tip ta' trasport bil-baħar	Punt 3.4.4 (3.4.4.1 sa 3 .4.4.5), Parti II tas-CM
Kapitolu 3.3 – It-trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni	Punt 3.5, Parti II tas-CM
ANNESS XI L-arranġamenti speċjali għal ċerti kategoriji ta' persuni	
Punt 1 – Il-piloti ta' inġenji ta' l-ajru u membri oħra ta' l-ekwipaġġ	Punt 6.4, Parti II tas-CM
Punt 2 – Il-baħrin	Punt 6.5, Parti II tas-CM
Punt 3 – Id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali	Punti 6.6. u 6.11, Parti II tas-CM
Punt 4 – Il-ħaddiema mingħajr fruntiera	Punt 6.7, Parti II tas-CM
Punt 5 – Il-minorenni	Punt 6.8, Parti II tas-CM
ANNESS XII Il-mudelli ta' kards maħruġa mill-Ministeri Barranin	Anness 13 għas-CM
ANNESS XIII Tabella ta' korrelazzjoni	---